**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ewwel Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A.
L-I ġimgħa tas-salterju.

# 28 Il-Ħadd • 2010 Novembru

**L-ewwel Ħadd tal-Avvent (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].
Ma jistax isir Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 2,1-5 Il-Mulej jiġma' l-ġnus kollha fis-sliem tas-saltna ta' dejjem.
- **Ps** 121, 1-4.4-5.6-7.8-9 Immorru ferħana f'dar il-Mulej.
- **2L** Rum 13, 11-14a Is-salvazzjoni tagħna fil-qrib.
- **E** Mt 24, 37-44 Ishru biex tkunu lesti.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ewwel Ħadd tal-Avvent [D]. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.

# It-Tnejn • 2010 Novembru 29

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 4, 2-6 Il-Mulej jiġi u jġedded kollox.
- **Ps** 121, 1-9 Fraħt meta qaluli: "Immorru f'dar il-Mulej!"
- **E** Mt 8, 5-11 Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent fis-saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S.Maris) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Il-Qaddisin kollha tal-Ordni Serafiku - Festa (abjad)
- O.C.D. - Beatu Dionisju tan-Nativitá, Presbiteru u Beatu Redent tas-Salib, Reliġjuż, Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.Carm. - Beatu Dionisju tan-Nativitá, Presbiteru u Beatu Redent tas-Salib, Reliġjuż, Martri - Tifkira (aħmar)
- O.S.A. - Beatu Federiku minn Regensburg, Reliġjuż - Tifkira (abjad)
- S.J. - Beatu Bernardu Franġisk de Hoyos, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 30 It-Tlieta • 2010 Novembru

**Sant'Andrija, Appostlu - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Rum 10, 9-18 Il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ permezz tax-xandir tal-kelma ta' Kristu.
- **Ps** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Mt 4, 18-22 Minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju u mill-Komun tal-Appostli [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Indrì, minn Betsajda, l-ewwel kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista mbagħad mar wara Kristu u ġibed lejh lil ħuh Pietru wkoll. Flimkien ma' Filippu, ressaq xi pagani quddiem Kristu u qallu bit-tifel li kellu l-ħobż u l-ħut. Jingħad li, wara Għid il-Ħamsin, mar ixandar l-Evanġelju f'ħafna artijiet u li miet imsallab fl-Akaja.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Luqa - San Andrija, Appostlu - Solennità (aħmar)
- Sliema (Sacro Cuor) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# L-Erbgħa • 2010 Diċembru 1

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 25, 6-10a Il-Mulej jistedinna għall-mejda tiegħu.
- **Ps** 22, 1-6 Ngħammar f'dar il-Mulej matul iż-żminijiet.
- **E** Mt 15, 29-37 Ġesù jfejjaq ħafna morda u jkattar il-ħobż.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. - San Edmond Campion u San Robert Southwell, Presbiteri u sħabhom, Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.P. - Beatu Ġwanni ta' Vercelli, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- Sliema (Sacro Cuor) - San Andrija, Appostlu - Festa (aħmar)

# 2 Il-Ħamis • 2010 Diċembru

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 26, 1-6 Jidħol poplu ġust li jżomm is-sewwa.
- **Ps** 117, 1.8-9.19-21.25-27a Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.
- **E** Mt 7, 21.24-27 Fis-Saltna tas-Smewwiet jidħol min jagħmel ir-rieda ta' Missieri.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.J. - Imqaddsa Verġni Marija, ta' Liesse - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. - Beata Marija Anġela Astorch, Verġni - Tifkira (abjad)
- O.F.M. Conv. - Beatu Rafel Chylinski, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2010 Diċembru

# 3

**San Franġisk Saverju, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 29, 17-24 Dak in-nhar għajnejn il-għomja jibdew jaraw.
- **Ps** 26, 1.4.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Mt 9, 27-31 Żewġ għomja jitfejqu għax jemmnu fil-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira, mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk Saverju twieled fi Spanja fl-1506. F'Parigi, fejn kien jistudja, ingħaqad ma' San Injazju ta' Loyola. Fl-1537 ordna saċerdot f'Ruma, u ngħata għall-ħidma ta' karità. Fl-1541 siefer lejn il-Lvant. Ħadem kemm felaħ għal għaxar snin ixandar l-Evanġelju fl-Indja u l-Ġappun, u ressaq kotra kbira għall-fidi. Miet fl-1552 fil-gżira ta' Sancian, iċ-Ċina.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Birgu) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad).
- S.J. - San Franġisk Saverju, Presbiteru - Festa (abjad).

# 4 Il-Sibt • 2010 Diċembru

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**
***jew* San Ġwann Damaxxenu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Is 30, 19-21.23-26 Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek.
- **Ps** 146, 1-6 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Mt 9, 35 - 10, 1.6-8 Ġesù, xħin ra l-folol, ġietu ħasra minnhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tad-Dutturi jew tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Damaxxenu twieled f'Damasku minn familja nisranija fit-tieni nofs tas-seklu 7. Tħarreġ tajjeb ħafna fil-filosofija u daħal reliġjuż fil-monasteru ta' San Saba qrib Ġerusalemm, u ordna saċerdot. Kiteb ħafna tagħlim teoloġiku, l-aktar kontra dawk li riedu jwaqqfu l-ġieħ mogħti lix-xbihat qaddisa. Miet f'nofs is-seklu 8.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. (Kalkara) - Santa Barbara, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)
- U.S.A.M. (Sliema) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-II ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2010 Diċembru 5

**It-tieni Ħadd tal-Avvent (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 11, 1-10 Jiġġudika l-imsejknin skont il-ġustizzja.
- **Ps** 71, 2.7-8.12-13.17 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja.
- **2L** Rum 15, 4-9 Kristu jsalva l-bnedmin kollha.
- **E** Mt 3, 1-12 Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tieni Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 6 It-Tnejn • 2010 Diċembru

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**
***jew* San Nikola, Isqof - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 35, 1-10 Alla ġej biex isalvakom.
- **Ps** 84, 9ab-10.11-12.13-14 Ara, Alla tagħna ġej biex isalvana.
- **E** Lq 5,17-26 Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Nikola kien isqof ta' Mira f'Liċja (illum fit-Turkija). Miet għal nofs is-seklu 4, u hu meqjum fil-Knisja kollha, l-aktar mis-seklu 10 'l hawn.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Siggiewi - San Nikola, Isqof - Solennità (abjad)

# It-Tlieta • 2010 Diċembru 7

**San Ambroġ, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

### Filgħodu

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 40, 1-11 Alla jfarraġ il-poplu tiegħu.
- **Ps** 95, 1-2.3 u 10ac.11-12.13 Alla tagħna ġej bil-qawwa.
- **E** Mt 18, 12-14 Alla ma jridx li jintilfu ż-żgħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ambroġ twieled fi Treviri minn familja Rumana għall-ħabta tas-sena 340; studja Ruma, u beda jaqdi uffiċċji pubbliċi għolja mal-gvern f'Sirmio. Fis-sena 374, waqt li kien Milan, bla ħsieb ta' xejn ħatruh isqof ta' dik il-belt u ġie ordnat fis-7 ta' Diċembru. Ħadem bir-reqqa tal-għaġeb f'dan il-ministeru, l-aktar bl-imħabba li wera lejn kulħadd li għamlitu tassew ir-ragħaj u l-imgħallem tal-fidili tiegħu. Iddefenda bil-qawwa l-jeddijiet tal-Knisja; bil-kitba u l-għemil ħadha kontra l-Arjani biex iħares it-tagħlim tajjeb tal-fidi. Miet nhar Sibt il-Għid, 4 ta' April 397.

### Filgħaxija

**Quddiesa**
Għal raġunijiet pastorali, minħabba d-devozzjoni tan-nies, flok il-Quddiesa ta' San Ambroġ, tista' ssir il-Quddiesa tas-solennità ta' għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju tas-solennità ta' għada. Salmodija mill-Komun tal-Madonna. Kompieta tal-Ħadd wara -ewwel Għasar bit-talba *Żur*.

# 8 L-Erbgħa • 2010 Diċembru

**It-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġen 3, 9-15.20 Innissel mibegħda bejn nislek u bejn nisel il-mara.
- **Ps** 97, 1-4 Ngħannu lill-Mulej, għax għamel l-għeġubijiet.
- **2L** Efes 1, 3-6.11-12 Alla għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.
- **E** Lq 1, 26-38 Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Salmodija mill-Komun tal-Madonna fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-tieni Għasar. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Beata Verġni Marija, mimlija bil-grazzja u mbierka fost in-nisa, il-magħżula biex tagħti twelid lill-Iben ta' Alla, u minħabba l-mewt salvifika tiegħu, sa mill-mument tat-tnissil tagħha, bi privileġġ singulari, Alla ħelisha minn kull tebgħa ta' dnub tan-nisel. Dan ġie pproklamat mill-Papa Piju IX, fuq bażi tad-duttrina tradizzjonali, bħala domma tal-fidi.

# Il-Ħamis • 2010 Diċembru

# 9

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**
***jew* San Ġwann Diegu Cuauhtlatoatzin - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tat-tifkira [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 41, 13-20 Jien il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael.
- **Ps** 144, 1.9.10-13ab Il-Mulej tajjeb u ħanin.
- **E** Mt 11, 11-15 Ħadd ma qam aqwa minn Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin irġiel [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Diegu, Messikan ta' fidi sempliċi, b'umiltà u ħeġġa ħabrek għall-bini tas-Santwarju tal-Madonna ta' Gwadalupe fuq l-għolja Tepeyac, qrib il-belt tal-Messiku. F'dan il-post il-Madonna deheritlu u f'dan il-post ittajjar għal għand il-Mulej.

# 10 Il-Ġimgħa • 2010 Diċembru

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 48, 17-19 Nagħtu widen għall-kmandamenti tal-Mulej.
- **Ps** 1, 1-4.6 Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja.
- **E** Mt 11, 16-19 La minn Ġwanni u lanqas minn Bin il-bniedem ma jridu jisimgħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. (Msida); Gudja (ta' Loretu) - Madonna ta' Loretu - Solennità (abjad).

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għajnsielem (Knisja Parrokkjali) - It-Translazzjoni tad-Dar tal-Madonna f'Loretu - Solennità (abjad)

# Is-Sibt • 2010 Diċembru 11

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**
***jew* San Damasu, Papa - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Sir 48, 1-4.9-11 Elija jerġa' jiġi.
- **Ps** 79, 2aċ.3b-4.15-16.18-19 Reġġagħna għal li konna, o Alla tal-eżerċti.
- **E** Mt 17, 10-13 Elija diġa' ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Papa Damasu twieled fi Spanja, għall-ħabta tas-sena 305. Daħal fil-kleru ta' Ruma, u fis-sena 366, fi żminijiet ta' nkwiet kbir, sar Papa. Laqqa' sinodi kontra x-xiżmatiċi u l-eretiċi, xerred ħafna l-ġieħ tal-martri u żejjen l-oqbra tagħhom b'versi tiegħu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Gudja; Naxxar - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.Carm. (Valletta) - Beatu Franku minn Siena - Tifkira (abjad)
- O.C.D. - Santa Marija Maravillas ta' Ġesù, Verġni - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-III ġimgħa tas-salterju.

# 12 Il-Ħadd • 2010 Diċembru

**It-tielet Ħadd tal-Avvent (vjola *jew* roża)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 35, 1-6a.10 Alla ġej biex isalvakom.
- **Ps** 145, 7.8-9a.9bċ-10 Ejja, Mulej, ħa ssalvana.
- **2L** Ġak 5, 7-10 Qawwu qalbkom, għax il-miġja tagħkom hi fil-qrib.
- **E** Mt 11, 2-11 Inti huwa dak li għandu jiġi, jew se nistennew lil ħaddieħor?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tielet Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • 2010 Diċembru 13

**Santa Luċija, Verġni u Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Luċija ħadet il-martirju f'Sirakuża, aktarx fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. Il-kult tagħha xtered kważi fil-Knisja kollha sa minn żmien antik ħafna, u isimha daħal fil-Kanone Ruman.

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Martri jew tal-Verġni [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Num 24, 2-7.15-17a Minn Ġakobb għad tidher tiela' kewkba.
- **Ps** 24, 4-9 Triqatek, Mulej, urini.
- **E** Mt 21, 23-27 Il-magħmudija ta' Ġwanni minn fejn kienet ġejja?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tal-Martri jew tal-Verġni[Ċ]. Antifoni tal-Benedictus u tal-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. (Balluta); Kalkara - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- Tarxien (Erwieħ) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
- Għarb (Bażilka tat-Tlugħ tal-Imqaddsa Verġni Marija fis-Sema "ta' Pinu") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1932) - Solennità (abjad)
- Kerċem (Knisja ta' Santa Luċija) - Santa Luċija, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)

# 14 It-Tlieta • 2010 Diċembru

**San Ġwann tas-Salib, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Rgħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Sof 3, 1-2.9-13 Is-salvazzjoni li jġib miegħu l-Messija titwiegħed lill-foqra kollha.
- **Ps** 33, 2-3.6-7.17-19.23 Il-fqajjar sejjaħ lill-Mulej, u semgħu.
- **E** Mt 21, 28-32 Ġie Ġwanni, u l-midinbin emmnuh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tad-Dutturi. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled f'Fontiberos, Spanja, għall-ħabta tal-1542. Wara xi żmien mal-Karmelitani, kien l-ewwel wieħed fost ir-reliġjużi li tħeġġeġ minn Santa Tereża ta' Avila u ndaħal għall-ħidma tar-riforma tal-Ordni fost taħbit li ma bħalu. Miet fl-1591, f'Oviedo, imfaħħar ħafna għal qdusitu u għal għerfu, kif jixhdu l-opri spiritwali miktuba minnu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. - San Ġwann tas-Salib, Presbiteru, Duttur tal-Knisja u Missier tagħna - Solennità (abjad)
- O. Carm. - San Ġwann tas-Salib, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

## L-Erbgħa • 2010 Diċembru 15

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 45, 6-8.18.21-25 Qattru, smewwiet, mill-għoli.
- **Ps** 84, 9-14 Qattru, smewwiet, mill-għoli.
- **E** Lq 7, 18-23 Morru għidu 'l Ġwanni kull ma rajtu u smajtu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# 16 Il-Ħamis • 2010 Diċembru

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Is 54, 1-10 Bħal mara mitluqa sejjaħlek il-Mulej.
- **Ps** 29, 2.4-6.11-13 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.
- **E** Lq 7, 24-30 Ġwanni huwa l-ħabbar li jħejji triq il-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. - Beata Marija tal-Anġli, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Kerċem (Kappella tas-Sorijiet Karmelitani) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1973) - Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2010 Diċembru 17

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tas-17 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġen 49, 2.8-10 Ma jitneħħiex ix-xettru minn idejn Ġuda.
- **Ps** 71, 2-4.7-8.17 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
  Hallelujah: O Għerf tal-Għoli.
- **E** Mt 1,1-17 Ktieb in-nisel ta' Ġesù, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-17 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni proprji tal-Ġimgħa ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- San Ġiljan - Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali - Solennità (abjad)

# 18 Is-Sibt • 2010 Diċembru

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent -**
**Ferja privileġġjata (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tat-18 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġer 23, 5-8 Mid-dar ta' David inqajjem rimja qaddisa.
- **Ps** 71, 1-2.12-13.18-19 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem. Hallelujah: O Sid u Mexxej tad-dar.
- **E** Mt 1,18-24 Ġesù jitwieled minn Marija, għarusa ta' Ġużeppi, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-18 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni proprji tas-Sibt ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat *O Sid u Mexxej tad-dar.* Ir-IV ġimgħa tas-salterju.

**Ir-raba' Ħadd tal-Avvent (vjola)**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent II [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 7, 10-14 Arawha, ix-xebba ssir omm.
- **Ps** 23, 1-2.3-4ab.5-6 Ħa jidħol il-Mulej: hu s-Sultan tal-glorja.
- **2L** Rum 1, 1-7 Ġesù Kristu, min-nisel ta' David, hu Iben ta' Alla.
- **E** Mt 1, 18-24 Ġesù jitwieled minn Marija, l-għarusa ta' Ġużeppi, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tar-IV Ħadd tal-Avvent [D]. Fl-Uffiċċju tal-Qari versett, lezzjonijiet u responsorji tad-19 ta' Diċembru. L-antifona għall-Benedictus proprja għas-sena A. L-antifona tal-Magnificat *O Għerq ta' Ġesse*. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# 20 It-Tnejn • 2010 Diċembru

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tal-20 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 7, 10-14 Araw, ix-xebba ssir omm.
- **Ps** 23, 1-6 Jidħol il-Mulej, is-Sultan tal-glorja.
  Hallelujah: O Għerq ta' Ġesse.
- **E** Lq 1, 26-38 Int se tnissel fi ħdanek u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-20 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni proprji tat-Tnejn ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

## It-Tlieta • 2010 Diċembru 21

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tal-21 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Pietru Kanisju, Presbiteru u Duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Għan 2, 8-14 Il-maħbub tiegħi ġej, jaqbeż fuq il-muntanji.
  *jew* Sof 3,14-18a Is-Sultan ta' Iżrael, il-Mulej, hu f'nofsok.
- **Ps** 32, 1a.2-3.11-12.20-21 Għannu bil-ferħ, o ġusti, lill-Mulej!
  Hallelujah: O Muftieħ ta' David.
- **E** Lq 1, 39-45 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-21 ta' Diċembru [E].
Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni proprji tat-Tlieta ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Pietru Kanisju, Presbiteru u Duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f' [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru twieled f'Nijmegen, l-Olanda, fl-1521; studja f'Köln, il-Ġermanja, u daħal fis-Soċjetà ta' Ġesù; fl-1546 ordna saċerdot. Bagħtuh il-Ġermanja, u għal ħafna snin, bil-kitba u l-priedki tiegħu, ħabrek bil-qawwa biex iħares u jsaħħaħ il-fidi kattolika. Kiteb ħafna kotba, l-aqwa fosthom il-Katekiżmu. Miet fi Friburgu, l-Isvizzera, fl-1597.

# 22 L-Erbgħa • 2010 Diċembru

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-22 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 1 Sam 1, 24-28 Ir-radd ta' ħajr ta' Anna għat-twelid ta' Samwel.
- **Ps** 1 Sam 2, 1.4-8 Qalbi tifraħ fil-Mulej, is-Salvatur tiegħi. Hallelujah: O Xemx tielgħa.
- **E** Lq 1, 46-56 Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-22 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni proprji tal-Erbgħa ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

# Il-Ħamis • 2010 Diċembru 23

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-23 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, Presbiteru, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Mal 3,1-4.23-24 Nibagħtilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej.
- **Ps** 24, 4bc-5ab.8-10.14 Qumu u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
  Hallelujah: O Sultan tal-ġnus.
- **E** Lq 1, 57-66 It-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-23 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni proprji tal-Ħamis ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, Presbiteru, bil-mod indikat f' [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann de Kety twieled fir-raħal ta' Kety, djoċesi ta' Krakow, fl-1390. Ordna saċerdot u għadda ħafna snin igħallem fl-università ta' Krakow. Sar kappillan tal-parroċċa ta' Ilkusi. Kien bniedem ta' fidi safja, li għallimha b'reqqa kbira, u kien imżejjen bil-virtujiet, l-aktar bit-tieba u bl-imħabba lejn għajru, hekk li sar l-eżempju ta' sħabu u tad-dixxipli tiegħu. Miet fl-1473.

# 24 Il-Ġimgħa • 2010 Diċembru
**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent - Ferja privileġġjata (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tal-24 ta' Diċembru, qari proprju tal-jum, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 2 Sam 7, 1-5, 8b-12. 14a.16 Is-saltna ta' David tibqa' għal dejjem quddiem il-Mulej.
- **Ps** 88, 2-5.27.29 Tjubitek, Mulej, irrid dejjem ngħanni.
  Hallelujah: O Għimmanu-El.
- **E** Lq 1, 67-79 Bagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-24 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni proprji tal-Ġimgħa ta' qabel il-Vġili tal-Milied. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Nota**
Wara t-Talba ta' Nofs il-Jum jispiċċa ż-żmien tal-Avvent.

**Filgħaxija**

It-Twelid ta' Sidna Ġesù - Solennità (abjad)

**Quddiesa**
tal-vġili proprja, Glorja, Kredu - mal-kliem *U ħa l-ġisem...* kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 62, 1-5 Il-Mulej tgħaxxaq bik.
- **Ps** 88, 4-5.16-17.27.29 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Atti 13, 16-17.22-25 Pawlu jixhed għal Kristu, Bin David.
- **E** Mt 1, 1-25 Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David. *jew*
- **Mt** 1, 18-25 Marija jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd. Il-Kompieta ma tingħadx minn min jieħu sehem fil-Quddiesa ta' nofsillejl.

# Is-Sibt • 2010 Diċembru 25

**It-Twelid ta' Sidna Ġesù - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-lejl tal-Milied, ta' Sbiħ il-Jum, ta' binhar proprja, Glorja, Kredu - mal-kliem *U ħa l-ġisem*… kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral. Is-saċerdot li jqaddes tliet Quddisiet jista' jżomm l-elemosina tat-tlieta li huma (CIC kan. 951 § 1)

**Quddiesa tal-Lejl tal-Milied - Lezzjonarju għall-Ħdud Sena A**

- **1L** Is 9, 2-7 Ingħatalna iben.
- **Ps** 95, 1-2a.2b-3.11-12.13 Illum twildilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.
- **2L** Tit 2, 11-14 Dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha.
- **E** Lq 2, 1-14 Illum twildilkom Salvatur.

**Quddiesa ta' Sbiħ il-Jum - Lezzjonarju għall-Ħdud Sena A**

- **1L** Is 62, 11-12 Arah ġej is-Salvatur tiegħek.
- **Ps** 96, 1 u 6.11-12 Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.
- **2L** Tit 3, 4-7 Hu salvana minħabba fil-ħniena tiegħu.
- **E** Lq 2, 15-20 Sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi u t-tarbija.

**Quddiesa ta' binhar - Lezzjonarju għall-Ħdud Sena A**

- **1L** Is 52, 7-10 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **Ps** 97, 1.2-3ab.3ċd-4.5-6 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **2L** Lhud 1, 1-6 Alla kellimna permezz ta' Ibnu.
- **E** Ġw 1, 1-18 Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna. jew Ġw 1, 1-5.9-14

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-Solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# 26 Il-Ħadd • 2010 Diċembru

**Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Sir 3, 2-6.12-14 Min jibża' mill-Mulej iweġġaħ lill-ġenituri tiegħu.
- **Ps** 127, 1-2.3.4-5 Hieni kull min jibża' mill-Mulej.
- **2L** Kol 3, 12-21 Kif għandha tkun il-ħajja tad-dar fil-Mulej.
- **E** Mt 2, 13-15.19-23 Ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u aħrab lejn l-Eġittu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- U.S.A.M. (Sliema) - Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2010 Diċembru 27

**San Ġwann, Appostlu u Evanġelista - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 1-4 Dak li rajna u smajna, dan se nxandrulkom.
- **Ps** 96, 1-2.5-6.11-12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Ġw 20, 2-8 Id-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru, u laħaq qablu ħdejn il-qabar.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Milied, salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa. It-tieni Għasar tal-Milied bil-partijiet proprji għas-27 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann, iben Żebedew, flimkien ma' ħuh Ġakbu kien xhud tat-trasfigurazzjoni ta' Kristu u tal-Passjoni tal-Mulej. Fuq il-Kalvarju rċieva lil Marija bħala omm. Fl-Evanġelju u fil-kitbiet l-oħra tiegħu juri lilu nnifsu bħala teologu li kien dehen li jikkontempla l-glorja tal-Verb inkarnat, billi jħabbar dak li hu stess ra b'għajnejh.

# 28 It-Tlieta • 2010 Diċembru

**Il-Qaddisin Innoċenti Martri - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 5 - 2, 2 Id-demm ta' Ġesù Kristu jnaddafna minn kull dnub.
- **Ps** 123, 2-5.7b-8 Ħajjitna ħelset mix-xbiek.
- **E** Mt 2, 13-18 Erodi qatel it-tfal subien kollha ta' Betlehem.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Milied, salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa. It-tieni Għasar tal-Milied bil-partijiet proprji għat-28 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Knisja tfakkar it-tfal ta' Betlehem li ġew maqtula mis-sultan Erodi, bil-ħsieb li magħhom itemm il-ħajja tat-tarbija Ġesù, li kien għadu kemm ġie meqjum mis-slaten. Sa mill-ewwel sekli tal-Knisja, dawn it-tfal ġew meqjusa bħala martri għax kienu minn tal-ewwel li xerrdu demmhom għal Alla u għall-Ħaruf.

# L-Erbgħa • 2010 Diċembru 29

**Il-ħames jum fl-Ottava tal-Milied - (abjad)**

**Quddiesa**
proprja tal-ħames jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Tumas Becket, Isqof u Martri, bil-mod indikat f' [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 1 Ġw 2, 3-11 Min iħobb lil ħuh igħammar fid-dawl.
- **Ps** 95, 1-3.5b-6 Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Lq 2, 22-35 Dawl biex idawwal il-ġnus.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-Ottava. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Milied, salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa. It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar tal-Milied bil-partijiet proprji għad-29 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Tumas Becket, Isqof u Martri, bil-mod indikat f' [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Tumas twieled f'Londra fl-1118. Daħal mal-kleru ta' Canterbury u sar kanċillier tar-re; fl-1162 inħatar isqof. Iddefenda b'qawwa kbira l-jeddijiet tal-Knisja kontra r-Re Enriku II u minħabba f'hekk kellu jagħmel sitt snin eżiljat fi Franza. Meta reġa' lura f'pajjiżu kellu ħafna taħbit kbir ieħor sa ma dawk ta' madwar is-sultan qatluh fl-1170.

# 30 Il-Ħamis • 2010 Diċembru

**Is-sitt jum fl-Ottava tal-Milied - (abjad)**

**Quddiesa**
proprja tas-sitt jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 1 Ġw 2, 12-17 Min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem.
- **Ps** 95, 7-10 Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Lq 2, 36-40 Bdiet titkellem fuq it-tarbija Ġesù ma' dawk li kienu jistennew il-fidwa ta' Iżrael.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-Ottava. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Milied, salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa. It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar tal-Milied bil-partijiet proprji għat-30 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żurrieq - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2010 Diċembru 31

**Is-seba' jum fl-Ottava tal-Milied - (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**

proprja tas-seba' jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Silvestru I, Papa bil-mod indikat f' [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 1 Ġw 2, 18-21 Għandkom il-griżma minn Alla l-Qaddis, u dan tafuh ilkoll.
- **Ps** 95, 1-2.11-13 Jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Ġw 1, 1-18 Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.

**Liturġija tas-Sigħat**

(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-Ottava.
It-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Milied bil-partijiet proprji għall-31 ta' Diċembru.
Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Milied, salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Silvestru I, Papa bil-mod indikat f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**

San Silvestru sar Papa fis-sena 314 u mexxa l-Knisja fi żmien Kostantinu l-Kbir, meta x-xiżma tad-Donatisti u l-ereżija tal-Arjani għamlu ħsarat kbar. Miet fis-sena 335 u difnuh fiċ-ċimiterju ta' Prixxilla fi Triq Salaria.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, Martri) - San Silvestru I, Papa, Fundatur tal-Bażilka Kostantinjana tal-Lateran - Festa (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**

tas-solennita' ta' għada.

**Liturġija tas-Sigħat**

L-ewwel Għasar tas-solennita' ta' għada.
Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

# 1 Is-Sibt • 2011 Jannar

**L-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla - Solennità (abjad)**
**Jum il-Paċi**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju tal-Madonna. Jekk jingħad l-ewwel prefazju *fil-maternità*. Jekk tingħad l-ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Bil-permess tal-Ordinarju tista' ssir Quddiesa waħda għal Jum il-Paċi. Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Num 6, 22-27 Isejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom.
- **Ps** 66, 2-3.5.6.8 Iħenn għalina Alla, u jberikna.
- **2L** Gal 4, 4-7 Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.
- **E** Lq 2, 16-21 Sabu lil Marija u lil Ġużeppi bit-tarbija mimduda f'maxtura.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, salmodija komplimentari. Filgħaxija, isir l-ewwel Għasar tas-solennità tal-Epifanija. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. - Marija Omm Alla u l-għoti tal-Isem ta' Ġesù (titular tal-Kumpannija) - Solennità (abjad)

# Il-Ħadd • 2011 Jannar

**L-Epifanija tal-Mulej - Solennità (abjad)**

# 2

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju. Jekk tingħad l-ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Ma jistax isir Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 60, 1-6 Is-sebħ tal-Mulej jiddi fuqek.
- **Ps** 71, 1-2.7-8.1011.12-13 Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.
- **2L** Ef 3, 2-6 Issa ġie rrivelat li l-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wegħda.
- **E** Mt 2, 1-12 Ġejna mil-Lvant nagħtu qima lis-Sultan.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd. Fil-Kompieta l-innu jkun: *Kristu, dija u jum msebbaħ.*

F'kull Quddiesa, jew f'dik ewlenija, wara l-Evanġelju jitħabbru l-festi ta' matul is-sena.

Ħuti għeżież,
f'dawn il-ġranet deher fostna s-sebħ tal-Mulej
u se jibqa' jidher sa ma jerġa' jiġi
b'setgħa u glorja kbira.
Tul is-sena kollha, flimkien mal-Knisja,
aħna ngħixu l-misteru tas-salvazzjoni tagħna,
li jilħaq il-qofol tiegħu
fit-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid,
li fihom niċċelebraw il-passjoni, il-mewt
u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Din is-sena l-ferħ tal-Għid il-Kbir
li jixxerred ma' kullimkien fid-dinja,
se ngħixuh mal-Knisja kollha fl-24 ta' April.

Iżda kull nhar ta' Ħadd
il-Knisja tistedinna biex ngħixu dan il-ferħ tal-Għid,
għax kull nhar ta' Ħadd il-Knisja tiċċelebra
il-misteru kbir tal-fidwa tagħna
u tfakkarna li l-Mulej bil-mewt tiegħu
qered il-mewt tagħna
u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet tana ħajja ġdida.

Marbutin ma' din il-festa tas-salvazzjoni tagħna
hemm il-jum qaddis tal-bidu tar-Randan Imqaddes
li din is-sena se niċċelebrawh fid-9 ta' Marzu;
hemm it-tlugħ tal-Mulej fis-sema
li se jiġi fil-5 ta' Ġunju;
Hemm, fit-12 ta' Ġunju, jum Għid il-Ħamsin
li jagħlaq iż-żmien tal-Għid il-Kbir tal-Mulej.

U hemm imbagħad l-ewwel Ħadd tal-Avvent
fis-27 ta' Novembru,
meta mill-ġdid mal-Knisja nibdew ngħixu
l-misteru tas-salvazzjoni tagħna.

Il-Knisja tħabbar ukoll il-misteru tal-Għid
meta, matul is-sena, tiċċelebra l-festi
tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja,
tal-Appostli u tal-Qaddisin,
tal-Martri u tar-Rgħajja tal-Erwieħ u tal-Verġni,
u kull meta tagħmel it-tifkira ta' ħutna l-mejtin,
waqt li tagħti tifħir, ġieħ, glorja u radd il-ħajr
lill-Mulej Ġesù, li kien, li hu, u li jibqa' għal dejjem,
Sid iż-żminijiet u Sultan tal-ħolqien kollu.

# 3 It-Tnejn • 2011 Jannar

**Ferja ta' wara l-Epifanija (abjad)**
***jew* L-Isem Imqaddes ta' Ġesù - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tat-Tnejn fil-ferji ta' wara l-Epifanija, qari proprju għas-7 ta' Jannar, prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 1 Ġw 3, 22 - 4, 6 L-Ispirti stħarrġuhom, ħa taraw ikunux ġejja minn Alla.
- **Ps** 2, 7-8.10-11 Nagħmel il-ġnus wirt tiegħek.
- **E** Mt 4, 12-17.23-25 Qorbot is-Saltna tas-Smewwiet.

*Jekk issir il-Quddiesa tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù:*

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Fil 2, 1-11 (pg 525) Ikollkom l-istess imħabba.
- **Ps** 8, 4-9 (pg 572) Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha.
- **E** Lq 2, 16-21 (pg 688) Tawh l-isem ta' Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-Tnejn wara l-Epifanija [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P.; O.F.M.; O.F.M.Conv.; O.F.M. Cap. - L-Isem Imqaddes ta' Ġesù - Tifkira O (abjad)
- O.S.A. - San Fulġenz, Isqof - Tifkira (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. - Beatu Ċirijaku Elija Chavara, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Jannar 4

**Ferja ta' wara l-Epifanija (abjad)**

**Quddiesa**
tat-Tlieta fil-ferji ta' wara l-Epifanija, qari proprju għat-8 ta' Jannar, prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 1 Ġw 4, 7-10 Alla hu mħabba.
- **Ps** 71, 2.3-4ab.7-8 Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.
- **E** Mk 6, 33-44 Ġesù jkattar il-ħobż u jidher li hu profeta.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-Tlieta wara l-Epifanija [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. - Santa Zdislava ta' Lemberk, Omm - Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. - Beata Anġela minn Foligno, Reliġjuża - Tifkira (abjad)

# 5 L-Erbgħa • 2011 Jannar

**Ferja ta’ wara l-Epifanija (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Erbgħa fil-ferji ta’ wara l-Epifanija, qari proprju għad-9 ta’ Jannar, prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 1 Ġw 4, 11-18 Jekk inħobbu ’l xulxin, Alla jgħammar fina.
- **Ps** 71, 2.10-11.12-13 Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.
- **E** Mk 6, 45-52 Rawh miexi fuq il-baħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-Erbgħa wara l-Epifanija [E].
Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
O.F.M.Cap. - Beatu Diegu José ta’ Cadiz, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 6

**Ferja ta' wara l-Epifanija (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ħamis fil-ferji ta' wara l-Epifanija,
qari proprju għall-10 ta' Jannar,
prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 1 Ġw 4, 19 - 5,4 Min iħobb 'l Alla għandu jħobb ukoll lil ħuh.
- **Ps** 71, 2.4.15bċ.17 Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.
- **E** Lq 4, 14-22a Din il-kitba seħħet illum.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-Ħamis wara l-Epifanija [E].
Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

# 7 Il-Ġimgħa • 2011 Jannar

**Ferja ta' wara l-Epifanija (abjad)**
***jew* San Rajmond ta' Penyafort, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ġimgħa fil-ferji ta' wara l-Epifanija jew tat-tifkira, qari proprju għall-11 ta' Jannar, prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 1 Ġw 5, 5-13 L-Ispirtu, l-ilma u d-demm.
- **Ps** 147, 12-15.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Lq 5, 12-16 Minnufih il-ġdiem marlu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-Ġimgħa wara l-Epifanija [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Rajmond twieled qrib Barcellona għall-ħabta tas-sena 1175. Laħaq kanoniku tal-Knisja ta' Barcellona, imbagħad daħal reliġjuż fl-Ordni tal-Predikaturi. Il-Papa Girgor IX qabbdu jiġbor fi ktieb wieħed id-digrieti kollha tal-Papiet. Huwa nħatar Majjistru Ġenerali tal-Ordni tiegħu u mexxieh b'liġijiet mill-aħjar. L-aqwa waħda fost l-opri miktuba minnu hija s-*Summa casuum,* opra ta' fejda biex wieħed jamministra s-sagrament tal-qrar sewwa u bil-frott. Miet fis-sena 1275.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - San Raymond ta' Penyafort, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. - San Karlu minn Sezze, Reliġjuż - Tifkira (abjad)

# 8

**Ferja ta' wara l-Epifanija (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tas-Sibt fil-ferji ta' wara l-Epifanija, qari proprju għat-12 ta' Jannar, prefazju tal-Milied jew tal-Epifanija [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** 1 Ġw 5, 14-21 Alla jismagħna f'kull ma nitolbuh.
- **Ps** 149, 1-6a.9b Jitgħaxxaq il-Mulej bil-poplu tiegħu.
- **E** Ġw 3, 22-30 Il-ħabib tal-għarus jifraħ b'leħen il-għarus.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' nofs il-jum) tas-Sibt wara l-Epifanija [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. - San Pier Tumas, Isqof - Festa (abjad)
- O.C.D. - San Pier Tumas, Isqof - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-festa tal-Magħmudija tal-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-festa ta' għada. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 9 Il-Ħadd • 2011 Jannar

**Il-Magħmudija tal-Mulej - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, Kredu, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 42, 1-4.6-7 Araw il-qaddej tiegħi li fih qalbi strieħet.
- **Ps** 28, 1a2.3aċ-4.3b u 9b-10 Il-Mulej ibierek il-poplu tiegħu fis-sliem.
- **2L** Atti 10, 34-38 Alla jikkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu.
- **E** Mt 3, 13-17 Ġesù wara li tgħammed, ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel u jieqaf fuqu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa bl-antifona proprja tal-festa. Kompieta tal-Ħadd wara t-tieni Għasar bit-talba *Żur*. Wara l-Kompieta jispiċċa ż-żmien tal-Milied u jibda ż-żmien ta' matul is-sena.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Għasri (Knisja Parrokkjali Ġesù Ewkaristiku) - L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1916) - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2011 Jannar 10

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 1, 1-6 Alla kellimna permezz ta' Ibnu.
- **Ps** 96, 1-2.6-7.9 Naduraw lill-Mulej flimkien mal-anġli tiegħu.
- **E** Mk 1, 14-20 Indmu u emmnu fl-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. - San Girgor Nissenu, Isqof - Tifkira (abjad)



**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju tal-komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 2, 5-12 Kien jixraq li Alla jagħmel li l-Awtur tas-salvazzjoni jkun perfett.
- **Ps** 8, 2a.5-9 Qegħedt lil Ibnek fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk.
- **E** Mk 1, 21-28 Ġesù beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - Beatu Bernardu Scammacca, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - San Tumas minn Cora, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 12 L-Erbgħa • 2011 Jannar

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 2, 14-18 Ġesù kellu jkun jixbaħ lil ħutu f'kollox.
- **Ps** 104, 1-2.3-4.6-9 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mk 1, 29-39 Fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. - San Bernard ta' Corleone, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Jannar 13

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ilarju, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tal-Qaddis, prefazju tal-komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 3, 7-14 Agħmlu l-qalb lil xulxin.
- **Ps** 94, 6-11 Isimgħu leħen il-Mulej: la twebbsux qalbkom.
- **E** Mk 1, 40-45 Il-lebbra marritlu u ġismu ndaf.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ilarju twieled f'Poitiers fil-bidu tas-seklu 4. Għall-ħabta tas-sena 350 ħatruh isqof ta' belt twelidu; ħadha b'qawwa kbira kontra l-Arjani u l-imperatur Kostantinu eżiljah. Kiteb opri mimlijin għerf u tagħlim biex isaħħaħ il-fidi kattolika u jfisser l-Iskrittura mqaddsa. Miet fis-sena 367.

# 14 Il-Ġimgħa • 2011 Jannar

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 4, 1-5.11 Infittxu mela li nidħlu f'dan il-mistrieħ.
- **Ps** 77, 3 u 4bċ,6ċ-7.8 Inxandru l-għemejjel ta' Alla.
- **E** Mk 2, 1-12 Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv. - Beatu Odorik minn Pordenone, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tal-Madonna, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 4, 12-16 Ħa nersqu b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja.
- **Ps** 18, 8.9.10.15 Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.
- **E** Mk 2, 13-17 Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna f'Jum is-Sibt [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. - San Mawru u San Plaċidu, Dixxipli ta' San Benedittu - Festa (abjad)
- S.D.B. - Beatu Alwiġ  Variara, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 16 Il-Ħadd • 2011 Jannar

**It-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 49, 3.5-6 Jiena nagħmel minnek dawl għall-ġnus.
- **Ps** 39, 2.4ab.7-8a.8b-9.10 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **2L** 1 Kor 1, 1-3 Grazzja lilkom u sliem minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.
- **E** Ġw 1, 29-34 Hawn hu l-Ħaruf ta'Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Jannar 17

**San Anton, Abbati - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 5, 1-10 Għad li kien Iben tgħallem minn dak li bata.
- **Ps** 109,1-4 Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek.
- **E** Mk 2, 18-22 L-għarus hu magħhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin, għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Anton twieled fl-Eġittu madwar is-sena 250. Wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu, qassam ġidu lill-foqra, tbiegħed mid-dinja għalih waħdu u ta ruħu għal ħajja ta' tagħkis. Kellu ħafna dixxipli; ħadem u tħabat għall-Knisja, waqaf mal-insara fi żmien il-persekuzzjonijiet ta' Djoklezjanu, u għen lil San Atanasju kontra l-Arjani. Miet fis-sena 356.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Xagħra (Knisja ta' San Anton Abbati) - San Anton Abbati - Solennità (abjad)

# 18 It-Tlieta • 2011 Jannar

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 6, 10-20 It-tama hija għalina ankra tar-ruħ sħiħa u qawwija.
- **Ps** 110, 1-2.4-5.9.10ċ Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mk 2, 23-28 Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt.

**Liturgija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Nota**
18-25 ta' Jannar 2011
Ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Insara

Fil-Knejjes kollha, fejn ikun hemm aktar minn Quddiesa waħda, fil-ħin l-aktar adatt għan-nies, għandha titqaddes il-Quddiesa votiva għall-Għaqda tal-Insara mill-Missal, bil-qari mil-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - Santa Margerita tal-Ungerija, Verġni - Tifkira O (abjad)
- F.S.C. - Beatu Jaime Hilario Barbal, Martri - Tifkira (aħmar)

# L-Erbgħa • 2011 Jannar 19

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 7, 1-3.15-17 Int qassis għal dejjem bħal Melkisedek.
- **Ps** 109, 1-4 Int qassis għal dejjem bħal Melkisedek.
- **E** Mk 3, 1-6 X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, issalva ħajja jew toqtolha?

**Liturgija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- Qormi (San Sebastjan) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.J. - Beati Ġakbu Sales, Presbiteru u Martri; Guliermu Saultemouche, Reliġjuż u Martri; Injazju de Azevedo, Presbiteru, u sħabu Martri; Ġużeppi Imbert u Ġwann Nikol Cordier, Presbiteri u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) - Santa Ewstokjo Calafato minn Messina, Verġni - Tifkira (abjad)

# 20 Il-Ħamis • 2011 Jannar

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Fabjan, Papa u Martri - Tifkira (aħmar)**
***jew* San Sebastjan, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 7, 25 - 8,6 Kristu offra sagrifiċċju darba għal dejjem meta offra lilu nnifsu.
- **Ps** 39, 7-10.17 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **E** Mk 3, 7-12 L-ispirti ħżiena kienu jgħajtu: "Inti l-Iben ta' Alla!"

**Liturgija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Fabjan inħatar isqof tal-Knisja ta' Ruma fis-sena 236. Ħa l-martirju fis-sena 250, fil-bidu tal-persekuzzjoni ta' Deċju. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu.

San Sebastjan ħa l-martirju f'Ruma fil-bidu tal-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. Sa mill-eqdem żminijiet l-insara dejjem taw ġieħ kbir lill-qabar tiegħu, li jinsab fit-triq Appia.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Qormi - San Sebastjan, Martri - Solennità (aħmar)
- O.F.M. Conv. - Beatu Ġwann Battista Triquerie, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)

# Il-Ġimgħa • 2011 Jannar 21

**Sant'Anjeże, Verġni u Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju komun jew tal-Martri jew tal-Verġni [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 8, 6-13 Ġesù hu l-medjatur ta' patt aqwa.
- **Ps** 84, 8.10-14 It-tieba u l-fedeltà jiltaqgħu.
- **E** Mk 3, 13-19 Sejjaħ lejh lil dawk li ried.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tal-Verġni jew tal-Martri. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, antifoni proprji u salmi tal-Ħadd tal-ewwel ġimgħa. Fl-Għasar, antifoni proprji u salmi mill-Komun tal-Martri.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Anjeże mietet martri fit-tieni nofs tas-seklu 3, jew aktarx fil-bidu tas-seklu 4, f'Ruma. Il-Papa Damasu kiteb versi poetiċi għal fuq il-qabar tagħha, u ssemmiet b'tifħir kbir minn ħafna mill-Missirijiet tal-Knisja, ibda minn San Ambroġ.

# 22 Is-Sibt • 2011 Jannar

**San Publju, Prinċep ta' Malta - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Atti 28, 1-10 Publju laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu.
- **Ps** 15, 1-2.5.7-8.11 Int, Mulej, is-sehem tal-wirt tiegħi.
- **E** Mt 25, 31-40 Kemm għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira [Ċ] u mill-Komun tal-Qaddisin irġiel. Innijiet proprji fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Publju, prinċep ta' Malta, laqa' bil-qalb lill-appostlu Pawlu wara n-nawfraġju u żammu għandu għal tlitt ijiem. L-istess Publju kellu lil missieru marid bid-deni u San Pawl fejqu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Floriana - San Publju, Prinċep ta' Malta - Solennità (aħmar)
- F.M.A. - Beata Lawra Vicuna - Tifkira O (abjad)
- S.D.B. - Beata Lawra Vicuna - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
L-anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali ta' Monsinjur Isqof Mario Grech (2006). Fil-knejjes kollha fejn issir aktar minn Quddiesa waħda, titqaddes il-Quddiesa għall-anniversarju episkopali ta' Monsinjur Isqof (mill-Missal Ruman pg 878). Tingħad il-Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli. Fil-Quddies l-ieħor kollu fit-Talba tal-Fidili tiżdied invokazzjoni tal-okkażjoni.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Jannar 23

**It-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 8, 23b - 9,3 Fil-Galilija tal-ġnus, il-poplu ra dawl kbir.
- **Ps** 26, 1.4.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **2L** 1 Kor 1,10-13.17 Aqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom.
- **E** Mt 4,12-23 (forma qasira Mt 4, 12-17) Ġie f'Kafarnahum, biex iseħħ dak li kien intqal mill-profeta Isaija.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# 24 It-Tnejn • 2011 Jannar

**San Franġisk ta' Sales, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 9, 15.24-28 Kristu wara li offra lilu nnifsu darba biss għad jerġa jidher darb'oħra.
- **Ps** 97, 1-6 Għannu lill-Mulej għanja ġdida.
- **E** Mk 3, 22-30 Ix-xitan wasal fit-tmiem.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk twieled fis-Savoja fl-1567. Sar saċerdot u ħadem ħafna għat-tiġdid kattoliku f'art twelidu. Għażluh isqof ta' Ġinevra, u mexa tassew bħala ragħaj tal-kleru u tal-poplu, għax saħħaħhom fil-fidi bil-kitba u l-ħidmiet tiegħu, u kien ta' eżempju għal kulħadd. Miet f'Lyons, fit-28 ta' Diċembru 1622.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.D.B.; F.M.A. - San Franġisk ta' Sales, Isqof u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad).

**Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 22, 3-16 Qum, tgħammed u tnaddaf minn dnubietek, inti u ssejjaħ l-isem ta' Ġesù.
  *jew* Atti 9, 1-22 Mulej, xi tridni nagħmel?
- **Ps** 116, 1.2 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.
- **E** Mk 16, 15-18 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa u mill-Komun tal-Appostli [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Katidral; Safi; M.S.S.P. - Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. - Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun tal-Provinċja - Solennità (abjad)

# 26 L-Erbgħa • 2011 Jannar

**San Titu u San Timotju, Isqfijiet - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, lezzjonijiet proprji, prefazju tal-komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Tim 1,1-8 Niftakar fil-fidi vera tiegħek.
  *jew* Tit 1,1-5 Lil Titu, ibni veru fil-fidi tagħna lkoll.
- **Ps** 95, 1-3.7-8a.10 Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tal-Mulej.
- **E** Lq 10, 1-9 Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit (p. 100).

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Titu u Timotju kienu tnejn mid-dixxipli ta' San Pawl appostlu u tawh għajnuna kbira fil-ħidmiet tiegħu. Timotju kien isqof tal-Knisja ta' Efesu, u Titu isqof tal-Knisja ta' Kreta. Lilhom San Pawl kiteb l-ittri hekk imsejħa Pastorali, li fihom insibu ħafna twissijiet mill-aħjar għat-tagħlim tar-rgħajja tal-erwieħ u tal-insara afdati f'idejhom.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. - San Robertu, San Alberiku u San Stiefnu, Abbatijiet ta' Citeaux - Tifkira (abjad)
- F.S.C. - It-Trasferiment tar-relikwi ta' San Ġwann Battista De La Salle - Tifkira (abjad)

**Arċidjoċesi ta' Malta:**
L-anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali ta' Monsinjur Arċisqof Paul Cremona, O.P. (2007). Fil-knejjes kollha fejn issir aktar minn Quddiesa waħda, titqaddes il-Quddiesa għall-anniversarju episkopali ta' Monsinjur Arċisqof (mill-Missal Ruman pg 878). Tingħad il-Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli. Fil-Quddies l-ieħor kollu fit-Talba tal-Fidili tiżdied invokazzjoni tal-okkażjoni.

# Il-Ħamis • 2011 Jannar 27

**tat-tielet ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Anġela Merici, Verġni - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Verġni [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 10, 19-25 B'fidi sħiħa nżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama.
- **Ps** 23, 1-6 Aħna nfittxu 'l wiċċek, Mulej.
- **E** Mk 4, 21-25 Il-musbieħ iġibuh biex iqegħduh fuq l-imnara.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni jew tal-Qaddisin Nisa għall-edukaturi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Anġela Merici twieldet għall-ħabta tal-1470 f'Desenzano, fl-istat ta' Venezja. Daħlet terzjarja ta' San Franġisk, ġabret xi xbejbiet magħha u ħarrġithom fl-opri ta' karità. Fl-1535, fi Brescia waqqfet kongregazzjoni reliġjuża għan-nisa, li semmietha għal Sant Ursola, bil-ħsieb li tingħata trobbija nisranija lit-tfajliet fqar. Hija mietet fl-1540.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. - Santa Anġela Merici, Verġni - Solennità (abjad)
- San Ġiljan - San Ġiljan, Ospitaljer - Solennità (abjad)
- O.S.B. - San Titu u San Timotju, Isqfijiet - Tifkira (abjad)
- O.C.D. - San Enriku de Osso, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 28 Il-Ġimgħa • 2011 Jannar

**San Tumas ta'Aquino, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 10, 32-39 Ġarrabtu bis-sabar taqbida ħarxa.
- **Ps** 36, 3-6.23-34.39-40 Is-salvazzjoni tal-ġusti mill-Mulej.
- **E** Mk 4, 26-34 Ir-raġel jixħet iż-żerriegħa u jorqod; iż-żerriegħa tinbet u tikber bla ma jaf kif.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tad-Dutturi tal-Knisja[Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Tumas twieled madwar l-1225 mill-familja tal-konti ta' Aquino. Beda t-tagħlim tiegħu fil-monasteru ta' Montecassino, u ssoktah f'Napli. Imbagħad daħal fl-Ordni tal-Predikaturi, u temm l-istudji tiegħu f'Pariġi u Kolonja, fejn kellu lil San Albertu l-Kbir bi mgħallem tiegħu. Kiteb ħafna għerf u għaddieh lill-oħrajn, u għamel isem kbir bit-tagħlim tiegħu fuq il-filosofija u t-teoloġija. Miet f'Fossanova fis-7 ta' Marzu 1274.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - San Tumas t'Aquino, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Jannar 29

**tat-tielet ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 11, 1-2.8-19 Kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt li l-imgħallem u l-bennej tagħha hu Alla.
- **Ps** Lq 1,69-75 Imbierek il-Mulej Alla ta' Iżrael.
- **E** Mk 4, 35-41 Dan min hu, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna f'Jum is-Sibt [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- F.S.C. (fejn ma tiġix iċċelebrata fit-13 ta' Awwissu) - San Benild Romançon, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O. Carm. - Beata Arkanġela Girlani, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Fontana (Knisja Parrokkjali tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù) - L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1905) - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 30 Il-Ħadd • 2011 Jannar

**Ir-raba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Sof 2, 3; 3, 12-13 Inħalli f'nofsok poplu umli u mċekken.
- **Ps** 145, 7.8-9a.9bċ-10 Henjin il-fqar fl-ispirtu.
- **2L** 1 Kor 1, 26-31 Alla għażel il-ħwejjeġ dgħajfa tad-dinja.
- **E** Mt 5, 1-12a Henjin il-fqar fl-ispirtu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**San Ġwann Bosco, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 11, 32-40 Bil-qawwa tal-fidi rażżnu saltniet. Alla refa' xi ħaġa aħjar għalina.
- **Ps** 30,20.21.22.23.24 Issaħħu u qawwu qalbkom intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej.
- **E** Mk 5,1-20 Oħroġ, ja spirtu ħażin, minn dan il-bniedem!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għall-edukaturi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Bosco twieled fl-1815 qrib Castelnuovo fid-djoċesi ta' Turin. Trabba fil-faqar u fl-għaks. Sar qassis, u ngħata b'ruħu u ġismu għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ, anzi minħabba fihom waqqaf żewġ kongregazzjonijiet reliġjużi, bil-ħsieb liż-żgħażagħ ikollhom min igħallimhom xi sengħa u jtellagħhom ta' nsara. Huwa xandar xi kotba wkoll, għall-ħarsien u d-difiża tar-reliġjon. Miet fl-1888.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B.; F.M.A. - San Ġwann Bosco, Presbiteru - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Kappella tal-Oratorju Don Bosco) - San Ġwann Bosco, Presbiteru - Solennità (abjad)

# 1 It-Tlieta • 2011 Frar

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 12, 1-4 Nibqgħu niġru t-triq li għandna quddiemna.
- **Ps** 21, 26b-28.30-32 Ifaħħruk, Mulej, dawk li jfittxuk.
- **E** Mk 5, 21-43 Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- O.Carm. (Fgura) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - Tifkira tas-Salesjani mejtin - Tifkira (vjola)

# L-Erbgħa • 2011 Frar

# 2

**Il-Preżentazzjoni tal-Mulej - Festa (abjad)**
**Jum il-Ħajja Konsagrata**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Mal 3, 1-4 Jasal fit-tempju tiegħu s-Sid mistenni minnkom. *jew* Lhud 2, 14-18 Sar jixbaħ lil ħutu f'kollox.
- **Ps** 23, 7-10 Il-Mulej hu s-Sultan tal-glorja.
- **E** Lq 2, 22-40 Għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju, bil-grieg imsejħa Ipapante, tfakkar meta erbgħin jum wara t-twelid, kif titlob il-liġi ta' Mosé, Ġesù ittieħed fit-tempju minn Ġużeppi u Marija u deher bħala dawl għall-ġnus u glorja għall-poplu tiegħu Iżrael.

**Nota**
Illum isir it-tberik tax-xama' qabel il-Quddiesa ewlenija tal-ġurnata; wara t-tberik issir il-purċissjoni lejn l-artal fejn se titqaddes il-Quddiesa, jew isir introjtu solenni jekk ma ssirx purċissjoni. Meta ssir il-purċissjoni jitħalla barra l-Att Penitenzjali.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

# 3 Il-Ħamis • 2011 Frar

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Bjaġju, Isqof u Martri - Tifkira (aħmar)**
***jew* San Ansgarju (Oscar), Isqof - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 12, 18-19.21-24 Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon.
- **Ps** 47, 2-4.9-11 Naħsbu, O Alla, fuq it-tieba tiegħek.
- **E** Mk 6, 7-13 Kristu kellu jqum mill-imwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bjaġju kien isqof ta' Sebaste, fl-Armenja fis-seklu 4. Fiż-żminijiet tan-nofs il-kult tiegħu kien laħaq xtered mal-Knisja kollha.

San Ansgarju twieled fi Franza fil-bidu tas-seklu 9 u tgħallem fil-monasteru ta' Corbie. Fis-sena 826 mar id-Danimarka biex ixandar il-fidi, iżda ftit laqgħu l-kelma tiegħu; tela' l-Isvezja, u hawn mar aħjar. Girgor IV wettaq il-ħatra tiegħu bħala isqof ta' Hamburg, u għamlu wkoll legat tiegħu fid-Danimarka u l-Isvezja. Għadda minn ħafna taħbit fil-ħidma tiegħu għax-xandir tal-Evanġelju, imma b'qalb qawwija għeleb kull tweġħir. Miet fis-sena 865.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- O.S.A. - Beatu Stiefnu Bellesini, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Frar

# 4

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Lhud 13, 1-8 Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem.
- **Ps** 26, 1.3.5.8-9 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Mk 6, 14-29 Ġwanni l-Battista li jien qtajtlu rasu, hu qam mill-mewt.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- S.J. - San Ġwann de Brito, Presbiteru u Martri; Beati Rodolf Acquaviva, Presbiteru (Patrun sekondarju tal-Provinċja) u sħabu, Martri; Franġisk Pacheo u Karlu Spinola, Presbiteri u sħabhom, Martri; Ġakbu Berthieu, Presbiteru u Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.P. - Santa Katerina Ricci, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. - San Ġużepp minn Leonessa, Presbiteru - Tifkira O (abjad)

# 5 Is-Sibt • 2011 Frar

**Sant'Agata, Verġni u Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-komun jew tal-Verġni jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 13, 15-17.20-21 Alla tas-sliem iwettaqkom b'kull ħaġa tajba.
- **Ps** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **E** Mk 6, 30-34 Kienu qishom ngħaġ bla ma għandhom ragħaj.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tal-Verġni [Ċ]. Antifona għall-Benedictus proprja. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Agata ħadet il-martirju f'Katanja, Sqallija, aktarx fil-persekuzzjoni ta' Deċju. Il-kult tagħha xtered mal-Knisja kollha sa mill-antik, u isimha tniżżel fil-Kanone Ruman.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- M.S.S.P. - Sant'Agata, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Frar

**Il-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

# 6

**Quddiesa**

tal-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena , Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 58, 7-10 Ifeġġ bħaż-żerniq id-dawl tiegħek.
- **Ps** 111, 4-9 Dawl fid-dlam ifeġġ għat-tajbin.
- **2L** 1 Kor 2, 1-5 Ħabbartilkom ix-xhieda ta' Kristu msallab.
- **E** Mt 5, 13-16 Intom id-dawl tad-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- Sorijiet Dorotej - Santa Dorotea, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)

# 7 It-Tnejn • 2011 Frar

**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 1, 1-19 Alla qal, u hekk sar.
- **Ps** 103, 1-2a.5-6.10.12.24.35ċ. Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu!
- **E** Mk 6, 53-56 Dawk kollha li kienu jmissuh kienu jfiqu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Santa Koleta ta' Corbie, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.P. - Anniversarju tal-ġenituri mejtin - Tifkira (vjola)
- O.S.A. - Beatu Anselmu Polanco, Isqof u Martri - Tifkira (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A.; O.S.B. - Beatu Piju IX, Papa - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) - Il-Beatu Piju IX, fundatur tad-djoċesi - Tifkira O (abjad)
- Belt Vittorja (Knisja tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija "ta' Savina") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1904) - Solennità (abjad)

**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ġilormu Emiliani - Tifkira (abjad)**
***jew* Santa Ġużeppina Bakhita, Verġni - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ferjali jew tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 1, 20 - 2, 4a Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna.
- **Ps** 8, 4-9 Mulej sid tagħna, kemm hu kbir ismek!
- **E** Mk 7, 1-13 Intom twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjonijiet tal-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġilormu twieled f'Venezja fl-1486. Daħal suldat u, meta spiċċa mis-servizz, ingħata għall-għajnuna tal-foqra, li lilhom qassam ġidu. Imbagħad waqqaf l-Ordni tal-Kjeriċi Regolari ta' Somaska biex jieħdu ħsieb it-tfal iltiema u fqar. Miet f'Somaska, fid-distrett ta' Bergamo.

Santa Ġużeppina Bakhita twieldet f'Dafur fis-Sudan. Insterqet meta kienet tifla u nbiegħet diversi drabi bħala skjava. Batiet il-ħruxija tal-jasar. Kisbet il-ħelsien ġewwa Venezja, saret nisranija u daħlet reliġjuża mal-Ulied tal-Karità. Għaddiet il-kumplament ta' ħajjitha fil-belt ta' Schio qrib Vicenza f'għaqda mal-Mulej u f'għajnuna lil kulħadd.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- Sorijiet tal-Bon Pastur - Il-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Solennità (abjad)

# 9 L-Erbgħa • 2011 Frar

**Santa Skolastika, Verġni - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Verġni [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 2, 4b-9.15-17 Il-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden.
- **Ps** 103, 1-2a.27-28.29bċ-30 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
- **E** Mk 7, 14-23 Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtebba' lill-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni [Ċ]. Antifona proprja għall-Benedictus. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Skolastika kienet oħt San Benedittu. Twieldet f'Norcia, fl-Umbrija, madwar is-sena 480. Ikkonsagrat ruħha lil Alla, bħal ħuha, u marret miegħu Cassino, fejn mietet għall-ħabta tas-sena 547.

**Ċelebrazzjoni o ħra**
- O.S.B. - Santa Skolastika, Verġni - Solennità (abjad)
- F.S.C. - San Miguel Febres Cordero, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - Beata Eusebia Palomino, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għajnsielem (Knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova, Mġarr) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1912) - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

L-Appostlu San Pawl, Patrun ta' Malta - Solennità (abjad)

**Quddiesa**
tas-solennità.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħdud bit-talba *Żur*.

# Il-Ħamis • 2011 Frar 10

**L-Appostlu San Pawl, Patrun ta' Malta - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Għerf 14, 3-7 Tajtu triq fil-baħar, u mogħdija żgura fost il-ħalel.
- **Ps** 106, 21-31 Ħa jsebbħu l-Mulej għal tjubitu.
- **2L** Atti 27,16-28 Il-Maltin ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha.
  *jew* 2 Kor 11,18.24-31 Tliet darbiet rajt l-għarqa.
- **E** Mk 16, 15-20 Marru jippriedkaw kullimkien.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja. Salmodija komplementari fit-Talb ta' Nofs il-Jum. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħdud bit-talba *Żur* [A].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Knisja f'Malta trodd ħajr lill-Mulej għaliex sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub u mid-dell tal-mewt li fihom konna qed ngħixu, u daħħalna fid-dawl tiegħu tal-għaġeb meta bagħtilna lill-appostlu tiegħu jxandrilna l-bxara t-tajba tal-Evanġelju.

**Ċelebrazzjoni oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Munxar (Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu) - In-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl - Solennità (abjad)

# 11 Il-Ġimgħa • 2011 Frar

**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Lourdes - Tifkira (abjad)**
**Jum il-Morda**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 3, 1-8 Issiru, bħal allat, li jafu it-tajjeb u l-ħażin.
- **Ps** 31, 1-2.5-7 Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura.
- **E** Mk 7, 31-37 Jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin.

*Jekk issir il-Quddiesa tal-Madonna ta' Lourdes jista' jsir dan il-qari:*

**Lezzjonarju tal-BMV**
- **1L** Is 66, 10-15a: Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara. *jew*
  Apok 11, 19; 12, 1.10 Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha.
- **Ps** 97, 1.2-3a.3b-4 Naħsbu, o Alla fuq l-għeġubijiet tat-tjieba tiegħek.
- **E** Ġw 2, 1-11 Agħmlu kull ma jgħidilkom hu. *jew*
  Lq 1, 26-38 Il-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Erba' snin wara l-proklamazzjoni tad-Domma tal-Immakulata Kunċizzjoni, il-Beata Verġni Marija dehret għal aktar minn darba fil-grotta ta' Massabielle lil tfajla umli, Bernardette Soubirous. Permezz ta' din it-tfajla, Marija tistieden lill-midinbin għall-indiema, u tqanqal fil-Knisja ħeġġa kbira għat-talb u għall-imħabba, l-aktar bis-servizz mal-morda u mal-foqra.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- Paola (par. Lourdes); San Ġwann; O.F.M. Cap. (Furjana-kappella ta' Lourdes) - Il-Verġni Marija ta' Lourdes - Solennità (abjad)
- O.S.B. - San Benedittu ta' Aniane - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għajnsielem (Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Mġarr) - Id-Dehra tal-Verġni Marija f'Lourdes - Solennità (abjad)

**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 3, 9-24 Il-Mulej Alla keċċieh 'il barra mill-ġnien biex jaħdem l-art.
- **Ps** 89, 2-6.12-13 Mulej, inti kont għalina kenn minn nisel għal nisel.
- **E** Mk 8, 1-10 Kielu u xebgħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- O.P. - Beatu Reginald ta' Orleans, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 13 Il-Ħadd • 2011 Frar

**Is-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Sir 15, 15-20 Lil ħadd ma rħielu jidneb.
- **Ps** 118, 1-2.4-5.17-18.33-34 Henjin dawk li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
- **2L** 1 Kor 2, 6-10 Alla fassal il-għerf mill-bidunett għas-sebħ tagħna.
- **E** Mt 5, 17-37 Fl-imgħoddi hekk intqal, imma jiena ngħidilkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Frar 14

**San Ċirillu, Raheb u San Metodju, Isqof, Patruni tal-Ewropa - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin jew tar-Rgħajja tal-Erwieħ [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 13, 46-49 (p. 86 n. 1) Aħna se nduru għal fuq il-pagani.
- **Ps** 116, 1.2 (p. 87) Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.
- **E** Lq 10, 1-9 (p. 100 n. 7) Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B] u mill-Komun ta-Rgħajja tal-Erwieħ. Fit-Talba ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ċirillu twieled f'Tessalonika u tħarreġ tajjeb fil-għerf f'Kostantinopli. Flimkien ma' ħuh Metodju mar il-Moravja biex ixandar il-fidi. Huma ħejjew kotba liturġiċi bl-ilsien slav, b'tipi li mbagħad saru magħrufa bħala "ċirilliċi". Aktar tard issejħu f'Ruma, fejn Ċirillu miet fl-14 ta' Frar tas-sena 869. Metodju iżda sar isqof u mar il-Pannonja jħabrek bla heda fix-xandir tal-Evanġelju. L-għedewwa tiegħu ħabbtuh ħafna, imma l-Papiet tawh għajnuna kbira. Miet Velehrad, Ċekoslovakkja, fis-6 ta' April tas-sena 885.

# 15 It-Tlieta • 2011 Frar

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 6, 5-8; 7, 1-5 Inqaċċat minn wiċċ l-art il-bniedem li jien ħlaqt.
- **Ps** 28, 1a.2.3aċ-4.3b.9b-10 Il-Mulej ibierek bis-sliem il-poplu tiegħu.
- **E** Mk 8, 14-21 Attenti mill-ħmira tal-fariżej.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- S.J. - San Klawdju de la Colombiere, Presbiteru - Tifkira O (abjad)

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 8, 6-13.20-22 Sab wiċċ l-art kien nixef.
- **Ps** 115, 12-15.18-19 Lilek Mulej noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr.
- **E** Mk 8, 22-26 L-agħma kien imfejjaq, hekk li sar jara kollox tajjeb.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- O.S.A. - Beatu Xmun minn Cascia, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 17 Il-Ħamis • 2011 Frar

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Is-Seba' Fundaturi tal-Ordni tas-Serviti ta' Marija - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 9, 1-13 Inqiegħed il-qaws tiegħi fis-sħab u jkun sinjal tal-patt bejni u bejn l-art.
- **Ps** 101, 16-21.29.22-23 Il-Mulej jittawwal mis-sema lejn l-art.
- **E** Mk 8, 27-33 Inti l-Messija. Bin il-bniedem ibati ħafna.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel, għar-reliġjużi [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Is-seba' Qaddisin fundaturi tal-Ordni tas-Serviti ta' Marija kienu sebat irġiel minn Firenze li għall-ewwel għexu ħajja ta' eremiti fuq l-għolja Senario, l-iżjed f'ġieħ Marija Verġni. Imbagħad daru t-Toscana kollha jxandru l-kelma ta' Alla, u waqqfu l-Ordni tas-Serviti ta' Marija, approvat mis-Santa Sede fl-1304. It-tifkira tagħhom issir il-lum, il-jum li, kif jingħad, fih miet San Alessju Falconieri, wieħed mis-sebgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- Manikata - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 11,1-9 Ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom.
- **Ps** 32, 10-15 Hieni l-poplu li hu għażel b'wirtu.
- **E** Mk 8, 34 - 9, 1 Min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Evanġelju, isalvaha.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- Mellieħa - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - Beatu Ġwann ta' Fiesole (Beatu Anġeliku), Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 19 Is-Sibt • 2011 Frar

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lhud 11, 1-7 Permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħalaq id-dinja.
- **Ps** 144, 2-3.4-5.10-11 O Alla irrid inbierek ismek, għal dejjem ta' dejjem
- **E** Mk 9, 2-13 Tbiddel quddiemhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna f'Jum is-Sibt [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Mġarr) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1950) - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-seba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-seba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

**Is-seba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-seba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Lev 19, 1-2.17-18 Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.
- **Ps** 102, 1-2.3-4.8.10.12-13 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **2L** 1 Kor 3, 16-23 Kollox tagħkom u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla.
- **E** Mt 5, 38-48 Ħobbu lill-għedewwa tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- KonKattidral ta' San Ġwann; Xemxija - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 21 It-Tnejn • 2011 Frar

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Pietru Damiani, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **IL** Sir 1, 1-10 L-għerf kien maħluq qabel kollox.
- **Ps** 92, 1-2.6 Il-Mulej isaltan, il-kobor libes.
- **E** Mk 9, 14-29 Jien nemmen. Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Damiani twieled f'Ravenna fl-1007. Wara li temm l-istudji qabad jgħallem, iżda ma damx ma telaq kollox u ngħaqad mal-eremiti ta' Fonte Avellana. Għażluh pirjol, u b'qawwa kbira ħabrek għall-ġid tal-ħajja reliġjuża, mhux biss madwaru, iżda wkoll fi nħawi oħra tal-Italja. Fi żminijiet iebsa ta għajnuna lill-Papiet għat-tiġdid tal-Knisja, sew bil-ħidma u l-kitba tiegħu, sew bħala legat. Stiefnu IX għamlu kardinal u isqof ta' Ostia. Miet fl-1072, u minnufih kiseb il-ġieħ tal-qaddisin.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- O.S.B. - San Pietru Damiani, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)

**Il-Kattedra ta' San Pietru, Appostlu - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Piet 5, 1-4 Presbiteru u xhud tat- tbatijiet ta' Kristu.
- **Ps** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **E** Mt 16, 13-19 Inti Pietru: jien nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B]. Fit-Talba ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-Kattedra ta' San Pietru ilha ssir f'Ruma sa mis-seklu 4, bħala tifsira tal-għaqda tal-Knisja mwaqqfa fuq l-Appostlu.

**Ċelebrazzjoni oħra**

- F.M.M. (Balzan) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 23 L-Erbgħa • 2011 Frar

**San Polikarpu, Isqof u Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 4, 11-19 Dawk li jħobbu l-għerf iħobbhom il-Mulej.
- **Ps** 118, 165.168.171.172.174.175 Sliem bil-kotra għal min iħobb il-liġi tiegħek.
- **E** Mk 9, 38-40 Min mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Martri [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Polikarpu, dixxiplu tal-Appostli u isqof ta' Smirna, wara li għamel xi żmien għand Injazju ta' Antjokja, mar Ruma biex jitħaddet mal-Papa Aniċetu dwar il-kwistjoni tal-festa tal-Għid. Għall-ħabta tas-sena 115 ħa l-martirju billi ħarquh fl-istadju tal-belt.

## Il-Ħamis • 2011 Frar 24

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 5, 1-10 Toqgħodx tistenna biex iddur lejn il-Mulej.
- **Ps** 1, 1-6 Hieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Mk 9, 41-50 Jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

# 25 Il-Ġimgħa • 2011 Frar

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Beata Marija Adeodata Pisani, Verġni - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Sir 6, 5-17 M'għandekx kejl biex tkun taf xi jsarraf ħabib ta' min jafda fih.
- **Ps** 118, 12.16.18.27.34.35 Mexxini, Mulej, mill-mogħdija tal-kmandamenti tiegħek.
- **E** Mk 10, 1-12 Dak li għaqqad Alla, m'għandux jifirdu l-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Nisa għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Beata Marija Adeodata Pisani twieldet f'Napli fid-29 ta' Diċembru 1806, u ngħatat l-isem ta' Marija Tereża. Missierha kien mogħti għax-xorb u l-ġenituri ta' Marija Tereża kellhom jisseparaw meta t-tifla kienet għadha tarbija. Omm missierha rabbietha fl-għożża iżda meta mietet, Marija Tereża kellha biss 10 snin. Marija Tereża ntbagħtet f'kulleġġ tal-bniet f'Napli sakemm għalqet 17-il sena. Sentejn wara, ġiet Malta għal kollox flimkien ma' ommha u marru joqgħodu r-Rabat. Marija Tereża daħlet fil-monasteru ta' San Pietru fl-Imdina nhar il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-16 ta' Lulju 1828 meta kellha 22 sena. Hawn ingħatat l-isem ta' Marija Adeodata u fit-8 ta' Marzu 1830 hi għamlet il-Professjoni reliġjuża solenni. Fiż-żmien li għexet bejn l-erba' ħitan tal-monasteru hi ngħatat diversi karigi. Ġiet eletta Badessa fl-1851 u fis-sentejn li għamlet tmexxi l-monasteru hija saħħet ir-riforma tal-ħajja komunitarja b'aktar osservanza lejn ir-regoli monastiċi. Sakemm kien possibli għaliha bħala soru tal-klawsura, dak li setgħet tiddisponi minnu qassmitu lill-foqra li kienu jħabbtu l-bieb tal-monasteru. Hija spikkat fit-talb u s-sagrifiċċju u dejjem fittxet il-ħajja ta' perfezzjoni. Marija Adeodata mietet fil-25 ta' Frar 1855 fl-eta' ta' tmienja u erbgħin sena.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. (Mdina) - Beata Marija Adeodata Pisani, Verġni - Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - San Alwiġ Versiglia, Isqof u San Kallistu Caravario, Presbiteru, Martri - Festa (aħmar)
- O.F.M. - Beatu Sebastjan minn Aparicio, Reliġjuż - Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Frar 26

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Sir 17, 1-4.6-8.10-15 Alla għamel il-bniedem skont xbihatu.
- **Ps** 102, 13-18a It-tieba tal-Mulej min dejjem għal dejjem.
- **E** Mk 10, 13-16 Min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna f'Jum is-Sibt [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tmien Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tmien Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 27 Il-Ħadd • 2011 Frar

**It-tmien Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tmien Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 49, 14-15 Jien ma ninsiek qatt.
- **Ps** 61, 2-3.6-7.8-9ab F'Alla biss il-mistrieħ ta' ruħi.
- **2L** 1 Kor 4, 1-5 Il-Mulej jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub.
- **E** Mt 6, 24-34 Toqogħdux tħabblu raskom għall-għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 17, 24-29 Dur lura lejn l-Għoli, u warrab mill-ħażen.
- **Ps** 31, 1-2.5-7.11a Ifirħu twajbin u thennew fil-Mulej.
- **E** Mk 10, 17-27 Mur, bigħ li għandek. Ejja u imxi warajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

# 1 It-Tlieta • 2011 Marzu

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 35, 1-12 Min iħares il-kmandamenti jagħmel sagrifiċċju tas-sliem.
- **Ps** 49, 5-8.14.23 Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla.
- **E** Mk 10, 28-31 F'din id-dinja stess tirċievu għal mitt darba aktar.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

# L-Erbgħa • 2011 Marzu 2

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 36, 1.4-5a.10-17 Jagħarfu l-ġnus li ma hemmx Alla ħliefek.
- **Ps** 78, 8-9.11.13 Uri lilna Mulej il-ħniena tiegħek.
- **E** Mk 10, 32-45 Aħna telgħin Ġerusalemm u Bin il-Bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm. (Mdina) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Santa Anjeże minn Praga, Verġni - Tifkira (abjad)

# 3 Il-Ħamis • 2011 Marzu

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 42, 15-25 B'sebħ il-Mulej hu mimli xogħlu.
- **Ps** 32, 2-9 Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet.
- **E** Mk 10, 46-52 Li nerġa nara, Rabbuni!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. - Beatu Liberat Weiss u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)

# Il-Ġimgħa • 2011 Marzu

# 4

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Każimiru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Sir 44, 1.9-13 Dawn huma nies ta' ħniena, li l-għemejjel tagħhom ma jintesewx.
- **Ps** 149, 1-6a.9b Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu.
- **E** Mk 11, 11-25 Id-dar tiegħi tkun tissejjaħ dar it-talb għall-ġnus kollha. Emmnu f'Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Każimiru kien bin is-sultan tal-Polonja, u twieled fl-1458. Ħabb ħafna l-virtujiet insara, l-iżjed is-safa u t-tjieba mal-foqra. Kien imħeġġeġ għall-fidi, u kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u l-Madonna. Miet fl-1484.

# 5 Is-Sibt • 2011 Marzu

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Sir 51, 13-20a Lil min tani l-għerf, glorja nagħtih.
- **Ps** 18, 8-11 Il-preċetti tal-Mulej iferrħu l-qalb.
- **E** Mk 11, 27-33 Int b'liema setgħa qiegħed tagħmlu dan kollu?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. - San Ġwann Ġużepp tas-Salib, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tad-disa' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tad-disa' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Marzu

# 6

**Id-disa' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tad-disa' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Dewt 11, 18.26-28.32 Qed inqiegħed quddiemkom barka u saħta.
- **Ps** 30, 2-3a.3bċ-4.17.25 Mulej, kun blata tal-kenn għalija.
- **2L** Rum 3, 21-25a.28 Il-bniedem isir ġust permezz tal-fidi, mingħajr l-opri tal-liġi.
- **E** Mt 7, 21-27 Id-dar li tinbena jew fuq il-blat jew fuq ir-ramel.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# 7 It-Tnejn • 2011 Marzu

**Santa Perpetwa u Santa Feliċita, Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Tob 1, 3; 2, 1a-8 Tobit kien jimxi fit-triq tas-sewwa.
- **Ps** 111, 1-6 Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej.
- **E** Mk 12, 1-12 Qabdu 'l ibnu l-għażiż u qatluh, u xeħtuh barra mill-għalqa.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun ta' aktar minn Martri wieħed [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Perpetwa u Santa Feliċita ħadu l-martirju fil-persekuzzjoni ta' Settimju Severu fis-sena 203. Tħalla r-rakkont bl-irqaqat kollha tal-mewt tagħhom, miktub biċċa mill-insara li għaddew mill-istess persekuzzjoni, u biċċa minn awtur ieħor ta' dak iż-żmien.

# It-Tlieta • 2011 Marzu

# 8

**tad-disa' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ġwann ta' Alla, Reliġjuż - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **IL** Tob 2, 10-23 Bqajt marid b'għajnejja.
- **Ps** 111, 1-2.7-9 Qalbu qawwija min jitma fil-Mulej.
- **E** Mk 12, 13-17 Agħtu lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri, u lil Alla dak li hu ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi jew għal dawk li għamlu opri tal-ħniena [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ru man**
San Ġwann twieled fil-Portugall fl-1495; wara ħajja mwiegħra ta'suldat, fittex ħwejjeġ aħjar billi ngħata kollu kemm hu għas-servizz tal-morda. Huwa waqqaf sptar fi Granada, Spanja, u miegħu sieħeb oħrajn li mbagħad waqqfu l-Ordni Ospidalier ta' San Ġwann ta' Alla. Il-qdusija tiegħu dehret l-iżjed fl-imħabba għall-foqra u l-morda. Miet fi Granada fl-1550.

**Nota**
Wara l-Kompieta tintemm l-ewwel parti taż-żmien ta'matul is-sena.

# 9 L-Erbgħa • 2011 Marzu

**L-Erbgħa tal-Irmied - (vjola)**
**Jum ta' sawm (għal dawk bejn it-18 u 59 sena)**
**u astinenza (għal dawk minn 14-il sena 'l fuq)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan IV [2]. It-tberik u t-tqegħid tal-irmied fuq ras in-nies jista' jsir fil-Quddies kollu wara l-omelija jew wara l-qari tal-Evanġelju. F'dan il-każ jitħalla barra l-att penitenzjali. Ir-rit tat-tberik u t-tqegħid tal-irmied għandu dejjem isir fil-Quddiesa ewlenija tal-ġurnata.

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Ġoel 2, 12-18 Ċarrtu qlubkom, u mhux ilbieskom.
- **Ps** 50, 3-6a.12-14.17 O Alla, ħenn għalina għax dnibna!
- **2L** 2 Kor 5, 20 - 6, 2 Agħmlu ħbieb ma' Alla: araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb.
- **E** Mt 6, 1-6.16-18 Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tista' tingħad is-salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa minħabba l-karattru penitenzjali tagħha.

**Nota**
Għal-Liturġija tas-Sigħat jintuża t-tieni volum.

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Dewt 30, 15-20 Qegħidtlek illum quddiemek il-barka u s-saħta, biex tagħżel minnhom.
- **Ps** 1, 1-6 Hieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Lq 9, 22-25 Min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, dan isalvaha.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Kappella tas-Seminarju) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1986) - Solennità (abjad)

# 11 Il-Ġimgħa • 2011 Marzu

**wara l-Erbgħa tal-Irmied - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 58, 1-9a Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid?
- **Ps** 50, 3-6a.18-19 Qalb maqsuma u sogħbiena int ma twarrabhiex, o Alla.
- **E** Mt 9,14-15 Meta l-għarus jitteħdilhom, imbagħad isumu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**wara l-Erbgħa tal-Irmied - Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 58, 9b-14 Tagħti ġieħ lill-Mulej jekk timxi fit-triqat tiegħu.
- **Ps** 85,1-6 Għallimni, Mulej, triqatek.
- **E** Lq 5, 27-32 Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin għall-indiema.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv. - Tista' ssir it-tifkira tal-Beata Angela Salawa, Lajka, kif imfisser f'[7] u [F].
- S.J. - Tista' ssir it-tifkira tal-Anniversarju tal-Kanonizzazjoni ta' Sant'Injazju u San Franġisk Saverju, kif imfisser f' [7] u [F].

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ewwel Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-ewwel ġimgħa tas-Salterju.

# 13 Il-Ħadd • 2011 Marzu

**L-ewwel Ħadd tar-Randan - (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju [1].
Mhux permess Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Ġen 2, 7-9; 3, 1-7 Il-ħolqien ta' Adam u Eva, u d-dnub tagħhom.
- **Ps** 50, 3-6.12-14.17 Ħenn għalina, Mulej għaliex dnibna.
- **2L** Rum 5, 12-19 (forma qasira 5, 12.17-19) Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja.
- **E** Mt 4, 1-11 Ġesù jsum għal erbgħin jum u jiġġarrab mix-xitan.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Lev 19, 1-2.11-18 Agħmel ħaqq mill-proxxmu tiegħek fis-sewwa.
- **Ps** 18.8-10.15 Il-kliem tiegħek, Mulej, huwa spirtu u ħajja.
- **E** Mt 25, 31-46 Kemm għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

# 15 It-Tlieta • 2011 Marzu

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 55, 10-11 Il-Kelma tiegħi tagħmel dak li jogħġob lili.
- **Ps** 33, 4-7.16-19 Il-Mulej jeħles il-ġusti mid-dwejjaq kollha tagħhom.
- **E** Mt 6, 7-15 Itolbu hekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġona 3, 1-10 In-nies ta' Ninwè reġgħu lura mit-triq tagħhom il-ħażina.
- **Ps** 50, 3-4.12-13.18-19 Qalb niedma u sogħbiena, int ma twarrabhiex, o Alla.
- **E** Lq 11, 29-32 Ebda sinjal ma jingħata lil dan in-nisel ħlief is-sinjal ta' Ġona.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

# 17 Il-Ħamis • 2011 Marzu

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Patrizju, Isqof, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Est 14, 1.3-5.12-14 Ma għandix għajnuna oħra ħliefek, Mulej.
- **Ps** 137, 1-3.7ċ.8 Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni, Mulej.
- **E** Mt 7, 7-12 Min jitlob, jaqla'.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa. Tista' ssir it-tifkira ta' San Patrizju, Isqof, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Patrizju twieled fil-Britannja ż-żgħira madwar is-sena 385; f'żgħożitu nqabad ilsir u ħaduh l-Irlanda jirgħa l-imrieħel. Kiseb il-ħelsien, daħal kjeriku, u sar isqof tal-Irlanda. B'ħeġġa kbira xerred l-Evanġelju fost il-poplu ta' dik il-gżira, ressaq lil ħafna għall-fidi, u qassam kollox bl-ordni f'dik il-Knisja. Miet f'Down fis-sena 461.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B. (Sliema) - San Patrizju, Isqof - Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Marzu 18

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm, Isqof u Duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Eżek 18, 21-28 Aktar jogħġobni li l-midneb jerġa' lura minn triqtu u jgħix.
- **Ps** 129, 1-8 Jekk tal-ħtijiet int tagħti każ, Mulej, Mulej min jista' jżomm sħiħ?
- **E** Mt 5, 20-26 Mur l-ewwel irranġa ma' ħuk.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa. Tista' ssir it-tifkira ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm, Isqof u Duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[F].
Filgħaxija jingħad l-ewwel Għasar tas-solennità ta' għada. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ċirillu ta' Ġerusalemm twieled fis-sena 315 minn ġenituri nsara, u fis-sena 348 sar isqof ta' Ġerusalemm wara Massimu. Tħabat kontra l-Arjani, u kellu jduq l-eżilju aktar minn darba. Xhieda tal-ħeġġa pastorali tiegħu huma d-diskorsi li ħalla, li bihom lill-fidili kien ifissrilhom id-dottrina t-tajba, l-Iskrittura mqaddsa u t-tradizzjonijiet. Miet fis-sena 386.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. (Bormla) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M. - Tista' ssir it-tifkira ta' San Salvatur minn Horta, Reliġjuż, kif imfisser f'[7] u [F].

# 19 Is-Sibt • 2011 Marzu

**San Ġużepp, l-Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija - Solennità (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Sam 7, 4-5a.12-14a.16 Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru.
- **Ps** 88, 2-5.27.29 In-nisel tiegħu jibqa' għal dejjem.
- **2L** Rum 4, 13.16-18.22 Meta ma seta' jara ebda tama, huwa ttama u emmen.
- **E** Mt 1, 16.18-21.24a Ġużeppi għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej. *jew*
  Lq 2, 41-51a Missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja bis-salmodija komplimentari.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fl-Iskrittura mqaddsa lil San Ġużepp narawh bħala l-għarus tal-Verġni Marija, ir-raġel ġust li Alla riedu jkun il-missier legali ta' Ġesù, il-qaddej fidil u għaqli li Alla fdalu f'idejh il-familja mqaddsa. Il-Knisja ħatritu bħala l-patrun universali tagħha.

**Filgħaxija**
Quddiesa
tat-tieni Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-Salterju.

**It-tieni Ħadd tar-Randan - (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju [1].
Mhux permess Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Ġen 12, 1-4a Is-sejħa ta' Abraham, missier il-poplu ta' Alla.
- **Ps** 32, 4-5.18-20.22 Ħa tkun Mulej it-tjieba tiegħek fuqna.
- **2L** 2 Tim 1, 8b-10 Alla jsejħilna u jdawwalna.
- **E** Mt 17, 1-9 Wiċċu sar jiddi bħax-xemx.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tieni Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.

# 21 It-Tnejn • 2011 Marzu

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Dan 9, 4b-10 Dnibna, ġibna ruħna ħażin.
- **Ps** 78, 8.9.11.13 Mulej, tħallasniex skont ħtijietna.
- **E** Lq 6, 36-38 Aħfru u tkunu maħfura.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Wied il-Għajn - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad).
- O.S.B. - Transitu ta' San Benedittu, abbati - Festa (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Marzu 22

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 1, 10.16-20 Tgħallmu agħmlu t-tajjeb, fittxu d-dritt.
- **Ps** 49, 8-9.16bċ-17.21.23 Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni t'Alla.
- **E** Mt 23, 1-12 Kliem biss għandhom, imma fatti xejn.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. - Tista' ssir it-tifkira ta' San Benvenut Scotivoli, Isqof, kif imfisser f' [7] u [F].

# 23 L-Erbgħa • 2011 Marzu

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Turibju ta' Mogrovejo, Isqof, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Ġer 18, 18-20 Ejjew nonsbulu nasba.
- **Ps** 30, 5-6.14-16 Fit-tjieba tiegħek, Mulej, eħlisni.
- **E** Mt 20, 17-28 Jaqtgħuhielu għall-mewt.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Turibju ta' Mogrovejo, Isqof, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Turibju twieled fi Spanja għall-ħabta tal-1538, u studja d-dritt f'Salamanka. Ħatruh isqof ta' Lima fl-1580 u mar l-Armerika. Mimli ħeġġa appostolika, sikwit laqqa' sinodi u konċilji li mexxew ħafna 'l quddiem il-ħajja reliġjuża f'dik l-art kollha. Iddefenda b'qawwa kbira l-jeddijiet tal-Knisja, ħaseb bla heda għall-merħla afdata f'idejh u kien sikwit iżurha, u ħabrek ħafna wkoll għall-aboriġeni. Miet fl-1606.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'kara (tal-Ħerba) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Marzu 24

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġer 17, 5-10 Misħut min jittama fil-bnedmin; imbierek min jittama fil-Mulej.
- **Ps** 1, 1-4.6 Hieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Lq 16, 19-31 It-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa. Filgħaxija l-ewwel Għasar tas-solennità ta' għada. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħdud bit-talba *Żur*.

# 25 Il-Ġimgħa • 2011 Marzu

**It-Tħabbira tal-Mulej - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2]. Waqt il-Kredu, fil-kliem *U ħa l-ġisem…* ninżlu għarkopptejna.

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Is 7, 10-14; 8,10 Arawha, ix-xebba ssir omm.
- **Ps** 39, 7-11 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **2L** Lhud 10, 4-10 Ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla.
- **E** Lq 1, 26-38 Int se tnissel fi ħdanek u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħdud bit-talba *Żur.*

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Illum il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna beda jseħħ fil-milja kollha tiegħu. Mat-tħabbira tal-Anġlu lil Marija, l-Iben ta' Alla niżel mis-sema biex jagħmel ir-rieda tal-Missier u sar bniedem bħalna fil-ġuf safi tal-Verġni Marija.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Kappella tal-Lunzjata) - It-Tħabbira tal-Mulej lil Marija Santissima - Solennità (abjad)

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Mik 7, 14-15.18-20 Jarmi f'qiegħ il-baħar ħtijietna.
- **Ps** 102, 1-4.9-12 Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej.
- **E** Lq 15, 1-3.11-32 Dan ħuk kien mejjet u reġa' qam.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Dingli - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. (Sliema) - Ġesù Nazzarenu - Solennità trasferita (aħmar)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tar-Randan. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tielet ġimgħa tas-Salterju.

# 27 Il-Ħadd • 2011 Marzu

**It-tielet Ħadd tar-Randan - (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju li jaqbel mal-Evanġelju [1].
Mhux permess Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Eżodu 17, 3-7 Agħtina ilma x'nixorbu.
- **Ps** 94, 1-2.6-7.8-9 Illum jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom.
- **2L** Rum 5, 1-2.5-8 L-imħabba ssawbet fina permezz tal-Ispirtu mogħti lilna.
- **E** Ġw 4, 5-42 Għajn ta' ilma li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tielet Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** 2 Slat 5, 1-15a Ebda mġiddem fi żmien Eliżew ma tfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja.
- **Ps** 41, 2.3; 42, 3.4 Ruħi għatxana għal Alla ħaj.
- **E** Lq 4, 24-30 Ġesù ġie għal kulħadd.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

# 29 It-Tlieta • 2011 Marzu

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Dan 3, 25.34-43 B'qalbna mgħaffġa u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek.
- **Ps** 24, 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, Mulej.
- **E** Mt 18, 21-35 Jekk ma taħfrux 'il xulxin minn qalbkom, anqas il-Missier ma jaħfer lilkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

# L-Erbgħa • 2011 Marzu 30

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Dewt 4, 1.5-9 Agħtu widen għall-ordnijiet li qiegħed ngħallimkom tagħmlu.
- **Ps** 147, 12-13.15-16.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Mt 5, 17-19 Min iħares il-kmandamenti u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# 31 Il-Ħamis • 2011 Marzu

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġer 7, 23-28 Dan hu l-ġens li ma semax leħen il-Mulej Alla tiegħu.
- **Ps** 94, 1-2.6-9 Illum, jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom.
- **E** Lq 11, 14-23 Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

# Il-Ġimgħa • 2011 April

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

# 1

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Ħos 14, 2-10 Anqas ma ngħidu iżjed 'Alla tagħna' lil xogħol idejna.
- **Ps** 80, 6ċ-11ab.14.17 Nagħti widen għall-kelma tal-Mulej.
- **E** Mk 12, 28b-34 Alla tagħna huwa biss il-Mulej, u inti għandek tħobb lilu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D.; O.S.J. - Tista' ssir it-tifkira ta' San Nonju Alvarez Pereira, Reliġjuż, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7]u [F].

# 2 Is-Sibt • 2011 April

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Franġisk minn Paola, Eremit, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Ħos 6, 1-6 Jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju.
- **Ps** 50, 3-4.18-21ab Jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju.
- **E** Lq 18, 9-14 Il-pubblikan niżel id-dar iġġustifikat.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Franġisk minn Paola, Eremit, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk twieled f'Paola, fil-Kalabrija, fl-1416. Waqqaf kongregazzjoni ta' eremiti, li mbagħad tbiddlet fl-Ordni tal-Minimi, imwettaq mis-Santa Sede fl-1506. Franġisku miet f'Tours, Franza, fl-1507.

**Nota**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II (2005).

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Salterju tar-raba' ġimgħa.

# Il-Ħadd • 2011 April 3

**Ir-raba' Ħadd tar-Randan - (vjola jew roża)**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** 1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a David ikkonsagrat sultan ta' Iżrael.
- **Ps** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **2L** Efes 5, 8-14 Qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.
- **E** Ġw 9, 1-41 Mort, inħsilt, u ġejt nara.

**Liturġija tas-Sigħat**
tar-raba' Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.



**tar-raba' ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Sidor, Isqof u Duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 65, 17-21 Ma jinstemax aktar leħen il-biki.
- **Ps** 29, 2.4-6.11-12a.13b Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.
- **E** Ġw 4, 43-54 Mur, ibnek igħix.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa. Tista' ssir it-tifkira ta' San Sidor, Isqof u Duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Sidor twieled f'Sevilla, Spanja, madwar is-sena 560. Wara l-mewt ta' missieru, ħa ħsieb ħuħ Leandro. Sar isqof ta' belt twelidu, kiteb ħafna opri li jixhdu għerfu, u laqqa' u mexxa bosta konċilji fi Spanja, li bis-saħħa tagħhom ħafna ħwejjeġ ġew organizzati bil-għaqal. Miet fis-sena 636.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
O.F.M. - Tista' ssir it-tifkira ta' San Benedittu ta' Palermo, Reliġjuż, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7] u [F].

# 5 It-Tlieta • 2011 April

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Vinċenz Ferrer, Presbiteru, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Eżek 47, 1-9.12 Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju, u salvaw dawk kollha li fuqhom wasal dan l-ilma.
- **Ps** 45, 2-3.5-6.8-9 Il-Mulej tal-eżerċti magħna.
- **E** Ġw 5, 1-3a.5-16 Minnufih ir-raġel fieq.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Vinċenz Ferrer, Presbiteru, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Vinċenz twieled f'Valencia, Spanja, fl-1350. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi, u għallem it-teoloġija. Ġera ħafna artijiet ixandar il-kelma ta' Alla, u għamel ġid kbir għall-ħarsien tal-fidi u t-tiġdid tal-ħajja nisranija. Miet f'Vannes, Franza, fl-1419.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - Tista' ssir it-tifkira ta' San Vinċenz Ferrer, Presbiteru, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7] u [F].

# L-Erbgħa • 2011 April 6

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 49, 8-15 Għamiltek patt mal-poplu, biex nerġa' nqajjem l-art.
- **Ps** 144, 8-9.13ċd-14.17-18 Il-Mulej tajjeb u ħanin.
- **E** Ġw 5, 17-30 Bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

# 7 Il-Ħamis • 2011 April

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann Battista de la Salle, Presbiteru, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Eżodu 32, 7-14 Erġa' lura mis-saħna tal-għadab tiegħek.
- **Ps** 105, 19-23 Ftakar fil-poplu tiegħek, Mulej.
- **E** Ġw 5, 31-47 Dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qegħidtu t-tama tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann Battista de la Salle, Presbiteru, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Battista twieled f'Reims, Franza, fl-1651. Wara li sar qassis, ingħata kollu kemm hu għall-edukazzjoni taż-żgħar u fetaħ skejjel għall-foqra. Sieħeb oħrajn miegħu u waqqaf Kongregazzjoni, li minħabba fiha għadda minn bosta tiġrib. Miet f'Rouen fl-1719.

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Għerf 2,1a.12-22 Nikkundannawh għall-mewt l-aktar kiefra.
- **Ps** 33,17-21.23 Qrib il-Mulej lejn dawk li qalbhom maqsuma.
- **E** Ġw 7,1-2.10.25-30 Fittxew li jaqbduh, imma s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- San Pawl il-Baħar - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 9 Is-Sibt • 2011 April

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġer 11, 18-20 Bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla.
- **Ps** 7, 2-3.9bċ-12 Mulej, Alla tiegħi, fik il-kenn tiegħi.
- **E** Ġw 7, 40-53 Mela l-Messija għandu jiġi mill-Galilija?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Nota**
Djoċesi ta' Għawdex
Illum jaħbat l-anniversarju tal-ordinazzjoni episkopali ta' Mons Nikol Cauchi, isqof emeritus ta' Għawdex (1967).

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħames Ħadd tar-Randan. L-Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 April 10

**Il-ħames Ħadd tar-Randan - (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, Kredu, prefazju proprju [1]. Ma jistax isir Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Eżek 37, 12-14 Inqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja.
- **Ps** 129, 1-8 Għand il-Mulej hemm it-tjieba.
- **2L** Rum 8, 8-11 L-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom.
- **E** Ġw 11, 1-45 Jien hu l-qawmien u l-ħajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ħames Ħadd tar-Randan [D]. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat għas-sena A.

# 11 It-Tnejn • 2011 April

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Stanislaw, Isqof u Martri, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Dan 13, 1-9.15-17.10-30.33-62 Susanna akkużata bla ħtija.
- **Ps** 22, 1-6 Ma nibżax mill-ħsara, Mulej, għax inti miegħi.
- **E** Ġw 8, 1-11 Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Stanislaw, Isqof u Martri, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stanislaw twieled fi Szczepanowski, il-Polonja, għall-ħabta tal-1030, u studja f'Parigi. Sar qassis, u fl-1071 laħaq isqof ta' Krakow wara Lambertu. Kien tassew ir-ragħaj it-tajjeb tal-Knisja tiegħu, għen lill-foqra, u ta' kull sena kien jagħmel żjara pastorali lill-kleru tiegħu. Fl-1079 is-sultan Boleslaw tah il-mewt talli waqaflu minħabba n-nuqqasijiet tiegħu.

# It-Tlieta • 2011 April 12

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Num 21, 4-9 Kull min iħares lejn is-serp ifiq.
- **Ps** 101, 2-3.16-21 Mulej, isma' t-talba tiegħi.
- **E** Ġw 8, 21-30 Meta terfgħu 'l fuq 'il Bin il-bniedem, imbagħad tagħarfu li jien hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

# 13 L-Erbgħa • 2011 April

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Martin I, Papa u Martri, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Dan 3, 14-20.91-92.95 Bagħat l-anġlu tiegħu u ħeles lill-qaddejja tiegħu.
- **Ps** Dan 3, 52-56 Ta' min ifaħħrek u jgħollik għal dejjem.
- **E** Ġw 8, 31-42 Jekk l-Iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Martin I, Papa u Martri, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Martin twieled f'Todi, fl-Umbrija. Sar kjeriku tal-Knisja ta' Ruma, u fis-sena 649 ħatruh Papa. Fl-istess sena laqqa' konċilju li kkundanna l-ereżija tal-monoteliti. Fis-sena 653 l-imperatur Kustanz arrestah u ħadu f'Kostantinopli, fejn bata ħafna. Imbagħad bagħtu fit-Traċja, u hawnhekk miet fis-sena 656.

# Il-Ħamis • 2011 April 14

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Ġen 17, 3-9 Nagħmlek missier ta' ħafna ġnus.
- **Ps** 104, 4-9 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Ġw 8, 51-59 Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. - Tista' ssir it-tifkira tal-Beatu Pietru Gonzales, Presbiteru, kif imfisser fl-indikazzjonijiet [7] u [F].

# 15 Il-Ġimgħa • 2011 April

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Ġer 20, 10-13 Il-Mulej miegħi, bħal raġel ta' ħila.
- **Ps** 17, 2-7 Fil-hemm tiegħi sejjaħt lill-Mulej, u semgħani.
- **E** Ġw 10, 31-42 Il-Lhud fittxew li jaqbdu 'l Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri - Festa ta' devozzjoni.
  Tista' ssir il-Quddiesa tal-Imqaddsa Verġni Marija ħdejn is-Salib tal-Mulej mill-Missal B.M.V., Glorja, qari mil-Lezzjonarju B.M.V. jew tal-ġurnata, prefazju proprju.

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan - Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Eżek 37, 21-28 Nagħmilhom ġens wieħed.
- **Ps** Ġer 31,10-13 Il-Mulej iħarisna bħal ragħaj.
- **E** Ġw 11, 45-56 Kristu jiġbor l-ulied imxerrda ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa. Minflok l-innijiet tar-Randan jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar ta' Ħadd il-Palm. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 17 Il-Ħadd • 2011 April

**Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej - (aħmar)**

**Tifkira tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm**

It-tifkira ssir:

- b'ċelebrazzjoni f'xi kappella jew post ieħor adatt u b'purċissjoni għall-knisja fejn se ssir il-Quddiesa stazzjonali. Qabel il-purċissjoni jitbierku l-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ u jinqara l-Evanġelju tad-dħul ta' Kristu f'Ġerusalemm.
- b'introjtu solenni għall-Quddiesa. Is-saċerdot ibierek il-palm u ż-żebbuġ ħdejn il-bieb tal-knisja; jinqara l-Evanġelju. Imbagħad is-saċerdot u l-ministri jgħaddu proċessjonalment tul il-korsija għal fuq il-presbiterju.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **E** Mt 21, 1-11 Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.

**Quddiesa**

proprja, Kredu, prefazju proprju.
L-Att Penitenzjali jitħalla barra jekk issir il-purċissjoni jew introjtu solenni [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 50, 4-7 Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir.
- **Ps** 21, 8-9.17-20.23-24 Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
- **2L** Fil 2, 6-11 Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.
- **E** Mt 26, 14 - 27, 66 Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Waqt ir-rakkont tal-Passjoni ma jintużawx akkolti jew ċensier.
Id-djakni, iżda mhux il-lajċi, jitolbu l-barka liċ-ċelebrant u jgħidu: *Naddafli qalbi u fommi.*
Ma ssirx it-tislima I*l-Mulej magħkom* fil-bidu tal-qari.
Il-parti ta' Kristu tinqara dejjem minn saċerdot jew djaknu.
Ir-rakkont tal-Passjoni jagħlaq bil-kliem: *Il-Kelma tal-Mulej.*
Fl-aħħar ma tingħatax bewsa lill-ktieb tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju proprju [D]. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Is 42, 1-7 Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu.
- **Ps** 26, 1-3;13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Ġw 12, 1-11 Refgħetu għal jum id-difna tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa [E].

# 19 It-Tlieta • 2011 April

**tal-Ġimgħa Mqaddsa - (vjola)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 49, 1-6 Nagħmel minnek dawl għall-ġnus.
- **Ps** 70, 1-6.15.17 Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.
- **E** Ġw 13, 21-33.36-38 Wieħed minnkom se jittradini ... Inti tiċħadni.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa [E].

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II. [2]

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Is 50, 4-9a Ma ħbejtx wiċċi mit-tgħajjir.
- **Ps** 68, 8-10.21-22.31.33-34 Fil-kobor tiegħek, o Alla, weġibni.
- **E** Mt 26, 14-25 Ħażin għal dak li bih Bin il-bniedem ikun mogħti.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa [E].

# 21 Il-Ħamis • 2011 April

**tal-Ġimgħa Mqaddsa (vjola għal-Liturġija tas-Sigħat u abjad għall-Quddiesa tal-Griżma)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**

proprja tal-Griżma, Glorja, qari proprju, tiġdid tal-wegħdiet saċerdotali, prefazju proprju, tberik taż-żjut. Titħalla barra t-Talba tal-Fidili. Permessa biss il-Quddiesa li ssir mill-Arċisqof fil-Kon-Katidral. Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral. F'kull ħin tal-ġurnata jista' jsir it-Tqarbin tal-Morda.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 61, 1-3a.6a.8b.9 Il-Mulej ikkonsagrani b'żejt ta' ferħ.
- **Ps** 88, 21-22.25.27 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Apok 1, 5-8 Kristu għamilna saltna, qassisin għal Alla Missieru.
- **E** Lq 4, 16-21 L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu ikkonsagrani.

**Liturġija tas-Sigħat**

(sat-Talb ta' Nofs il-Jum): Uffiċċju tal-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa [E]. Fl-Uffiċċju tal-Qari minflok is-salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa, tista' tingħad is-salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Nota**

Jispiċċa ż-żmien tar-Randan u jibdew it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid.

**Filgħaxija**

**Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej** - (abjad)

**Quddiesa**

proprja, Glorja, qari proprju, l-ewwel prefazju tal-Ewkaristija. Jekk jintuża l-Kanone Ruman il-partijiet: *Imseħbin*, *Ilqa'*, u *Awl il-lejl* huma proprji.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Eż 12, 1-8.11-14 Preċetti dwar l-ikla tal-Għid.
- **Ps** 115, 12-13.15-18 Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu.
- **2L** 1 Kor 11, 23-26 Kull meta tieklu u tixorbu, ixxandru l-mewt tal-Mulej.
- **E** Ġw 13, 1-15 Ħabbhom għall-aħħar.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċjatura proprja. L-Għasar ma jingħadx minn min jieħu sehem fil-Quddiesa ta' filgħaxija. Il-Kompieta tkun dik ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħdud u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-jum.

**Noti:**

- Il-Quddiesa tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej tiġi ċċelebrata wara nżul ix-xemx, f'ħin li jiffavorixxi s-sehem sħiħ tal-ġemgħa. Is-saċerdoti kollha jistgħu jikkonċelebraw, ukoll jekk ikunu diġa' għamlu dan fil-Quddiesa tal-Griżma. Skont drawwa antikissima fil-Knisja, f'dan il-jum hi pprojbita ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mingħajr is-sehem tal-poplu. Għall-motivi pastorali serji, l-Ordinarju jista' jagħti permess li ssir Quddiesa oħra għal dawk li bl-ebda mod ma jistgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa prinċipali. Wieħed irid jevita li din iċ-ċelebrazzjoni barranija ssir għal xi gruppi partikulari u bl-ebda mod ma għandha ttellef dik prinċipali.
- It-tabernaklu għandu jkun vojt. F'din iċ-ċelebrazzjoni għandhom jiġu kkonsagrati ostji biżżejjed għal-lum u għada.
- Il-kappella tar-ripożizzjoni trid tiġi ppreparata tajjeb. Hawnhekk il-fidili jersqu għal mument ta' adorazzjoni. L-Ewkaristija trid tinżamm f'post magħluq. Ma tistax issir l-espożizzjoni tal-Ewkaristija fi sfera.
- Waqt il-Glorja jindaqqu l-qniepen li wara jinżammu siekta sal-Glorja li titkanta fil-Velja tal-Għid.
- Waqt iċ-ċelebrazzjoni jsir il-ħasil tar-riġlejn ta' tnax-il raġel. Dan il-ġest ifakkarna lin-nisrani jrid ikun ta' servizz bħal Kristu "li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi".
- Waqt il-purċissjoni bl-offerti jistgħu jitellgħu xi għotjiet li jkunu nġabru fir-Randan bħala frott ta' penitenza.
- Kif tispiċċa t-talba ta' wara t-tqarbin, jitħallew barra r-riti tal-għeluq u tibda l-purċissjoni lejn l-altar tar-ripożizzjoni.
- Wara ċ-ċelebrazzjoni jitneżżgħu l-altari. Jixraq lis-slaleb fil-knisja jitgħattew jew jitneħħew.
- Il-purċissjoni u r-ripożizzjoni tas-sagrament ma jsirux f'dawk il-knejjes li fihom ma ssirx il-funzjoni tal-Ġimgħa.
- L-insara huma mħeġġa biex isibu ħin għall-adorazzjoni privata jew komunitarja. Wara nofs il-lejl, l-adorazzjoni ssir mingħajr solennità.

# 22 Il-Ġimgħa • 2011 April

**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej - (aħmar)**
**Sawm (għal dawk bejn it-18 u d-59 sena) u Astinenza (għal dawk minn 14-il sena 'l fuq)**

**Ċelebrazzjoni**
tal-Passjoni tal-Mulej kif deskritta fil-Missal.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 52, 13 - 53, 12 Kien miġruħ minħabba fi dnubietna.
- **Ps** 30, 2.6.12-13.15-17.25 Missier, nerħi ruħi f'idejk.
- **2L** Lhud 4, 14-16; 5, 7-9 Kristu, awtur tas-salvazzjoni għal kulħadd.
- **E** Ġw 18, 1 - 19, 42 Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Nota**
- Ir-rakkont tal-Passjoni jsir kif hemm imfisser għal Ħadd il-Palm.
- It-tqarbin tal-fidili jista' jsir biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira, iżda t-tqarbin tal-morda jsir f'kull ħin tal-ġurnata.
- Illum jistgħu jiġu ċċelebrati biss is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u tad-Dilka tal-Morda.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju. Salmodija għat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.
Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, fl-Għasar u fil-Kompieta flok ir-responsorju jingħad il-vers tal-ġurnata. Il-Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħdud bit-talba *Żur*.
L-Għasar ma jingħadx minn min jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-3.00 p.m.
Jixraq li partijiet tal-Uffiċċju jiġu ċċelebrati bis-sehem tal-ġemgħa.

Matul il-jum il-Knisja tishar ħdejn il-qabar tal-Mulej tistenna t-tħabbira tal-qawmien tiegħu mill-imwiet fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-vġili solenni tal-Għid.

Illum jistgħu jiġu ċċelebrati biss is-sagramenti tar-rikonċiljazzjoni u tad-dilka tal-morda. It-tqarbin illum isir biss bħala vjatku.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju. Jixraq li partijiet tal-Uffiċċju jiġu ċċelebrati bil-parteċipazzjoni tal-fidili. Il-Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħdud ma tingħadx minn dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili.

**Il-Lejl Qaddis tal-Vġili tal-Għid** - Solennità (abjad)

**Quddiesa**
Solenni tal-Vġili skont ir-rubriki partikulari tal-Missal: mixgħela tal-Blandun, tħabbira tal-Għid, liturġija tal-Kelma, Glorja wara l-kolletta tas-VII lezzjoni, liturġija tal-magħmudija, liturġija tal-Ewkaristija. Jekk tintuża l-ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Ġen 1, 1-2 -2,2 Alla ħares lejn kull ma għamel u ra li kollox kien sew ħafna.
- **Ps** 103, 1-2a.5-6.10.12-14.24.35ċ Ġedded il-wiċċ tal-art, Mulej. *jew* Ps 32, 4-7.12-13.20.22 Bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art.

- **2L** Ġen 22, 1-18 Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.
- **Ps** 15, 5.8-11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.

- **3L** Eż 14,15 - 15,1a Ulied Iżrael daħlu fl-inxief f'nofs il-baħar.
- **Ps** Eż 15, 1-6.17-18 Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ.

- **4L** Is 54,5-14 Bi mħabba ta' dejjem ħenn għalik il-Mulej.
- **Ps** 29, 2.4-6.11-13 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.

- **5L** Is 55, 1-11 Ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ.
- **Ps** Is 12, 2-3.4b-6 Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.

- **6L** Bar 3, 9-15.32 - 4,4 Imxi lejn id-dija tad-dawl tal-Mulej.
- **Ps** 18, 8-11 Mulej, int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

- **7L** Eżek 36, 16-28 Inroxx fuqkom ilma safi, u nagħtikom qalb ġdida.
- **Ps** 41, 3-5; 42, 3-4 Tixxennaq ruħi għalik, o Alla tiegħi!
  *jew jekk tiġi ċċelebrata magħmudija:*
  **Ps** 50, 12-15.18-19 Oħloq fija qalb safja, o Alla.

- **8L** Rum 6, 3-11 Kristu qam mill-imwiet biex ma jmutx aktar.
- **Ps** 117, 1-2.16ab-17.22-23 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Mt 28, 1-10 Qam mill-imwiet, u sejjer il-Galilija qabilkom.

**Noti:**

- Iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ma tistax tibda qabel jidħol il-lejl u trid tintemm qabel jisbaħ il-Ħadd. Għalhekk ma tistax tibda qabel it-8.00 p.m. u jkun aħjar jekk tibda aktar tard, p.e. fid-9.00 p.m. Tista' tiġi ċċelebrata fi knejjes u oratorji fejn ma jkunux saru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħamis u tal-Ġimgħa.
- F'każ ta' bżonn t-Tħabbira tal-Għid (Exultet) tista' titkanta minn lajk. F'dan il-każ ma jingħatax il-barka u jitħallew barra il-partijiet *U intom, ħuti għeżież ...* u *Il-Mulej magħkom.*
- Jixraq li għat-tberik tan-nar titqabbad ħuġġieġa barra l-bieb ewlieni tal-knisja fejn isir it-tberik tan-nar, ħalli mbagħad il-konċelebranti, il-ministranti u l-poplu jidħlu fil-knisja mdawwla biss bid-dawl tal-blandun.
- Is-seba' lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim qabel il-Glorja għandhom jinqraw kollha. F'xi ċirkustanzi jistgħu jinqraw tlieta. It-tielet lezzjoni qatt ma għandha titħalla barra. Fi tmiem din il-lezzjoni ma tingħadx *Il-Kelma tal-Mulej*, iżda wara mument ta' silenzju jibda s-salm responsorjali. Għal waqt il-qari tal-Evanġelju jista' jintuża l-inċens iżda mhux l-akkolti.
- Jekk se tiġi ċċelebrata Magħmudija: Ir-riti tal-bidu, sad-dlik biż-żejt tal-katekumeni, jridu jsiru jew matul ir-Randan jew matul il-jum, jew qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni privatament.
- Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, dawk li se jiġu mgħammdin, jew jekk dawn huma trabi, il-ġenituri u l-parrini tagħhom f'isimhom, jagħmlu il-professjoni tal-fidi (il-wegħdiet tal-magħmudija).
- Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, il-ġemgħa kollha ġġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija.
- It-tqarbin jista' jsir b'żewġ speċi.
- Mhux permess iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mingħajr ir-riti taċ-ċelebrazzjoni tal-vġili.
- Il-Blandun jitpoġġa maġenb l-altar jew maġenb l-ambone sa nhar l-Għid il-Ħamsin.

**Ħadd il-Għid tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju tal-Għid I. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 10, 34a.37-43 Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet.
- **Ps** 117, 1-2.16-17.22-23 Dan hu l-jum li għamel il-Mulej.
- **2L** Kol 3, 1-4 Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu.
  *jew* 1 Kor 5, 6b-8 Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida.
- **E** Ġw 20, 1-9 Kristu kellu jqum mill-imwiet.
  *jew* Mt 28, 1-10 Qam mill-imwiet, u sejjer il-Galilija qabilkom.
  *jew filgħaxija* Lq 24, 13-35 Ibqa' magħna, Mulej, għax sar ħafna ħin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. L-Uffiċċju tal-Qari ma jingħadx minn dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-vġili. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd, bl-innu *O Ġesù Feddej tad-dinja.* Flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-ġurnata. L-antifona tal-Verġni Marija tkun *Sultana tas-sema, Ifraħ.*

# 25 It-Tnejn • 2011 April

**tal-Ottava tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tat-Tnejn fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 2, 14.22-32 Lil dan Ġesù, Alla qajmu, u ta' dan aħna lkoll xhieda.
- **Ps** 15, 1-2a.5.7-11 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Mt 28, 8-15 Wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemm hekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tat-Tnejn fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid.  Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

**Quddiesa**
tat-Tlieta fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 2, 36-41 Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed fl-isem ta' Ġesù.
- **Ps** 32, 4-5,18-20.22 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 20, 11-18 Rajt il-Mulej u tani dil-bxara.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tat-Tlieta fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# 27 L-Erbgħa • 2011 April

**tal-Ottava tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Erbgħa fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 3, 1-10 Minn dak li għandi se nagħtik: fl-isem ta' Ġesù, imxi!
- **Ps** 104, 1-4.6-9 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Lq 24, 13-35 Għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Erbgħa fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# Il-Ħamis • 2011 April 28

**tal-Ottava tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ħamis fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 3, 11-26 Intom qtiltu lil Sid il-ħajja, imma Alla qajmu mill-imwiet.
- **Ps** 8, 2a.5-9 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Lq 24, 35-48 Il-Messija kellu jbati u jqum mill-imwiet fit-tielet jum.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Ħamis fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# 29 Il-Ġimgħa • 2011 April

**tal-Ottava tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ġimgħa fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Atti 4, 1-12 F'Ġesù biss hemm is-salvazzjoni.
- **Ps** 117, 1-2.4.22-27 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 21, 1-14 Ġesù jidher lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Ġimgħa fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tas-Sibt fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 4, 13-21 Ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna.
- **Ps** 117, 1.14-21 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Mk 16, 9-15 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tas-Sibt fost l-Ottava. Salmodija tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ta' Ħadd il-Għid [A].

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
Fl-ewwel Għasar innu, antifoni u salmodija tat-tieni Għasar ta' Ħadd il-Għid u l-partijiet l-oħra proprji. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd [A]. L-innu jkun *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*
Matul din il-ġimgħa tingħad it-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 1 Il-Ħadd • 2011 Mejju

**It-Tieni Ħadd tal-Għid *jew* Il-Ħadd tal-Ħniena Divina - (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Għid, Glorja, sekwenza *ad libitum*, Kredu, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [1]. Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 2, 42-47 Dawk kollha li kienu jemmnu kienu lkoll flimkien u kellhom kollox flimkien bejniethom.
- **Ps** 117, 2-4.13-15.22-24 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb!
- **2L** 1 Piet 1, 3-9 Tana twelid ġdid li jwassalna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.
- **E** Ġw 20, 19-31 Tmint ijiem wara, ġie Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
Fl-Uffiċċju tal-Qari, innu u salmodija tat-Tnejn fost l-Ottava. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu u salmodija ta' Ħadd il-Għid u l-partijiet l-oħra proprji. Talb ta' Nofs il-Jum ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd [A].

**San Atanasju, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Atti 4, 23-31 Malli temmu jitolbu, ilkoll imtlew bl-Ispirtu s-Santu u bdew ixandru l-kelma ta' Alla bil-qlubija.
- **Ps** 2, 1-9 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 3, 1-8 Jekk wieħed ma jitwilidx mill-ġdid, ma jistax jara s-saltna ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Atanasju twieled f'Lixandra fis-sena 295, għen lill-isqof Alessandru fil-Konċilju Niċenu u laħaq warajh. Ħadha b'qawwa kbira kontra l-Arjani, u minħabba f'hekk ra ħafna ma' wiċċu u kien bosta drabi eżiljat. Kiteb opri mill-aħjar biex ifisser u jiddefendi l-fidi kattolika. Miet fis-sena 373.

**Ċelebrazzjoni oħra**
- Siggiewi, Tarxien (San Bert), Għargħur, Msida, Senglea (Knisja ta' San Filippu); Marsa (Ssma Trinità) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- Qormi - San Ġorġ, Martri - Solennità trasferita (aħmar)
- Sorijiet tal-Bon Pastur - Santa Marija Euphrasia Pelletier, Reliġjuża - Solennità trasferita (abjad)
- O.S.A. (Rabat) - San Mark, Evanġelista - Solennità trasferita (aħmar)
- O.S.A. (Paceville) - Il-Madonna tal-Bon Kunsill - Solennità trasferita (abjad)
- O.P. (Sorijiet) - Santa Katerina ta' Siena, Verġni u Duttur tal-Knisja - Solennità trasferita (abjad)
- B'Kara (par. San Ġużepp); O.F.M. Cap. (Xemxija); M.S.S.P. (S. Venera) - San Ġużepp Ħaddiem - Solennità trasferita (abjad)
- Għaxaq - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
- Belt Vittorja (Kappella tas-Sorijiet Franġiskani) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1909) - Solennità trasferita (abjad)
- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, Martri) - San Ġorġ, Martri. Patrun tal-Belt Vittorja u protettur tal-Għawdxin - Solennità trasferita (aħmar)
- Xagħra (Knisja ta' Sant'Anton Abbati) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1988) - Solennità trasferita (abjad)

# 3 It-Tlieta • 2011 Mejju

**San Filippu u San Ġakbu, Appostli - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Kor 15, 1-8 Il-Mulej deher lil Ġakbu, u wara lill-appostli kollha.
- **Ps** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Ġw 14, 6-14 Ili daqshekk magħkom, u għadkom ma għaraftunix?

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) [B]. Uffiċċjatura proprja u mill-Komun tal-Appostli. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid, salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Filippu minn Betsajda, kien dixxiplu tal-Battista, u mbagħad ta' Ġesù. Ġakbu, qarib tal-Mulej u bin Alfew, mexxa l-Knisja ta' Ġerusalemm; hu l-awtur ta' waħda mill-ittri tat-Testment il-Ġdid; għadda ħajja iebsa, u ressaq Lhud għall-fidi. Miet martri fis-sena 62.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'Kara (S. Elena) - Is-Salib Imqaddes - Solennità (aħmar)

## L-Erbgħa • 2011 Mejju

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

# 4

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 5, 17-26 L-irġiel, li intom xħettu l-ħabs, qegħdin fit-Tempju jgħallmu l-poplu.
- **Ps** 33, 2-9 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 3, 16-21 Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (Paceville) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.J. - San José Maria Rubio, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap (Furjana) - Anniversarju mill-mewt ta' G.M. Ugo Loubens de Verdalle, Benefattur tal-kunvent
- O.F.M. - Beati Tumas, Enriku, Arturu, Ġwann u Karlu, Martri - Tifkira (aħmar)

# 5 Il-Ħamis • 2011 Mejju

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 5, 27-33 Ta' dan kollu hawn xhieda aħna u l-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 33, 2.9.17-20 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 3, 31-36 Il-Missier iħobb lill-Iben, u kollox f'idejh ħalla.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] . Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm. - Sant Anġlu minn Sqallija, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.S.A. - Beatu Vinċenz Soler u sħabu, Presbiteri u Martri - Tifkira (aħmar)

**Quddiesa**
tal-ġurnata; prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 5, 34-42 Ħarġu ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom ikunu mmaqdra minħabba fl-Isem ta' Ġesù.
- **Ps** 26, 1.4.13-14 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 6, 1-15 Qassam lil dawk li kienu bilqiegħda, u kulħadd ħa kemm ried.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Qormi (par. San Ġorġ); O.S.A. (Kappella Sta Rita) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.D.B. (Dingli) - San Duminku Savio, Żgħażugħ - Solennità (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - San Duminku Savio, Żgħażugħ - Festa (abjad)
- O.F.M.; C.I.M. - Beata Katarina Troiani, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Bażilka San Ġorg, Martri) - Id-dedikazzjoni tal-knisja ta' San Ġwann "ante portam latinam" - Festa (abjad)

# 7 Is-Sibt • 2011 Mejju

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 6, 1-7 Għażlu sebat irġiel mimlijin bl-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 32, 1-2.4-5.18-19 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 6, 16-21 Raw lil Ġesù miexi fuq il-baħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Attard - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tal-Għid. It-tielet ġimgħa tas-salterju. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A.

**It-tielet Ħadd tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 2, 14a.22-33 Ma setgħax ikun li Ġesù jinżamm fl-irbit tal-mewt.
- **Ps** 15, 1-2a.5.7-11 Mulej, int tgħallimni t-triq tal-ħajja.
- **2L** 1 Piet 1, 17-21 Kontu mifdija bid-demm għażiż ta' Kristu, bħal ħaruf bla tebgħa.
- **E** Lq 24, 13-35 Ibqa' magħna għax issa sar ħafna ħin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tielet Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# 9 It-Tnejn • 2011 Mejju

**San Ġorġ Preca, Presbiteru u Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju (żieda)**
- **1L** Sir 21, 11-17, 21 Bħal tiżjin tad-deheb hu t-tagħlim għall-għaqli. *jew*
- **2L** Tim 2, 1-11 Kull ma smajt mingħandi għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn.
- **Ps** 119, 33-42 Għallimni, Mulej, it-triq tal-kmandamenti tiegħek.
- **E** Mk 16, 14a.16-20 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid, salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġorġ Preca ngħata b'ruħu u ġismu għat-tagħlim tal-katekiżmu tat-tfal u ż-żgħażagħ. Għal dan il-għan waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. biex tagħti xhieda tal-azzjoni providenzjali tal-Kelma ta' Alla fost il-poplu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Marsaxlokk; Valletta (Knisja tal-Ġiżwiti) - Il-Madonna ta' Pompej - Solennità trasferita (abjad)
- Sliema (par. Stella Maris); M.S.S.P. (Għawdex) - Il-Verġni Marija, Kewkba tal-Baħar - Solennità trasferita (abjad)
- Tarxien - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- Kappella tal-Midalja Mirakoluża (Blata l-Bajda); Swatar - San Ġorġ Preca, Presbiteru u Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. - Solennità (abjad)
- O.Carm. - San Ġorġ Preca, Presbiteru u Terzjarju Karmelitan - Festa (abjad)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) - Santa Katerina minn Bologna, Verġni - Tifkira O (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Qala (Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1904) - Solennità (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Mejju 10

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata; prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 7, 51 - 8, 1a Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi.
- **Ps** 30, 3-4.6-8.17.21 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 6, 30-35 Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żejtun; O.S.A. (Tarxien) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - San Antonin ta' Firenze, Isqof - Tifkira O (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**

- Belt Vittorja (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb "taċ-Ċawla") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1981) - Solennità (abjad)
- Għasri (Knisja tal-Patroċinju) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1789) - Solennità (abjad)

# 11 L-Erbgħa • 2011 Mejju

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata; prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 8, 1b-8 Marru 'l hawn u 'l hemm ixandru l-kelma.
- **Ps** 65, 1-3a.4-7a Hallelujah, Hallelujah.
- **E** Ġw 6, 35-40 Ir-rieda ta' Missieri hi li kull min jara l-Iben ikollu l-ħajja ta' dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. - San Injazju ta' Laconi, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O.S.B. - San Odone, San Majolo, San Odilone; Beatu Pietru l-Venerabbli, Abbatijiet ta' Cluny - Tifkira O (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Mejju 12

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Nerew u San Akille, Martri - Tifkira (aħmar)**
***jew* San Pankrazju, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira; prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 8, 26-40 X'jista' jżommni li ma nitgħammidx?
- **Ps** 65, 8-9.16-17.20 Hallelujah, Hallelujah.
- **E** Ġw 6, 44-51 Jien hu l-ħobż ħaj, li niżel mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-Martri [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Nerew u San Akille kienu suldati fil-qorti tal-maġistrati. Minnufih wara li tgħammdu telqu dan ix-xogħol, u għalhekk qatgħuhielhom għall-mewt, aktarx fi żmien Djoklezjanu. Il-qabar tagħhom jinsab fiċ-ċimiterju fit-triq Ardeatina, fejn hemm ukoll bażilka iddedikata f'isimhom.

San Pankrazju ħa l-martirju f'Ruma, aktarx fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. Fuq il-qabar tiegħu, li jinsab fit-triq Awrelja, il-Papa Simmaku bena knisja.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żebbuġ - San Filep ta' Aġġira, Presbiteru - Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. (San Ġwann) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M.Conv.; O.F.M. Cap. - San Leopoldo Mandić ta' Castelnuovo, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.S.A. - Beatu Guliermu Tirry, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Nadur (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl, Appostli) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1867) - Solennità (abjad)

# 13 Il-Ġimgħa • 2011 Mejju

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija ta' Fatima - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 9, 1-20 Dar-raġel hu għodda magħżula minni.
- **Ps** 116, 1.2 Hallelujah, Hallelujah.
- **E** Ġw 6, 52-59 Ġismi huwa ikel tassew, u demmi hu xorb tassew.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Beata Verġni Marija dehret lit-tfal Luċija, Ġaċinta, u Franġisku biex tfakkar lill-insara li hi omm ħanina li dejjem tidħol għall-bnedmin fil-mumenti tad-diffikultà tagħhom. Tħeġġeġ ukoll biex isir talb għall-midinbin u għall-konverżjoni tal-qlub.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żebbuġ - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- F.M.A. - Santa Marija Duminka Mazzarello, Verġni - Solennità (abjad)
- S.D.B. - Santa Marija Duminka Mazzarello, Verġni - Festa (abjad)
- O.P. - Beata Imelda Lambertini, Verġni - Tifkira (abjad)
- O.S.A. - Il-Madonna tas-Sokkors - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - San Pietru Regalado, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Mejju 14

**San Mattija, Appostlu - Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Atti 1, 15-17.20-26 Ix-xorti waqgħet fuq Mattija, u dan ħa postu mal-Ħdax.
- **Ps** 112, 1-8 Il-Mulej qiegħdu mal-kbarat tal-poplu tiegħu.
- **E** Ġw 15, 9-17 Ma nsejħilkomx aktar qaddejja; sejjaħtilkom ħbieb.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) [B]. Uffiċċjatura proprja u mill-Komun tal-Appostli. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid u salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Appostli għażlu lil San Mattija biex jieħu l-post li ħalla Ġuda u jkun xhud tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Hekk ħa postu mal-Ħdax, kif naqraw fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'Buġia - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tal-Għid. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 15 Il-Ħadd • 2011 Mejju

**Ir-Raba' Ħadd tal-Għid - (abjad)**
**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 2, 14a.36-41 Alla lil Ġesù għamlu Mulej u Kristu.
- **Ps** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **2L** 1 Piet 2, 20b-25 Intom erġajtu dortu lejn ir-ragħaj u l-għassies ta' ruħkom.
- **E** Ġw 10, 1-10 Il-bieb tan-nagħaġ huwa jien.

**Liturġija tas-Sigħat**
tar-raba' Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

It-Tnejn • 2011 Mejju **16**

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Atti 11, 1-18 Alla ta lill-pagani wkoll l-indiema għall-ħajja.
- **Ps** 41, 2-3; 42, 3.4 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 10, 11-18 Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Valletta (par. San Pawl) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- F.S.C. - San Ġwann Battista de la Salle, Presbiteru, Fundatur tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara, u Patrun tal-għalliema - Solennità trasferita (abjad)
- O.S.A. - San Alipju u San Possidju, Isqfijiet - Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Santa Margerita ta' Cortona, Penitenta - Tifkira O (abjad)
- S.J. - San Andrija Bobola, Presbiteru u Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. - San Xmun Stock, Reliġjuż - Tifkira (abjad)
- S.D.B. ; F.M.A. - San Alwiġ Orione, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 17 It-Tlieta • 2011 Mejju

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 11, 19-26 Kellmu wkoll lill-Hellenisti u xandrulhom il-Mulej Ġesù.
- **Ps** 86, 1-7 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 10, 22-30 Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Baskal Baylon, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)

# L-Erbgħa • 2011 Mejju 18

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Ġwann I, Papa u Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjli I**
- **IL** Atti 12, 24 - 13, 5a Agħżluli lil Barnaba u 'l Sawl.
- **Ps** 66, 2-3.5.6.8 Hallelujah, Hallelujah.
- **E** Ġw 12, 44-50 Jien ġejt dawl fid-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun ta' Martri wieħed jew tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled fit-Toscana, u sar Papa fis-sena 523. Mar Kostantinopli għand l-imperatur Ġustinu, bħala legat tas-sultan arjan Teodoriku. Il-frott ta' din il-ħidma għaddab lill-istess sultan Teodoriku, li għalhekk arresta lill-Papa u tefgħu l-ħabs f'Ravenna, fejn miet fis-sena 526.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Lija (Kappella S.Pietru) - Dedikazzjoni tal-kappella - Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. - San Feliċ minn Cantalice, Reliġjuż - Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. - San Feliċ minn Cantalice, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O.S.J. - Beatu Ġerardu Meccati ta' Villamagna, Reliġuż - Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - San Leonardu Murialdo, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- O.S.A. - Beatu Guliermu minn Toulouse, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għarb (Knisja taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Eliżabetta "taż-Żejt") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1974) - Solennità (abjad)

# 19 Il-Ħamis • 2011 Mejju

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **1L** Atti 13, 13-25 Min nisel ta' David Alla ġieb salvatur, li hu Ġesù.
- **Ps** 88, 2-3.21-22.25.27 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 13, 16-20 Min jilqa' lil min nibgħat jien, ikun jilqa' lili.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. - San Pietru Ċelestinu, Papa u Eremit - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. - San Krispin minn Viterbo, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O.S.A. - Beati Klement minn Osimo u Wistin minn Tarano, Presbiteri - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - San Teofilu ta' Corte, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Mejju 20

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Bernardinu ta' Siena, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 13, 26-33 Alla temm il-wegħda tiegħu billi qajjem 'il Ġesù mill-imwiet.
- **Ps** 2, 6-11 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 14, 1-6 Jien hu t-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bernardinu twieled fi Siena fl-1380. Daħal mal-Patrijiet Minuri u sar saċerdot. Ippriedka mal-Italja kollha u bil-kelma tiegħu kiseb frott kbir b'risq l-erwieħ. Xandar id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Ġesù. Ħadem bis-sħiħ biex iħeġġeġ fl-Ordni tiegħu l-imħabba lejn l-istudju u d-dixxiplina. Kiteb ukoll kotba ta' teoloġija. Miet fl-1444.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Mqabba - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M. - San Bernardinu ta' Siena, Presbiteru - Festa (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Bernardinu ta' Siena, Presbiteru - Tifkira O (abjad)

# 21 Is-Sibt • 2011 Mejju

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Kristofru Magallanes, Presbiteru u Sħabu, Martri - Ferja (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew tar-Rgħajja jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 13, 44-52 Aħna se nduru għal fuq il-pagani.
- **Ps** 97, 1-4 Hallelujah, Hallelujah.
- **E** Ġw 14, 7-14 Min ra lili ra lill-Missier ukoll.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Martri [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Kristofru u sħabu, f'diversi partijiet tal-Messiku, ġew ippersegwitati minħabba l-mibgħeda lejn il-fidi nisranija u l-Knisja Kattolika. Għax stqarrew il-fidi tagħhom fi Kristu Sultan stħaqqilhom il-kuruna tal-martirju.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Mellieħa (Santwarju) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - Beatu Ġjaċint Marija Cormier, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Qala (Knisja ta' Marija Immakulata "Santa Marija tal-Qala") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1950) - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Ewwel Għasar tal-ħames Ħadd tal-Għid bl-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A.
L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

**Il-ħames Ħadd tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 6, 1-7 Għażlu sebat irġiel mimlijin bl-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 32, 1-2.4-5.18-19 Ħa tkun Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna.
- **2L** 1 Piet 2, 4-9 Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali.
- **E** Ġw 14, 1-12 Jien hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ħames Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# 23 It-Tnejn • 2011 Mejju

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Atti 14, 5-18 Ġejna nxandrulkom biex idduru lejn Alla ħaj.
- **Ps** 113b, 1-4.15-16 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 14, 21-26 Id-difensur, li jibgħat Missieri, igħallimkom kollox.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żabbar (Knisja tas-Salib) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- O.S.A. (San Ġorġ) - Santa Rita minn Cascia, Reliġjuża - Solennità trasferita (abjad)
- Gżira; Blata l-Bajda (Kappella tal-Midalja Mirakoluża) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.O.C. - Santa Ġovanna Antida Thouret, Verġni - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Nadur (Knisja tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1910) - Solennità trasferita (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Mejju 24

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 14, 19-28 Għarrfu lill-Knisja b'dak kollu li Alla għamel magħhom.
- **Ps** 144, 10-13.21 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 14, 27-31 Nagħtikom is-sliem tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.D.B.; F.M.A.; M.S.S.P. (B'kara) - Beata Verġni Marija, Għajnuna tal-Insara - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi - Festa (abjad)
- S.J. - Beata Verġni Marija tat-Triq (Patruna tal-provinċja) - Festa (abjad)
- O.P. - Traslazzjoni ta' San Duminku, Missierna - Tifkira O (abjad)
- O.S.B. - San Girgor VII, Papa - Tifkira O (abjad)

# 25 L-Erbgħa • 2011 Mejju

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Beda l-Venerabbli, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**
***jew* San Girgor VII, Papa - Tifkira (abjad)**
***jew* Santa Marija Maddalen de' Pazzi, Verġni - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tat-tifkira [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 15, 1-6 Il-kwistjoni taċ-ċirkonċiżjoni tal-pagani.
- **Ps** 121, 1-5 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 15, 1-8 Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Beda twieled qrib il-monasteru ta' Wearmouth, l-Ingilterra, fis-sena 673, u tħarreġ fl-iskola taħt San Benedittu Biscop. Sar reliġjuż fl-istess monasteru, ħa s-saċerdozju, u qeda l-ministeru tiegħu bit-tagħlim u bil-kitba. Il-kotba tiegħu, teoloġiċi u storiċi, huma msejsa fuq it-tradizzjoni patristika u t-tifsir tal-Iskrittura Mqaddsa. Miet fis-sena 735.

San Girgor VII, Papa, twieled fit-Toscana għall-ħabta tal-1028. Studja f'Ruma, u għadda għall-ħajja monastika. Ħafna drabi l-Papiet ħatruh legat tagħhom biex igħinhom fit-tiġdid tal-Knisja, li għalih ħadem u ħabrek kemm felaħ. Fl-1073 intgħażel Papa u ħa l-isem ta' Girgor. Ra bosta taħbit l-aktar mis-sultan Neriku IV, u ħtieġlu jfittex il-kenn f'Salerno, fejn miet fl-1085.

Santa Marija Maddalena de' Pazzi, twieldet f'Firenze fl-1566. Wara trobbija tajba, daħlet mas-sorijiet Karmelitani u għexet ħajja moħbija ta' talb u ċaħda. Talbet ħafna għat-tiġdid tal-Knisja, u mexxiet lis-sorijiet sħabha lejn il-perfezzjoni. Alla żejjinha b'ħafna doni. Mietet fl-1607.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Bormla - Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali - Solennità (abjad)
- R.S.C.J. - Santa Maddalena Sofia Barat - Solennità (abjad)
- O.Carm. - Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Verġni - Festa (abjad)
- O.C.D. - Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.S.B. - San Beda l-Venerabbli, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)

**San Filippu Neri, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Filippu Neri twieled f'Firenze fl-1515. Mar Ruma, ta ruħu għall-ħidma fost iż-żgħażagħ, tħeġġeġ għat-tjieba nisranija, u waqqaf għaqda biex igħinu lill-morda fqar. Wara li sar qassis fl-1551 beda l-opra tal-Oratorju għat-taħriġ fil-qari spiritwali, fil-kant u fl-għemejjel ta' karità. Kien tassew kbir fl-imħabba għall-proxxmu, fis-sempliċità evanġelika u fl-ispirtu ta' ferħ li bih kien jaqdi lil Alla.

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 15, 7-21 Mhux ta' min idejjaqhom lil dawk li minn fost il-pagani jikkonvertu lejn Alla.
- **Ps** 95, 1-3.10 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 15, 9-11 Ibqgħu fi mħabbti, biex il-ferħ tagħkom ikun fil-milja tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja jew mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'kara (par. San Ġużepp Ħaddiem) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.D.B. (l-Isla) - San Filippu Neri, Presbiteru - Solennità (abjad)
- O.S.B. - San Filippu Neri, Presbiteru - Tifkira (abjad) *jew*
  Santa Marija Maddalena de' Pazzi, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Xagħra (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' Marija Bambina) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1878) - Solennità (abjad)

# 27 Il-Ġimgħa • 2011 Mejju

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* Santu Wistin ta' Canterbury, Isqof - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Rgħajja jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **1L** Atti 15, 22-31 L-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li ma għandniex ngħabbukom.
- **Ps** 56, 8-12 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 15, 12-17 Dan hu li jien nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Papa San Girgor il-Kbir fis-sena 597 bagħat lil Santu Wistin mill-monasteru ta' Sant'Andrija f'Ruma għall-Ingliterra biex ixandar l-Evanġelju. Hemm kien megħjun mis-sultan Etelbertu u sar isqof ta' Canterbury. Ħafna ħaddnu l-fidi bis-saħħa tiegħu, u waqqaf xi knejjes, l-aktar f'Kent. Miet fis-26 ta' Mejju għall-ħabta tas-sena 605.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. - Santu Wistin ta' Canterbury, Isqof - Tifkira O (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Mejju 28

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 16, 1-10 Ejja l-Maċedonja u għinna!
- **Ps** 99, 1-3.5 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 15, 18-21 Jiena ħriġtkom mid-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Ħamrun (par. Kunċizzjoni); Floriana - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.J. - Santa Ubaldeska, Verġni - Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-I Għasar tas-sitt Ħadd tal-Għid. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 29 Il-Ħadd • 2011 Mejju

**Is-sitt Ħadd tal-Għid - (abjad)**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].
Ma jistax isir Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 8, 5-8.14-17 Qiegħdu idejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 65, 1-7.16.20 Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha.
- **2L** 1 Piet 3, 15-18 Ġie mogħti għall-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fir-ruħ.
- **E** Ġw 14, 15-21 Jien nitlob il-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor.

*jew*

- **1L** Atti 8, 5-8.14-17 Qiegħdu idejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 65, 1-7.16.20 Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha.
- **2L** 1 Piet 4, 13-16 Jekk tkunu mkasbrin minħabba l-isem ta' Kristu, henjin intom!*
- **E** Ġw 17, 1-11a Missier sebbaħ lil Ibnek.*
  (* Qari tas-seba' Ħadd tal-Għid - Sena A)

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-sitt Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Mejju 30

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 16, 11-15 Il-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien igħid Pawlu.
- **Ps** 149, 1-6a.9b Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 15, 26 - 16, 4a L-Ispirtu tas-sewwa jixhed għalija.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (G'Mangia) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- Seminarju tal-Virtù - Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija - Festa (abjad)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) - Il-Beata Battista Varano, Verġni - Tifkira (abjad)

# 31 It-Tlieta • 2011 Mejju

**Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija - Festa (abjad)**

**Quddiesa**

tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Madonna (jekk jintuża l-ewwel wieħed *fiż-żjara*) [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **IL** Sof 3, 14-18a Is-Sultan ta' Iżrael, il-Mulej, hu f'nofsok. *jew*
  Rum 12, 9-16b Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li huma fil-bżonn; ilqgħu fi djarkom lill-barranin.
- **Ps** Is 12, 2-6 Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.
- **E** Lq 1, 39-56 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona tal-ferja u salmi tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**

Illum il-Verġni Marija tmur għand il-qariba tagħha Eliżabetta, li fi xjuħitha nisslet iben, u sselmilha. Fil-laqgħa kollha ferħ bejn iż-żewġ ommijiet, is-salvatur li ġej, iqaddes lill-prekursur tiegħu. Marija twieġeb għat-tislima ta' Eliżabetta, u mimlija bl-Ispirtu s-Santu tkabbar lill-Mulej b'innu ta' tifħir.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Valletta); O.F.M. (Valletta - Rabat); S.D.B. (Senglea) - Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija - Solennità (abjad)
- Seminarju tal-Virtù - Dedikazzjoni tal-kappella tas-Seminarju - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**

Għarb (Knisja Parrokkjali u Bażilka taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Eliżabetta) - Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija - Solennità (abjad)

# L-Erbgħa • 2011 Ġunju

**San Ġustinu, Martri - Tifkira O (aħmar)**

# 1

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 17, 15.22 - 18, 1 Dak li intom tqimuh bla ma tagħarfuh, inħabbarhulkom jien.
- **Ps** 148, 1-2.11-14 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 16, 12-15 L-Ispirtu tas-sewwa jmexxikom lejn is-sewwa kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (żmien il-Għid) mill-Komun ta' Martri wieħed [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ġustinu, filosofu u martri, twieled f'Nablus, fis-Sirja, għall-bidu tat-tieni seklu minn familja pagana. Sar nisrani, u kiteb ħafna biex jiddefendi r-reliġjon, iżda mill-opri tiegħu ma waslulniex ħlief tnejn: Apologiae u Dialogus cum Tryphone. Fetaħ skola f'Ruma, u n-nies kienet tmur għandu tisimgħu jitħaddet u jwieġeb fuq ħwejjeġ ta' tagħlim. Għall-ħabta tas-sena 165, fi żmien Marku Awrelju, ħa l-martirju flimkien ma' oħrajn.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. (Ta' Xbiex) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 2 Il-Ħamis • 2011 Ġunju

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Pietru u San Marċellinu, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **IL** Atti 18, 1-8 Mar għandhom u qagħad magħhom u kien imur jippriedka fis-sinagoga.
- **Ps** 97, 1-4 Hallelujah *jew* F'għajnejn il-ġnus il-Mulej wera s-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Ġw 16, 16-20 Iġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jinbidel f'hena.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun ta' aktar minn Martri wieħed [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Marċellinu u San Pietru ħadu l-martirju fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu. Ta' dan għandna x-xhieda tal-Papa Damasu, li sar jaf bil-mewt tagħhom mingħand dak stess li qatilhom. Sofrew qtugħ ir-ras f'xi foresta, iżda mbagħad difnuhom fiċ-ċimiterju Ad duas lauros fit-triq Labicana u, wara li l-Knisja kisbet il-paċi, inbniet bażilka fuq qabarhom.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. - San Feliċ minn Nicosia, reliġjuż - Tifkira O (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Ġunju 3

**San Karlu Lwanga u Sħabu**, **Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 18, 9-18 Poplu kbir hemm għalija f'din il-belt.
- **Ps** 46, 2-7 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 16, 20-23a Il-ferħ tagħkom ma jeħodhulkom ħadd.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun ta' aktar minn Martri wieħed [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fis-snin 1885-1887 is-sultan Mwanga tal-Uganda, imqanqal mill-mibgħeda għall-fidi tagħhom, neħħa l-ħajja ta' ħafna nsara, li xi wħud minnhom kienu jaqdu dmirijiet fil-qorti tas-sultan, u oħrajn jaqdu lilu stess. Fosthom ta' min isemmi l-iżjed lil Karlu Lwanga u 21 oħra sħabu, li baqgħu sħaħ fit-twemmin kattoliku tagħhom u ma ridux joqogħdu għax-xewqa żienja tas-sultan, u għalhekk xi wħud minnhom qatgħalhom rashom u oħrajn ħaraqhom ħajjin.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Paola (Kristu Re) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 4 Is-Sibt • 2011 Ġunju

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 18, 23-28 Kien jurihom mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Mulej.
- **Ps** 46, 2-3.8-10 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 16, 23b-28 Il-Missier iħobbkom għax intom ħabbejtuni.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Santa Luċija - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - San Pietru minn Verona, Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.S.A. - Beatu Ġakbu minn Viterbo, Isqof - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju. Matul din il-ġimgħa tittieħed is-salmodija tat-tielet ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Ġunju

# 5

**Is-Seba' Ħadd tal-Għid - Tlugħ il-Mulej fis-Sema - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju. Jekk jintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Ma jistax isir Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 1, 1-11 Kien meħud 'il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh.
- **Ps** 46, 2-3.6-9 Tela' l-Mulej b'agħjat ta' ferħ.
- **2L** Ef 1,17-23 Alla qiegħed lil Sidna Ġesù fil-lemin tiegħu fis-smewwiet.
- **E** Mt 28, 16-20 Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A].

# 6 It-Tnejn • 2011 Ġunju

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Norbertu, Isqof - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 19, 1-8 Intom, meta emmintu, ħadtu l-Ispirtu s-Santu?
- **Ps** 67, 2-7 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 16, 29-33 Agħmlu l-qalb! Jiena rbaħtha d-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-Rgħajja. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Norbertu twieled f'Santen għall-ħabta tal-1080. Għalkemm kanoniku tal-knisja lokali, għex ħajja tad-dinja, iżda mbagħad nidem. Fl-1115 kien ordnat saċerdot, u ta ruħu għall-apostolat u l-predikazzjoni, l-aktar fi Franza u l-Ġermanja. Għaqqad oħrajn miegħu, waqqaf l-Ordni tal-Premonstrati u fetaħ xi monasteri. Fl-1126 sar arċisqof ta' Magdeburg, u ħabrek għat-tiġdid tal-ħajja nisranija u t-tixrid tal-fidi fost il-pagani tal-qrib. Miet fl-1134.

# It-Tlieta • 2011 Ġunju 7

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 20, 17-27 Intemm il-mixja tiegħi u l-missjoni li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù.
- **Ps** 67, 10-11. 20-21 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 17, 1-11a Missier, sebbaħ lil Ibnek.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. - Beata Anna ta' San Bartilmew, Verġni - Tifkira O (abjad)

# 8 L-Erbgħa • 2011 Ġunju

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**
- **IL** Atti 20, 28-38 Inħallikom f'idejn Alla, li għandu l-qawwa jibnikom.
- **Ps** 67, 29-30.33-36c Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 17, 11b-19 Biex ikunu ħaġa waħda bħalna.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. - Beatu Nikola ta' Gesturi, Reliġjuż - Tifkira (abjad)
- O.P. - Beati Diana u Ċeċilja, Verġni - Tifkira (abjad)
- Sorijiet tal-Bon Pastur - Beata Marija Droste zu Vischering tal-Qalb ta' Ġesù - Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Ġunju

# 9

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**
***jew* San Efrem, Djaknu u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 22, 30; 23, 6-11 Jaħtieġ tagħti xhieda f'Ruma.
- **Ps** 15, 1-2a.5.7-11 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 17, 20-26 Biex isseħħ fihom il-milja tal-għaqda.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (żmien il-Għid) mill-Komun tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Efrem twieled f'Nisibi minn familja nisranija madwar is-sena 306. Ordna djaknu, u qeda l-ministeru f'pajjiżu u f'Edessa, fejn ta bidu għall-iskola teoloġika magħrufa bl-isem tal-post. Imbagħad qabad ħajja axxetika, imma ssokta jippriedka u jikteb kontra l-ereżiji ta' żmienu. Miet fis-sena 373.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. - Beatu José de Anchieta, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 10 Il-Ġimgħa • 2011 Ġunju

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid - Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali I**

- **IL** Atti 25, 13b-21 Ġesù, li hu mejjet, skont Pawlu huwa ħaj.
- **Ps** 102, 1-2, 11-12, 19-20 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Ġw 21, 15-19 Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-ngħaġ tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - Beatu Ġwann Dominici, Isqof - Tifkira (abjad)

**San Barnaba, Appostlu - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Għid jew tat-Tlugħ il-Mulej fis-sema jew tal-Appostli [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Atti 11, 21b-26; 13, 1-3 Kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi.
- **Ps** 97, 1-6 Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.
- **E** Mt 10, 7-13 Intom u sejrin xandru u għidu li s-Saltna tas-smewwiet waslet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċjatura tat-tifkira proprja u mill-Komun tal-Appostli (fi żmien il-Għid) [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Barnaba twieled f'Ċipru, u kien wieħed mill-ewwel insara ta' Ġerusalemm. Ippriedka f'Antjokja, ingħaqad mal-appostlu San Pawl, u ssieħeb miegħu fl-ewwel vjaġġ missjunarju. Ħa sehem fil-konċilju ta' Ġerusalemm. Reġa' lura f'art twelidu jxandar l-Evanġelju, u miet hemm.

**Filgħaxija**
Għid il-Ħamsin - Solennità (aħmar)

**Quddiesa**
tal-Vġili tal-Għid il-Ħamsin, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju proprju. Fi tmiem il-Quddiesa: *Morru fil-paċi ta' Kristu, hallelujah hallelujah.* Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika, *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Ġen 11, 1-9 Issejħet Babel, għax hemmhekk il-Mulej ħawwad ilsien l-art kollha.
  *jew* Eż 19, 3-8a.16b-20b Il-Mulej niżel fuq il-muntanja Sinaj quddiem il-poplu.
  *jew* Eżek 37, 1-14 Għadam niexef, jien se nġib fik ir-ruħ, u inti terġa' tgħix.
  *jew* Ġoel 3, 1-5 Insawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-qaddejja kollha tiegħi.
- **Ps** 103, 1-2a.24.25c.27-30 Ibgħat l-Ispirtu tiegħek Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.
- **2L** Rum 8, 22-27 L-Ispirtu jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem.
- **E** Ġw 7, 37-39 Minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 12 Il-Ħadd • 2011 Ġunju

**Għid il-Ħamsin - Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju proprju. Fi tmiem il-Quddiesa: *Morru fil-paċi ta' Kristu, hallelujah hallelujah.* Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika, *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Atti 2, 1-11 Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu.
- **Ps** 103, 1ab.24aċ.29bċ-31.34 Ibgħat l-Ispirtu tiegħek Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.
- **2L** 1 Kor 12, 3b-7.12-13 Ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed.
- **E** Ġw 20, 19-23 Ħudu l-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Kompieta ta' wara t-II Għasar tal-Ħadd. Mal-Kompieta jispiċċa żmien il-Għid.

# It-Tnejn • 2011 Ġunju 13

**Sant'Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** 2 Kor 6, 1-10 Inqisu ruħna bħala ministri ta' Alla.
- **Ps** 97, 1-4 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Mt 5, 38-42 Jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja tal-Erwieħ jew tad-Dutturi jew tal-Qaddisin għar-Reliġjuzi Irġiel [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant Antnin twieled f'Lisbona, il-Portugal, għall-ħabta ta' tmiem is-seklu 12. Daħal mal-kanoniċi regolari ta' Santu Wistin. Ftit wara li ordna saċerdot, għadda għal mal-Patrijiet Minuri, biex hekk ikun jista' jmur u jxerred il-fidi fost il-ġnus tal-Afrika. Iżda bagħtuh jippriedka fi Franza u l-Italja, fejn il-kelma tiegħu ħalliet warajha ġid liema bħalu. Ikkonverta bosta eretiċi, u kien l-ewwel wieħed fl-Ordni tiegħu li għallem it-teoloġija lill-patrijiet sħabu. Kiteb priedki kollhom għerf u ħlewwa. Miet f'Padova fl-1231.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sorijiet Dorotej - Santa Pawla Frassinetti - Solennità trasferita (abjad)
- O.F.M. (Għawdex); O.F.M. Cap. (Għajn Dwieli) - Sant Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Sant Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

# 14 It-Tlieta • 2011 Ġunju

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** 2 Kor 8, 1-9 Kristu ftaqar minħabba fikom.
- **Ps** 145, 2.5-9 Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej.
- **E** Mt 5, 43-48 Ħobbu lill-għedewwa tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. - San Eliżew, Profeta - Tifkira (O) abjad.
- O.C.D. - Beata Marija Kandida tal-Ewkaristija, Verġni - Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • 2011 Ġunju 15

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** 2 Kor 9, 6-11 Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.
- **Ps** 111, 1-4.9 Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej.
- **E** Mt 6, 1-6.16-18 Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# 16 Il-Ħamis • 2011 Ġunju

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** 2 Kor 11, 1-11 Ħabbartilkom l-Evanġelju ta' Alla b'xejn.
- **Ps** 110, 1-4.7-8 Is-sewwa u l-ħaqq għemil idejk, Mulej.
- **E** Mt 6, 7-15 Mela, itolbu hekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. - Beati Aniċet Koplin, Presbiteru u Sħabu, Martri tal-persekuzzjoni nazista fil-Polonja - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. - Beatu Ġwann minn Parma, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- M.S.S.P. (B'Kara) - Dedikazzjoni tal-Kappella Marija Għajnuna tal-Insara - Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Ġunju 17

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** 2 Kor 11, 18.21b-30 Dan il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum; u l-ħsieb tal-knejjes kollha!
- **Ps** 33, 2-7 Il-Mulej jeħles lill-ġusti mid-dwejjaq kollha tagħhom.
- **E** Mt 6, 19-23 Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J.A. - Santa Emilja de Vialar - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Xewkija (Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann Battista) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1978) - Solennità (abjad)

# 18 Is-Sibt • 2011 Ġunju

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** 2 Kor 12, 1-10 Ma niftaħarx ħlief b'dak li hu dgħajjef fija.
- **Ps** 33, 8-13 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **E** Mt 6, 24-34 Toqgħodux tħabblu raskom għall-għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. (Kalkara) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tat-Trinità Qaddisa.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel għasar tas-solennità tat-Trinità Qaddisa. Salterju tar-IV ġimgħa.

Il-Ħadd • 2011 Ġunju **19**

**It-Trinita' Qaddisa - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju [1].
Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Ħdud (Sena A)**

- **1L** Eżodu 34, 4b-6.8-9 Il-Mulej hu Alla li jagħder u jħenn.
- **Ps** Dan 3, 52-56 Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem.
- **2L** 2 Kor 13, 11-13 Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla, u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu.
- **E** Ġw 3, 16-18 Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

**Nota**
It-testi tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat jinsabu fi tmiem il-Proprju taż-Żmien.

# 20 It-Tnejn • 2011 Ġunju

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 12, 1-9 U telaq Abram, kif kien qallu l-Mulej.
- **Ps** 32, 12-13.18-20.22 Hieni l-poplu, li l-Mulej għażel b'wirtu.
- **E** Mt 7, 1-5 Neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnek int.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. - Beatu Patrizju u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)

**San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin jew tar-Religjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 13, 2.5-18 M'għandux ikun hemm ġlied bejni u bejnek għax aħna aħwa.
- **Ps** 14, 2-5 Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?
- **E** Mt 7, 6.12-14 Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Alwiġi Gonzaga twieled fl-1568 qrib Mantova, fil-Lombardija, mill-prinċpijiet ta' Castiglione. Ħa trobbija qaddisa mingħand ommu, u wera xejra tal-għaġeb għall-ħajja reliġjuża. Ċaħad il-jedd ereditarju tiegħu ta' prinċep u ħallieh lil ħuħ. Daħal ġiżwita f'Ruma, fejn miet fl-1591 b'marda li ħadha mill-morda li kien idur bihom fl-isptarijiet.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. (Kulleġġ San Alwiġi) - San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż - Festa (abjad)
- S.J. - San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)

# 22 L-Erbgħa • 2011 Ġunju

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Pawlinu ta' Nola, Isqof - Tifkira (abjad)**
***jew* San Ġwann Fisher, Isqof u San Tumas More, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**Tifkira tal-anniversarju tas-sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima - Festa (abjad)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **IL** Ġen 15, 1-12.17-18 Abram emmen fil-Mulej, u dan għaddulu b'ġustizzja u l-Mulej għamel patt miegħu.
- **Ps** 104, 1-4.6-9 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mt 7, 15-20 Mill-frott tagħhom tagħarfuhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pawlinu twieled f'Bordeaux Franza fis-sena 355. Studja l-letteratura, laħaq konslu, iżżewweġ u kellu tifel. Xtaq igħix ħajja ta' tagħkis nisrani, tgħammed, u ċaħad ġidu kollu. Fis-sena 393 qabad ħajja monastika u mar Nola fil-kampanja. Sar isqof tal-belt, xerred il-qima lejn San Feliċ, waqaf mal-pellegrini, u fittex ħafna li jgħin lill-imsejkna kollha ta' żmienu. Kiteb ukoll poemi tassew sbieħ. Miet fis-sena 431.

San Ġwann Fisher twieled fl-1469. Studja t-teoloġija f'Cambridge, sar saċerdot, u mbagħad isqof ta' Rochester. Kien igħakkes ħafna lilu nnifsu u, bħala ragħaj spiritwali mill-aħjar, sikwit kien iżur il-fidili tiegħu. Ħalla wkoll xi kitba kontra l-iżbalji ta' żmienu.

San Tumas More twieled fl-1477 u studja f'Oxford. Kien miżżewweġ, u kellu tifel u tlitt ibniet. Laħaq kanċillier tas-saltna. Xandar kotba dwar it-tmexxija tajba tal-istat u d-difiża tar-reliġjon.
Fl-1535 Enriku VIII ikkundannahom għall-mewt għax waqfulu sħiħ fil-kwistjoni tad-divorzju tiegħu minn martu. Lil San Ġwann Fisher qatgħulu rasu fit-22 ta' Ġunju, u lil Tumas More fis-6 ta' Lulju. Waqt li l-Isqof Ġwann Fisher kien il-ħabs, il-Papa Pawlu III għamlu kardinal.

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Quddiesa**
proprja mill-Missal tal-Verġni Marija, Glorja, qari proprju, prefazju ta' Marija Mtellgħa s-sema [3].

**Lezzjonarju tal-BVM**

- **1L** Żakk 2, 14-17 Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena bint Sijon.
- **Ps** Lq 1, 46-55 Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.
- **2L** Ef 4, 17-18.20-32; 5, 1-2 Ixbħu lil Alla bħala wlied maħbuba.
- **E** Ġw 2, 1-11 Omm Ġesù kienet hemm.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (mill-Komun tal-Madonna) [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Kien nhar it-22 ta' Ġunju 1883, qrib l-għaxra ta' filgħodu, meta x-xebba Karmni Grima waqt li kienet sejra lura lejn darha, meta waslet quddiem il-passaġġ li kien jagħti għall-kappella tal-Madonna ta' Pinu semgħet leħen isejħilha: "Ejja, Ejja". Daħlet fil-kappella kollha biża' u bdiet titlob. Ftit wara reġgħet semgħet il-leħen li qalilha: "Għid tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar". Fl-istess sena, Franġisk Portelli stqarr li huwa wkoll sema' dan il-leħen mill-kwadru li talbu biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin ta' Marija, li saritlu bit-toqol tas-salib.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Għarb (Knisja Bażilka tat-Tlugħ tal-Imqaddsa Verġni Marija fis-sema - "ta' Pinu") - Tifkira tas-sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima (1883) - Solennità (abjad)

# 23 Il-Ħamis • 2011 Ġunju

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 16, 1-12.15-16 Ħagar wildet tifel lil Abram, u Abram semma t-tifel Ismagħel.
- **Ps** 105, 1-5 Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb.
- **E** Mt 7, 21-29 Id-dar mibnija fuq il-blat u d-dar mibnija fuq ir-ramel.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E].
Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B.; F.M.A. - San Ġużepp Cafasso, Presbiteru - Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**It-Twelid ta' San Ġwann Battista** - Solennità (abjad)

**Quddiesa**
tal-Vġili tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Ġer 1, 4-10 Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek.
- **Ps** 70, 1-6ab.15ab.17 Minn ħdan ommi inti ħadtni.
- **2L** 1 Piet 1, 8-12 Il-profeti stħarrġu u tkixxfu fuq din is-salvazzjoni.
- **E** Lq 1, 5-17 Martek se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# Il-Ġimgħa • 2011 Ġunju 24

**It-Twelid ta' San Ġwann Battista - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Is 49, 1-6 Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus.
- **Ps** 138, 1-3.13-15 Irroddlok ħajr, għax tal-għaġeb għamiltni.
- **2L** Atti 13, 22-26 Ġwanni deher ixandar minn qabel il-miġja ta' Kristu.
- **E** Lq 1, 57-66.80 'Ismu huwa Ġwanni'.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Battista, prekursur tal-Mulej, sa minn ġuf ommu imtela bl-Ispirtu s-Santu, u qabeż bil-ferħ għall-miġja tas-salvazzjoni. Fih tant dehret il-grazzja ta' Alla li Kristu stess qal dwaru li ħadd fost dawk li twieldu minn nisa ma hu akbar minn Ġwanni l-Battista.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.J. - It-Twelid ta' San Ġwann Battista - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Xewkija (Knisja Parrokkjali) - It-Twelid ta' San Ġwann Battista - Solennità (abjad)

# 25 Is-Sibt • 2011 Ġunju

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 18, 1-15 Hemm xi ħaġa iebsa żżejjed għall-Mulej? Nerġa' niġi għandek u Sara jkollha iben.
- **Ps** Lq 1, 46-50.53-55 Il-Mulej ftakar fina fil-ħniena tiegħu.
- **E** Mt 8, 5-17 Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk u ma' Ġakobb.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. (Għajn Dwieli) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.B. - San Guliermu, Abbati - Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# Il-Ħadd • 2011 Ġunju 26

**Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità; Glorja; sekwenza *ad libitum*; Kredu; prefazju tal-Ewkaristija [1].

Waqt il-Quddiesa prinċipali tiġi kkonsagrata l-ostja għall-purċissjoni. Il-Quddiesa ta' qabel il-purċissjoni tintemm bit-talba ta' wara t-tqarbin.

**Lezzjonarju għall-Ħdud (Sena A)**

- **1L** Dewt 8, 2-3.14b-16a Temgħek il-manna li la int u lanqas missirijietek ma kontu tafu biha.
- **Ps** 147, 12-15.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **2L** 1 Kor 10, 16-17 La l-ħobża hi waħda, aħna li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed.
- **E** Ġw 6, 51-58 Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa tas-salterju. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

**Nota**
It-testi tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat jinsabu fi tmiem il-Proprju taż-Żmien.

# 27 It-Tnejn • 2011 Ġunju

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ċirillu ta' Lixandra, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 18, 16-33 U int se teqred it-tajjeb mal-ħażin?
- **Ps** 102, 1-4.8-11 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **E** Mt 8, 18-22 Imxi warajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ċirillu twieled fis-sena 370, u għex ħajja monastika; ordna saċerdot, mar ma' zijuh, li kien isqof ta' Lixandra, u sar isqof warajh fis-sena 412. Ħadha kemm felaħ kontra t-tagħlim ta' Nestorju u kellu sehem prinċipali fil-Konċilju ta' Efesu. Kiteb ħafna u b'għaqal kbir biex ifisser u jiddefendi l-fidi kattolika. Miet fis-sena 444.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (Rabat) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Ġunju 28

**San Irinew, Isqof u Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tar-Rgħajja jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 19, 15-29 Il-Mulej bagħat ix-xita fuq Sodoma u Gomorra, xita ta' kubrit u nar.
- **Ps** 25, 2-3.9-12 Tjubitek, Mulej, hi quddiem għajnejja.
- **E** Mt 8, 23-27 Qam, ordna lill-irjieħ u l-baħar, u waqgħet kalma kbira.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tar-Rgħajja [Ċ]. Antifona għall-Benedictus proprja. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Irinew twieled għall-ħabta tas-sena 130 u ħa l-edukazzjoni fi Żmirne; kien dixxiplu ta' San Polikarpu, isqof ta' dik il-belt. Fis-sena 177 sar qassis f'Lyons, Franza, u ftit wara għażluh isqof tal-istess belt. Kiteb kotba biex iħares il-fidi kattolika kontra l-ereżiji tal-Injostiċi. Jingħad li għall-ħabta tas-sena 200 tawh il-martirju.

**Filgħaxija**

**San Pietru u San Pawl, Appostli**
Solennità (aħmar)

**Quddiesa**
tal-Vġili tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 3, 1-10 Minn dak li għandi se nagħtik, fl-isem ta' Ġesù, imxi!
- **Ps** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **2L** Gal 1, 11-20 Alla għażilni sa minn ġuf ommi.
- **E** Ġw 21, 15-19 Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-nagħaġ tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# 29 L-Erbgħa • 2011 Ġunju

**San Pietru u San Pawl, Appostli - Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 12, 1-11 Issa naf tassew li l-Mulej jeħlisni minn id Erodi.
- **Ps** 33, 2-9 L-anġlu tal-Mulej jeħles lil min jibża' mill-Mulej.
- **2L** 2 Tim 4, 6-8.17-18 Hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja.
- **E** Mt 16, 13-19 Inti Pietru: jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Salmodija mill-Komun tal-Appostli fl-Uffiċċju tal-Qari u fl-Għasar. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Xmun, bin Ġona u ħu Indri, kien l-ewwel fost id-dixxipli li stqarr li Ġesù hu Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj. Minn dak il-mument beda jissejjaħ Pietru.
Pawlu, l-appostlu tal-ġnus, ippriedka lil Lhud u lil Griegi lil Kristu msallab. It-tnejn bil-fidi u bl-imħabba f'Ġesù Kristu ħabbru l-Evanġelju fil-belt ta' Ruma u mietu martri fi żmien l-imperatur Neruni.

Pietru, skont it-tradizzjoni, ġie msallab rasu l-isfel u ndifen fuq l-għolja tal-Vatikan fi Triq Trijunfali. It-tieni nqatel bix-xabla u ndifen fi Triq Ostiense.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Nadur (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl, Appostli) - San Pietru u San Pawl - Solennità (aħmar)

# Il-Ħamis • 2011 Ġunju 30

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* L-Ewwel Martri ta' Ruma - Tifkira (aħmar)**
***jew* Beatu Nazju Falzon - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 22, 1-19 Is-sagrifiċċju ta' Abraham, missierna fil-fidi.
- **Ps** 114, 1-6.8-9 Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.
- **E** Mt 9, 1-8 Qabdu jfaħħru lil Alla li ta setgħa bħal din lill-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa. Filgħaxija, l-ewwel Għasar tas-solennità ta' għada (il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù). Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fl-ewwel persekuzzjoni kontra l-Knisja mqanqla mill-imperatur Neruni, wara l-ħruq ta' Ruma fis-sena 64, bosta nsara ħadu l-martirju b'moħqrija kbira. Ta' dan jagħtuna xhieda l-kittieb pagan Taċitu u l-Papa Klement fl-ittra tiegħu lill-Korintin.

Il-Beatu Nazju Falzon twieled fl-1 ta' Lulju 1813 fil-Belt Valletta. Kien bniedem mogħti għat-talb. Kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija, il-Madonna u San Ġużepp. Il-missjoni tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu. Miet nhar l-1 ta' Lulju 1865.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Rabat - Martirju ta' San Pawl Appostlu - Solennità (aħmar)
- M.S.S.P. - Martirju ta' San Pawl Appostlu - Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. - Beatu Rajmondu Lull, Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Valletta); B'Kara (Kappella Beatu Nazju Falzon) - Beatu Nazju Falzon - Tifkira O (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għajnsielem (Knisja tal-Madonna ta' Loretu "il-Qadima") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1889) - Solennità (abjad)

# 1 Il-Ġimgħa • 2011 Lulju

**Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù - Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Dewt 7, 6-11 Il-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom.
- **Ps** 102, 1-4.6-8.10.17 It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem.
- **2L** 1 Ġw 4, 7-16 Alla ħabbna qabel ħabbejnieh aħna.
- **E** Mt 11, 25-30 Jien ta' qalb ħelwa u umli.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja, salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Nota:**
Il-Quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat jinsabu wara l-Proprju taż-Żmien.

# 2

**Il-Qalb Bla Tebgħa tal-Mqaddsa Verġni Marija - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Madonna.

**Lezzjonarju BMV (p 226)**
- **1L** Is 61, 9-11 Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.
- **Ps** 1 Sam 2, 1.4-8 Ferħet qalbi bil-Mulej, is-Salvatur tiegħi.
- **E** Lq 2, 41-51 Kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira u mill-Komun tal-Madonna. Antifona proprja għall-Benedictus [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Nota:**
Il-Quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat għal din it-tifkira jinsabu fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (il-Belt) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità trasferita (abjad)
- O.P. (Sliema) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.J. - Il-Qaddisin Bernardino Realino, Franġisk Regis, Franġisk de Geronimo, Presbiteru, Beati Ġiljan Maunoir u Anton Baldinucci, Presbiteri - Tifkira O (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna ta' Pompei) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1923) - Solennità trasferita (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 3 Il-Ħadd • 2011 Lulju

**L-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Żak 9, 9-10 Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek ġust u rebbieħ.
- **Ps** 144, 1-2.8-9.10-11.13-14 Mulej, inbierek ismek għal dejjem.
- **2L** Rum 8, 9.11-13 Jekk tmewtu bl-Ispirtu l-għemil tal-ġisem, tgħixu.
- **E** Mt 11, 25-30 Jien ta' qalb ħelwa u umli.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Lulju

# 4

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Eliżabetta tal-Portugall - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 28, 10-22a Ra sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu fis-sema.
- **Ps** 90, 1-4.14-15ab Alla tiegħi, jien fik nittama.
- **E** Mt 9, 18-26 Binti iss' issa għadha kemm mietet. Imma int ejja, u hija tgħix.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Nisa għal dawk li għamlu opri ta' ħniena [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Eliżabetta tal-Portugall, bint is-slaten tal-Aragonja, twieldet fl-1271; iżżewġet żgħira lis-sultan tal-Portugall u kellha żewġt itfal. Rat ħafna tbatija u toqol, imma sofriet kollox b'sabar kbir u bit-taħriġ fit-talb u fl-opri tal-ħniena. Wara l-mewt ta' żewġha qassmet ġidha lill-foqra u daħlet terzjarja franġiskana. Hi u titħabat biex terġa' tħabbeb bejniethom lil binha u 'l ħatnu, mietet fl-1336.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żebbuġ (Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - Beatu Pier Giorgio Frassati, Lajk Dumnikan - Tifkira (abjad)

# 5 It-Tlieta • 2011 Lulju

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Anton Marija Żakkarija, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 32, 23-33 Ikun jismek Iżrael għax int issarajt ma' Alla u rbaħt.
- **Ps** 16, 1-3.6-8.15 Jien, fil-ħaqq, għad nara 'l wiċċek, Mulej.
- **E** Mt 9, 32-38 Il-ħsad kbir, iżda l-ħaddiema ftit.

**Liturgija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għall-Edukaturi jew għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Anton Marija Żakkarija twieled fi Cremona, il-Lombardija, fl-1502; sar tabib f'Padova, u mbagħad ordna qassis u waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Kjeriċi ta' San Pawl, jew Barnabiti, li kienet ta' fejda kbira għat-tiġdid fil-ħajja tal-insara. Miet fl-1539.

# L-Erbgħa • 2011 Lulju

# 6

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena -**
**Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Marija Goretti, Verġni u Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 41, 55-57; 42, 5-7a.17-24a Aħna ħatja kontra ħuna; għalhekk ġie fuqna dan il-għawġ.
- **Ps** 32, 2-3.10-11.18-19 Ħa tkun, Mulej, it-tieba tiegħek fuqna.
- **E** Mt 10, 1-7 Fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tal-Verġni [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Marija Goretti twieldet f'Corinaldo, l-Italja, fl-1890 minn familja fqira. Għaddiet tfulitha fl-għaks ħdejn Nettuno, tgħin lil ommha d-dar; kellha ġibdha kbira għat-tieba u kienet titlob ħafna. Fl-1902 wieħed żagħżugħ ried itebbgħalha ġieħha, imma hi għażlet il-mewt għall-imħabba tas-safa, u ħalliet ħajjitha taħt id-daqqiet ta' sikkina.

# 7 Il-Ħamis • 2011 Lulju

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Ġen 44, 18-21.23-29; 45, 1-5 Biex tibqgħu ħajjin intom, Alla bagħatni hawn qabilkom.
- **Ps** 104, 16-21 Ftakru fil-ħwejjeġ kbar li għamel il-Mulej.
- **E** Mt 10, 7-15 B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.D.B.; F.M.A. - Beata Maria Romero Meneses, Verġni - Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Lulju

# 8

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 46, 1-7.28-30 Ħa mmut issa li rajt 'il wiċċek.
- **Ps** 36, 3-4.18-19.27-28.39-40 Is-salvazzjoni tal-ġusti mill-Mulej.
- **E** Mt 10, 16-23 Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.J. - Beatu Adrijanu Fortescue, Martri - Tifkira O (aħmar)
- F.M.M. - Santa Marija Ermellina ta' Ġesù u sitt Sħabha, Martri taċ-Ċina - Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. - San Girgor Grassi, Isqof, u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Kerċem (Knisja Parrokkjali) - Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu - Solennità (abjad)

# 9 Is-Sibt • 2011 Lulju

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santu Wistin Zhao Rong, Presbiteru, u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

## Filgħodu

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Ġen 49, 29-32; 50, 15-26a Alla għad iżurkom żgur u jtellagħkom minn din l-art.
- **Ps** 104, 1-4.6-7 Agħmlu l-qalb intom li tfittxu lil Alla.
- **E** Mt 10, 24-33 Tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santu Wistin Zhao Rong, saċerdot, Pietru Sans i Jorda, isqof, u sħabu, martri, f'diversi żmenijiet u postijiet fiċ-Ċina b'kuraġġ taw xhieda tal-Evanġelju ta' Kristu, bil-kelma u b'ħajjithom. Spiċċaw vittmi tal-persekuzzjoni għax ippritkaw u stqarru l-fidi.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (B'kara) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.P. - San Ġwann minn Kolonja, Presbiteru, u Sħabu, Martri - Tifkira O (aħmar)
- S.J. - San Ljun Mangin, Presbiteru u Sħabu, Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.Carm. - Beata Ġwanna Scopelli, Verġni - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - San Nikola Pick, u Sħabu, Martri - Tifkira O (aħmar)

## Filgħaxija

**Quddiesa**
tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Salmodija tat-III ġimgħa.

**Il-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 55, 10-11 Ix-xita ġġiegħel l-art tnibbet.
- **Ps** 64,10-14 Iż-żerriegħa waqgħet f'art tajba, u għamlet il-frott.
- **2L** Rum 8, 18-23 Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew imxennqa d-dehra ta' wlied Alla.
- **E** Mt 13, 1-23 (Mt 13, 1-9) Wieħed bidwi ħareġ jiżra'.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# 11 It-Tnejn • 2011 Lulju

**San Benedittu, Abbati u Patrun tal-Ewropa - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin jew tar-Reliġjużi [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Prov 2, 1-9 Iftaħ qalbek għall-għaqal.
- **Ps** 33, 2-4.6.9.12.14-15 Kull ħin inbierek il-Mulej.
- **E** Mt 19, 27-29 Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, terġgħu tirċievu kollox għal mitt darba iktar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa u mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Benedittu twieled f'Norcia, fl-Umbrja, għall-ħabta tas-sena 480; studja Ruma, u qabad ħajja ta' eremita fl-inħawi ta' Subiaco, fejn ġabar dixxipli madwaru; imbagħad mar Cassino. Hemm bena monasteru magħruf ħafna u kiteb regola li tferrxet ma' kullimkien. Bil-ħaqq kollu jista' jissejjaħ missier il-monastiċiżmu tal-Punent. Miet fil-21 ta' Marzu tas-sena 547, iżda f'ħafna postijiet it-tifkira tiegħu ilha sa mis-seklu 8 ssir bħal-lum.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. - San Benedittu, Abbati - Solennità (abjad)

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 2, 1-15a Semmietu Mosé għax salvatu mill-ilma. Mosé meta kiber, mar ħdejn ħutu.
- **Ps** 68, 3.14.30-31.33-34 Agħmlu l-qalb, intom li tfittxu lil Alla.
- **E** Mt 11, 20-24 Jum il-Ħaqq se jkun eħfef għal Tir u Sidon u għall-art ta' Sodoma milli għalikom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. - San Ġwann Gwalbertu - Tifkira O (abjad)
- O.S.J. - Beatu David Gunston, Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. - San Ġwann Jones u San Ġwann Wall, Presbiteri, Martri - Tifkira (aħmar)

# 13 L-Erbgħa • 2011 Lulju

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Enriku - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 3, 1-6.9-12 Deherlu l-anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb il-għollieq.
- **Ps** 102, 1-4.6-7 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **E** Mt 11, 25-27 Dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Enriku twieled fil-Bavarja fis-sena 973; meta miet missieru, laħaq duka minfloku, u mbagħad ħatruh imperatur. Il-ħidma tiegħu dehret ħafna fit-tiġdid tal-ħajja ekkleżjali u fl-opra missjunarja. Waqqaf bosta episkopati u ta għajnuna finanzjarja lil ħafna monasteri. Miet fl-1024, u Ewġenju III ikkanonizzah fl-1146.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. - Santa Tereża ta' Ġesù ta' Los Andes, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.Carm. - Santa Tereża ta' Ġesù ta' Los Andes, Verġni - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - Beatu Manwel Ruiz u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)

# Il-Ħamis • 2011 Lulju 14

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Kamillu de Lellis, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 3, 13-20 Jien li jien. 'Jien hu' bagħatni għandkom.
- **Ps** 104, 1.5.8-9.24-27 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mt 11, 28-30 Jiena ta' qalb ħelwa u umli.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għal dawk li għamlu opri ta' ħniena [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Kamillu de Lellis twieled qrib Chieti, fl-Abruzzo, fl-1550; kien suldat, u mbagħad ingħata għall-kura tal-morda. Studja u sar qassis, u waqqaf kongregazzjoni ta' reliġjużi biex jieħdu ħsieb jibnu sptarijiet u jduru bil-morda. Miet f'Ruma fl-1614.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.J. - Santa Toskana, Armla - Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Franġisk Solano, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 15 Il-Ġimgħa • 2011 Lulju

**San Bonaventura, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Eżodu 11, 10-12,14 Il-ħaruf oqtluh ma' nżul ix-xemx; jien xħin nara d-demm nibqa' għaddej.
- **Ps** 115, 12-13.15-18 Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni u isem il-Mulej insejjaħ.
- **E** Mt 12, 1-8 Bin il-bniedem huwa sid is-Sibt.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bonaventura twieled għall-ħabta tal-1218 f'Bagnoregio, l-Italja tan-nofs. Tħarreġ fil-filosofija u t-teoloġija f'Pariġi. Laħaq majjistru, u għallem lil ħutu l-Patrijiet Minuri bi qligħ kbir għalihom. Għażluh Ministru Ġenerali tal-Ordni tiegħu, u hu mexxieh b'għaqal u għerf. Imbagħad inħatar kardinal u isqof ta' Albano. Miet f'Lyons, Franza, fl-1274. Kiteb bosta xogħlijiet ta' teoloġija u filosofija.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Monasteru S. Katerina (Belt) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Bonaventura, Isqof u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Lulju 16

**L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, qari proprju, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Slat 18, 42-45 Elija jitlob għax-xita.
- **Ps** 14, 1-4 Nimxu warajk kull fejn teħodna, Verġni Marija.
  *jew*
- **1L** Żakk 2, 14-17 Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.
- **Ps** Lq 1, 46-55: Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

- **E** Ġw 19, 25-27: Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib, ommu. *jew*
- **E** Mt 12, 46-50: Medd idu lejn id-dixxipli u qal: 'Dawn, ara, huma ommi u ħuti'.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira [Ċ]. Mill-Komun tal-Madonna bil-partijiet proprji. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Bibbja tfaħħar il-ġmiel tal-Karmelu, fejn il-profeta Elija tħabat biex iħares is-safa tal-fidi ta' Iżrael f'Alla l-ħaj. Fis-seklu 12, xi eremiti twarrbu mid-dinja u marru jgħixu fuq l-istess muntanja, u mbagħad waqqfu Ordni ta' ħajja kontemplattiva taħt il-patroċinju ta' Marija, l-Omm imqaddsa ta' Alla.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Gżira - L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu - Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. - Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmel (abjad)
- Żejtun (Kappella ta' Ġesù Nazzarenu) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu "ta' Ħamet"); Xlendi - L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-IV ġimgħa tas-salterju.

# 17 Il-Ħadd • 2011 Lulju

**Is-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Għerf 12, 13.16-19 Int tagħti lill-midinbin żmien għall-indiema.
- **Ps** 85, 5-6.9-10.15-16a Mulej, int twajjeb u taħfer.
- **2L** Rum 8, 26-27 L-Ispirtu stess jidħol għalina.
- **E** Mt 13, 24-43 (Mt 13, 24-30) Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifona għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Lulju 18

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Eżodu 14, 5-18 Ikunu jafu l-Eġizzjani li jiena l-Mulej, meta nuri l-glorja tiegħi permezz tal-Fargħun.
- **Ps** Eżodu 15, 1-6 Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ.
- **E** Mt 12, 38-42 Is-sultana ta' Nofsinhar għad tqum kontra dan in-nisel.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. - San Xmun minn Lypnica, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 19 It-Tlieta • 2011 Lulju

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 14, 21 - 15,1 Ulied Iżrael daħlu fin-niexef f'nofs il-baħar.
- **Ps** Eżodu 15, 8-10.12.17 Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ.
- **E** Mt 12, 46-50 Medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: Dawn huma ommi u ħuti.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Baħrija - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M. - San Ġwann minn Dukla, Presbiteru - Tifkira (abjad)

## L-Erbgħa • 2011 Lulju 20

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Apollinaris, Isqof u Martri -Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 16, 1-5.9-15 Se nibagħtilkom xita ta' ħobż mis-sema.
- **Ps** 77, 18-19.23-28 Tahom il-qamħ mis-sema.
- **E** Mt 13, 1-9 Iż-żerrigħat waqgħu f'art tajba u għamlu l-frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Apollinaris, isqof, għallem lill-insara afdati f'idejh il-ġmiel u l-kobor ta' Kristu, u mexa fuq l-eżempju tiegħu bħala r-ragħaj it-tajjeb. Żejjen lill-Knisja ta' Ravenna bil-martirju tiegħu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Monasteru S. Margerita (Bormla) - Santa Margerita, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)
- O.Carm. - San Elija, Profeta u Missier tagħna - Solennità (aħmar)
- O.C.D. - San Elija, Profeta u Missier tagħna - Festa (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Sannat (Knisja Parrokkjali) - Santa Margerita, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)

# 21 Il-Ħamis • 2011 Lulju

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Lawrenz ta' Brindisi, Presbiteru u Duttur tal-Knisja -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 19, 1-2.9-11.16-20b
  Il-Mulej jinżel fuq il-muntanja tas-Sinaj quddiem għajnejn il-poplu.
- **Ps** Dan 3, 52-56 Ta' min ifaħħrek u jgħollik għal dejjem.
- **E** Mt 13, 10-17 Lilkom ingħata li tagħarfu l-misteri tas-Saltna tas-smewwiet; iżda lilhom dan ma kienx mogħti.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Lawrenz ta' Brindisi twieled fl-1559; daħal mal-Patrijiet Kapuċċini u, barra minn ħafna dmirijiet oħra, għallem it-teoloġija lil ħutu r-reliġjużi. Ġera l-Ewropa kollha jippriedka bla heda: kelmtu kienet tqanqal. Kiteb ukoll bosta kotba biex ifisser dejjem aħjar il-fidi. Miet f'Lisbona fl-1619.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. - San Lawrenz ta' Brindisi, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)
- Monasteru S. Margerita (Bormla) - San Elija, Profeta u Missier tagħna - Festa (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. - San Lawrenz ta' Brindisi, Presbiteru u Duttur tal-Knisja -Tifkira O (abjad)

**Santa Marija Maddalena - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Għan 3, 1-4a Sibt lil dak li qalbi tħobbu.
  *jew* 2 Kor 5, 14-17 Issa lil Kristu ma nagħarfuhx aktar bil-għajnejn tal-ġisem.
- **Ps** 62, 2-6.8-9 Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.
- **E** Ġw 20, 1-2.11-18 Mara, għaliex qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ]. Uffiċċjatura proprja u mill-Komun tal-Qaddisin Nisa. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Kienet waħda mid-dixxipli ta' Kristu, ratu jmut fuq is-salib, u kmieni filgħodu nhar Ħadd il-Għid stħaqqilha tkun l-ewwel waħda li ratu rxoxtat (Mk 16, 9). Il-kult tagħha xtered fil-Knisja tal-Punent l-aktar mis-seklu 12 'il hawn.

# 23 Is-Sibt • 2011 Lulju

**Santa Briġida, Reliġjuża u Patruna tal-Ewropa - Festa (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Gal 2, 19-20 Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija.
- **Ps** 33, 2-11 Kull ħin imbierek il-Mulej.
- **E** Ġw 15, 1-8 Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-Qaddisin Nisa għar-Reliġjużi [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Briġida twieldet fl-Isvezja fl-1303; iżżewġet żagħżugħa, u tat edukazzjoni mill-aħjar lit-tmint itfal li kellha. Daħlet terzjarja franġiskana u wara l-mewt ta' żewġha ngħatat għal ħajja aktar axxetika għalkemm baqgħet tgħix fid-dinja. Imbagħad waqqfet Ordni reliġjuż u marret Ruma. Kienet eżempju ta' virtujiet kbar għal kulħadd. Wara pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa, reġgħet lura Ruma, fejn mietet fl-1373. Ħallitilna ħafna opri li fihom kitbet dwar il-ġrajjiet mistiċi li minnhom għaddiet.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Kurja (Furjana) - Dedikazzjoni tal-kappella ta' San Kalċedonju - Solennità (abjad)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) - Santa Kunegunda, Reliġjuża - Tifkira (abjad)
- O.C.D. - L-ImqaddsaVerġni Marija, Omm il-Grazzja Divina - Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona proprja għall-Magnificat għas-sena A. L-I ġimgħa tas-salterju.

**Is-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** 1 Slat 3, 5.7-12 Qiegħed nagħtik moħħ għaref u għaqli.
- **Ps** 118, 57.72.76-77.127-130 Kemm inħobbha l-liġi tiegħek, Mulej.
- **2L** Rum 8, 28-30 Ippredestinana biex nieħdu sura xbieha ta' Ibnu.
- **E** Mt 13, 44-52 (Mt 13, 44-46) Imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# 25 It-Tnejn • 2011 Lulju

**San Ġakbu, Appostlu - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Kor 4, 7-15 F'ġisimna qegħdin dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù.
- **Ps** 125, 1-6 Min jiżra' fid-dmugħ jaħsad bil-ferħ.
- **E** Mt 20, 20-28 Il-kalċi tiegħi tixorbuh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju tal-festa u mill-Komun tal-Appostli [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġakbu twieled f'Betsajda minn Żebedew; kien hu Ġwanni l-appostlu. Kien dejjem mal-Mulej meta dan għamel l-aqwa mirakli tiegħu. Erodi tah il-martirju għall-ħabta tas-sena 42. F'Compostella, Spanja, jingħatalu l-aqwa ġieħ; hemmhekk hemm knisja famuża iddedikata f'ismu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Lija - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**San Ġwakkin u Sant'Anna, Ġenituri tal-Imqaddsa Verġni Marija - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**

- **1L** Eżodu 33, 7-11; 34, 5b-9.28 Il-Mulej kien ikellem lil Mosé wiċċ imb'wiċċ.
- **Ps** 102, 6-13 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **E** Mt 13, 36-43 Bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ] bil-partijiet proprji. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Skont tradizzjoni antika sa mis-seklu 2, Ġwakkin u Anna kienu l-ismijiet tal-ġenituri tal-Madonna. Sant' Anna fis-seklu 6 kienet ġa miqjuma fil-Lvant, u fis-seklu 10 l-kult tagħha xtered fil-Punent ukoll, waqt li dak ta' San Ġwakkin hu aktar reċenti.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Wied il-Għajn - Sant'Anna, Omm il-Verġni Marija - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**

- Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu "ta' Ħamet") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1952) - Solennità (abjad)
- San Lawrenz (Knisja ta' Sant'Anna, Dwejra) - Sant'Anna, Omm il-Verġni Marija - Solennità (abjad)

# 27 L-Erbgħa • 2011 Lulju

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 34, 29-35 Raw lil Mosé, bil-ġilda ta' wiċċu tiddi, u beżgħu jersqu lejh.
- **Ps** 98, 5-7.9 Qaddis hu l-Mulej, Alla tagħna!
- **E** Mt 13, 44-46 Imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik il-għalqa.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. (Santa Venera) - Santa Venera, Verġni u Martri - Solennità (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. - Beatu Titu Brandsma, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara); O.F.M.Cap. - Beata Marija Madalena Martinengo, Verġni - Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Lulju 28

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Eżodu 40, 16-21.34-38 Is-sħaba ksiet it-Tinda tal-laqgħa, u l-glorja tal-Mulej imliet it-Tabernaklu.
- **Ps** 83, 3-6a.8a.11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!
- **E** Mt 13, 47-53 Jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. - Beatu Ġwann Soreth, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- O.Carm. (S. Venera) - Beatu Titu Brandsma, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M.Cap. - Beata Marija Tereża Kowalska, Martri tal-persekuzzjoni nażista fil-Polonja - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) - Beata Mattia de Nazarei, Verġni - Tifkira (abjad)

# 29 Il-Ġimgħa • 2011 Lulju

**Santa Marta - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, qari proprju, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 4, 7-16 Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina.
- **Ps** 33, 2-11 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **E** Ġw 11, 19-27 Jien nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla.
  jew Lq 10, 38-42 Marta, inti tieħu rasek u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira proprju u mill-Komun tal-Qaddisin Nisa [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Marta, oħt Marija u Lażżru; laqgħet għandha lill-Mulej f'Betanja, qdietu bil-qalb, u bit-talb tagħha qalgħet grazzja tal-qawmien ta' ħuha mill-mewt.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. - Santa Marta, Santa Marija, San Lażżru, li laqgħu għandhom lill-Mulej - Tifkira O (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Lulju 30

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Pietru Krisologu, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira (abjad)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol I)**
- **1L** Lev 25, 1.8-17 Tkun is-sena tal-ġublew għalikom: kull wieħed jerġa' għal li kellu.
- **Ps** 66, 2-3.5.7-8 Ifaħħruk il-popli o Alla, ifaħħruk il-popli kollha.
- **E** Mt 14, 1-12 Erodi bagħat jaqta' ras Ġwanni, u d-dixxipli tiegħu marru jagħtu l-aħbar lil Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-talb ta' nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Krisologu twieled f'Imola, l-Emilja, għal xi s-sena 380; daħal fil-kleru lokali, u fis-sena 424 sar isqof ta' Ravenna. Kien mimli ħeġġa għall-merħla tiegħu, u għallimha bil-priedki u l-kitba. Miet għall-ħabta tas-sena 450.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona proprja għall-Magnificat għas-sena A. It-II ġimgħa tas-salterju.
Jibda jintuża r-IV volum tal-Liturġija tas-Sigħat.

# 31 Il-Ħadd • 2011 Lulju

**It-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 55, 1-3 Isimgħu minni u tieklu tajjeb.
- **Ps** 144, 8-9.15-18 Mulej, inti ttaffi x-xewqat tagħna.
- **2L** Rum 8, 35.37-39 Xejn ma jista' jifridna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna.
- **E** Mt 14, 13-21 Kulħadd kiel u xaba'.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. - San Injazju ta' Loyola, Presbiteru u Fundatur tal-Kumpanija ta' Ġesù - Solennità (abjad)


MEWT U HAJJA
ILTAQGHU. WIĊĊ IMB' WIĊĊ
F'TAQTIEGHA
TASSEW TAL-GHAGEB.
SEKWENZA TAL-GHID.

1

# It-Tnejn • 2011 Awwissu

**San Alfons Marija de' Liguori, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Num 11, 4b-15 Ma niflaħx jien waħdi l-piż ta' dan il-poplu kollu.
- **Ps** 80, 12-17 Għannu bil-ferħ lil Alla, qawwa tagħna.
- **E** Mt 14, 22-36 Ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Nota**
Min nofsinhar ta' llum sa nofsillejl ta' għada tista' tintrebaħ l-indulġenza tal-Porzjunkula bi żjara f'xi knisja parrokkjali jew f'xi knisja tal-franġiskani. Biex wieħed jirbaħ l-indulġenza jrid jgħid il-Kredu u l-Missierna u jkun qerr u tqarben u talab għall-Papa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Alfons Marija De' Liguori twieled f'Napli fl-1696; sar avukat, u mbagħad ordna qassis u waqqaf il-Kongregazzjoni tar-Redentoristi. Ħadem ħafna biex iħeġġeġ lill-poplu għall-ħajja nisranija, kemm bil-priedki u kemm bil-kitba tiegħu, l-aktar fil-morali, li fiha hu tabilħaqq l-imgħallem. Sar isqof ta' Sant' Agata dei Goti, iżda mbagħad ħalla dan l-uffiċċju u reġa' lura għand il-patrijiet tiegħu ta' Nocera dei Pagani, fejn miet fl-1787.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'Buġia - San Pietru Appostlu *in vinculis* - Solennità (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Awwissu 2

**tat-tmintax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ewsebju, Isqof ta' Vercelli -Tifkira (abjad)**
***jew* San Pietru Ġiljan Eymard, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Num 12, 1-13 Mosé hu l-bniedem li fdajtlu dari. Kif, mela, ma bżajtux tgergru kontra tiegħu?
- **Ps** 50, 3-7.12-13 Mulej, ħassar ħtijietna għaliex dnibna.
- **E** Mt 15, 1-2.10-14 Kull siġra li ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet tinqala'.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ewsebju twieled f'Sardinja, għall-bidu tas-seklu 4, daħal kjeriku Ruma, u sar isqof ta' Vercelli fis-sena 345. Xerred ir-reliġjon bil-predikazzjoni tiegħu u daħħal il-ħajja monastika fid-djoċesi fdata f'idejh. Minħabba l-fidi kien eżiljat mill-imperatur Kustanz u bata ħafna. Meta reġa' lura mill-eżilju, ħadem bis-sħiħ kontra l-Arjani biex iġedded il-fidi. Miet f'Vercelli fis-sena 371.

San Pietru Ġiljan Eymard, presbiteru, għall-ewwel kien jagħmel parti mill-kleru djoċesan, iżda mbagħad ingħaqad mas-Soċjetà ta' Marija. Xerred ħafna tagħlim dwar l-Ewkaristija u waqqaf żewġ kongregazzjonijiet - waħda għall-irġiel u l-oħra għan-nisa - biex ikabbar u jħeġġeġ id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija. Miet fir-raħal ta' La Mure qrib Grenoble fi Franza.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (Baħar iċ-Ċagħaq) - Il-Verġni Mqaddsa Marija tal-Anġli tal-Porzjunkula - Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Il-Verġni Mqaddsa Marija tal-Anġli tal-Porzjunkula - Festa (abjad)
- S.J. - Beatu Pietru Fabre, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- O.P. - Beata Ġwanna ta' Aza, Omm San Duminku - Tifkira (abjad)
- O.S.A. - Beatu Ġwann minn Rieti, Reliġjuż - Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - Beatu Awgustu Czartoryski, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 3 L-Erbgħa • 2011 Awwissu

**tat-tmintax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Num 13, 1-2.25 - 14, 1.26-29.34-35 Irrifjutaw art li tnixxi ħalib u għasel.
- **Ps** 105, 6-7a.13-14.21-23 Ftakar fija Mulej, f'imħabbtek għall-poplu tiegħek.
- **E** Mt 15, 21-28 Mara, il-fidi tiegħek kbira!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

# Il-Ħamis • 2011 Awwissu

# 4

**San Ġwann Marija Vianney, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Num 20, 1-13 Bdew ħerġin gliegel ta' ilma.
- **Ps** 94, 1-2.6-9 Illum isimgħu leħen il-Mulej, u la twebbsux qalbkom.
- **E** Mt 16, 13-23 Int Pietru ... jiena nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Marija Vianney twieled ħdejn Lyons fl-1786. Għeleb ħafna diffikultajiet biex sar qassis. L-isqof Belley bagħtu kappillan fir-raħal ta' Ars, u hu mexxa u kabbar il-parroċċa tiegħu b'mod tal-għaġeb bil-predikazzjoni ħabrieka tiegħu, biċ-ċaħda tiegħu nnifsu, bit-talb u bl-imħabba ma' kulħadd. Kien imfittex ħafna għall-qrar, u l-fidili kienu jmorru għandu minn kullimkien biex jitolbuh il-pariri qaddisa tiegħu. Miet fl-1859.

# 5 Il-Ġimgħa • 2011 Awwissu

**tat-tmintax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* id-Dedikazzjoni tal-Bażilka ta' Santa Marija Maggiore, f'Ruma - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Dewt 4, 32-40 Ħabb il-missirijietkom, għażel lil nisilhom warajhom.
- **Ps** 76, 12-16.21 Niftakar f'għemilek, Mulej.
- **E** Mt 16, 24-28 Xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?

*Jew jekk issir il-Quddiesa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilka ta' Santa Marija Maggiore:*

**Lezzjonarju tal-BMV**
- **1L** Apok 21, 1-6 Rajt Ġerusalemm il-ġdida mħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.
  *jew* Gal 4, 4-7 Alla bagħat lil Ibnu, imnissel minn mara.
- **Ps** Ġud 13 Int il-foħrija tal-poplu tagħna.
- **E** Lq 11, 27-29 Hieni l-ġuf li ġiebek.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Jekk issir it-tifkira, antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Wara li l-Konċilju ta' Efesu (431) stqarr li Omm Ġesù hija Omm Alla, Sistu III bena bażilka fuq l-Eskwilin, f'Ruma, iddedikata f'ġieħ l-Omm qaddisa ta' Alla, li mbagħad saret magħrufa bħala "Santa Maria Maggiore". Fil-Punent, din hi l-eqdem knisja iddedikata f'ġieħ il-Madonna.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (M'Xlokk); O.P. (Rabat) - Il-Madonna tas-Silġ - Solennità (abjad)
- O.F.M. - Beatu Federiku Jansoone, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Kerċem (Knisja ta' Santa Luċija) - Il-Madonna tas-Silġ - Solennità (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Awwissu

**It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej - Festa (abjad)**

# 6

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Dan 7, 9-10.13-14 Ibiesu abjad silġ.
  *jew* 2 Piet 1, 16-19 Smajna dan il-leħen ġej mis-sema.
- **Ps** 96, 1-2.5-6.9 Il-Mulej isaltan, hu 'l fuq mill-art kollha.
- **E** Mt 17, 1-9 Dan hu ibni: isimgħu lilu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmi tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ġesù Kristu, l-Iben il-waħdieni, il-maħbub tal-Missier Etern, quddiem l-appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni, b'xhieda l-liġi u l-profeti, wera l-glorja tiegħu, biex juri lin-natura fqajra tagħna l-bnedmin li hu stess libes, permezz tal-grazzja ġiet mifdija biex ixxandar sa truf l-art, lix-xbieha ta' Alla li fiha l-bniedem inħalaq, għalkemm tħassret f'Adam, rċeviet ħajja ġdida fi Kristu.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Lija - It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Bażilka San Ġorg, Martri) - It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej - Solennità (abjad)

**Nota**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-mewt tal-Papa Pawlu VI (1978).

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 7 Il-Ħadd • 2011 Awwissu

**Id-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** 1 Slat 19, 9a.11-13a Oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej.
- **Ps** 84, 9-14 Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
- **2L** Rum 9, 1-5 Nixtieq li jiena nnifsi kont maqtugħ minn Kristu minħabba f'ħuti.
- **E** Mt 14, 22-33 Ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Hadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Ħamrun (San Gejtanu) - San Gejtanu, Presbiteru - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2011 Awwissu

**San Duminku, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

# 8

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Dewt 10, 12-22 Aħtnu mela qlubkom. Ħobbu lill-barrani, għax intom barranin kontu.
- **Ps** 147, 12-15.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Mt 17, 22-27 Joqtluh, u fit-tielet jum iqum. Is-sudditi huma meħlusa mit-taxxa.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjuzi [Ċ]. Innu fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprju. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Duminku twieled f'Caleruega, Spanja, għall-ħabta tal-1170. Studja t-teoloġija f'Palencia u sar kanonku tal-Knisja ta' Osma. Ħadem u għamel ġid kbir bl-eżempji qaddisa tiegħu u bil-predikazzjoni kontra l-Albiġiżi. Biex din il-ħidma tissokta, huwa ġabar madwaru 'l xi wħud u waqqaf l-Ordni tal-Predikaturi. Miet f'Bolonja fis-6 ta' Awwissu 1221.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - San Duminku Missierna, Presbiteru - Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M.; O.F.M. Cap. - San Duminku Missierna u Fundatur tal-Ordni tal-Predikaturi - Festa (abjad)

# 9 It-Tlieta • 2011 Awwissu

**Santa Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein), Verġni u Martri, Patruna tal-Ewropa - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Verġni jew tal-Martri [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ħos 2, 16b.17b.21-22 (p 120) Għal dejjem ngħarrsek miegħi.
- **Ps** 44, 11-12.14-17 (p 120) Oħorġu ilqgħu lil Kristu l-Mulej.
- **E** Mt 25, 1-13 (p 125) Il-Għarus ġej: oħorġu ilqgħuh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-Verġni jew tal-Martri [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Edith Stein twieldet fi Breslau fil-Ġermanja fl-1891; trabbiet fir-reliġjon tal-Lhud, u tkissret sewwa fil-filosofija. Tgħammdet u daħlet soru mat-Tereżjani ta' Koln u ħadet l-isem ta' Tereża Benedetta tas-Salib. Fi żmien ta' persekuzzjoni marret rifuġjata fl-Olanda; inqabdet u fl-1942 ittieħdet f'Auschwitz ħdejn Krakovja fil-Polonja u qatluha bil-gass.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm.; O.C.D. - Santa Tereża Benedetta tas-Salib, Verġni u Martri - Festa (aħmar)

# L-Erbgħa • 2011 Awwissu 10

**San Lawrenz, Djaknu u Martri - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju; prefazju tal-Martri [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Kor 9, 6-10 Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.
- **Ps** 111, 1-2.5-9 Hieni l-bniedem li jħenn u jislef.
- **E** Ġw 12, 24-26 Min jaqdi lili, lilu Missieri jweġġah.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċjatura tal-festa u mill-Komun tal-Martri [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Lawrenz kien djaknu tal-Knisja ta' Ruma u ħa l-martirju fil-persekuzzjoni ta' Valerjanu erbat ijiem wara l-Papa Sistu II u l-erba' sħabu djakni ta' Ruma. Il-qabar tiegħu jinsab ħdejn it-triq Tiburtina fil-Verano. Kostantinu l-Kbir bena bażilka fuqu. Il-qima lejh xterdet fil-Knisja sa mis-seklu 4.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Birgu - San Lawrenz, Djaknu u Martri - Solennità (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**

- Xlendi (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1974) - Solennità (abjad)
- San Lawrenz - San Lawrenz, Djaknu u Martri - Solennità (aħmar)

# 11 Il-Ħamis • 2011 Awwissu

**Santa Kjara, Verġni - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Ġoż 3, 7-10a.11.13-17 L-Arka tal-Patt tal-Mulej tgħaddi quddiemkom mill-Ġordan.
- **Ps** 113 A, 1-6 Hallelujah, hallelujah.
- **E** Mt 18, 21-19, 1 Ma ngħidlekx sa seba' darbiet imma sa sebgħa u sebgħin darba.

**Liturgija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni jew tal-Qaddisin Nisa għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Kjara twieldet fl-1193, f'Assisi bħal San Franġisk; flimkien miegħu għażlet it-triq tal-faqar, u saret omm u fundatriċi ta' Ordni ta' sorijiet klawstrali. Għaddiet ħajja iebsa, mimlija b'opri ta' ħniena u tieba. Mietet fl-1253.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv.; O.F.M.; O.F.M. Cap. - Santa Klara, Verġni - Festa (abjad)
- O.F.M. (II Ordni) - Santa Klara, Verġni - Solennità (abjad)
- Qawra (Knisja S. Franġisk) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Xlendi (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu) - San Lawrenz, Djaknu u Martri - Festa (aħmar)

# Il-Ġimgħa • 2011 Awwissu 12

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Ġovanna Franġiska de Chantal, Reliġjuża - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Ġoż 24, 1-13 Jien ħadt lil missierkom Abraham min-naħa l-oħra tax-xmara, u mbagħad ħriġtkom mill-Eġittu, u tajtkom l-art.
- **Ps** 135, 1-3.16-18.21-22.24 Għax għal dejjem it-tieba tiegħu.
- **E** Mt 19, 3-12 Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess tibgħatu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu .

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Nisa għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Ġovanna Franġiska twieldet f'Dijon, Franza, fl-1572; iżżewġet lill-Baruni de Chantal u kellha sitt itfal, li rabbiethom fit-tjieba. Meta romlot, ħaffet b'ħeġġa kbira 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni taħt it-tmexxija ta' San Franġisku de Sales, u ħabirket f'opri ta' mħabba għall-foqra u l-aktar għall-morda. Waqqfet il-Kongregazzjoni tas-sorijiet tal-Viżitazzjoni, u mexxietha b'għaqal kbir. Mietet fl-1641.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. (Mdina) - Santa Feliċissima, Martri - Tifkira (aħmar)
- O.Carm. - Beatu Isidor Bakanja, Martri - Tifkira (aħmar)

# 13 Is-Sibt • 2011 Awwissu

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ponzjanu, Papa u San Ippolitu, Presbiteru, Martri -Tifkira (aħmar)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

## Filgħodu

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Ġoż 24, 14-29 Agħżlu llum lil min tridu taqdu.
- **Ps** 15, 1-2a.5.7-8.11 Mulej, inti s-sehem ta' wirti.
- **E** Mt 19, 13-15 Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ponzjanu sar Papa fis-sena 231; flimkien mas-saċerdot Ippolitu fis-sena 235 ġie eżiljat f'Sardinja mill-imperatur Massiminu. Hemm ħalla minn Papa, u miet. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' Kallistu; imma lil Ippolitu difnuh fiċ-ċimiterju tat-triq Tiburtina. Il-Knisja ta' Ruma bdiet tagħti ġieħ lil dawn iż-żewġ martri sa mill-bidu tas-seklu 4.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- F.S.C. - San Benild Romançon, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. - Beatu Mark minn Aviano, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għajnsielem (Knisja tal-Madonna ta' Loretu "il-ġdida") - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1989) - Solennità (abjad)

## Filgħaxija

**Quddiesa**
tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-IV ġimgħa tas-salterju.

**L-Għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 56, 1.6-7 Lil ulied il-frustier inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi.
- **Ps** 66, 2-3.5-6.8 Ifaħħruk il-popli kollha, o Alla.
- **2L** Rum 11, 13-15.29-32 Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa li ta lil Iżrael.
- **E** Mt 15, 21-28 Mara, il-fidi tiegħek kbira.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifona għall-Benedictus proprja għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Buġibba - San Massimiljan Marija Kolbe, Presbiteru u Martri - Solennità (aħmar)

**Filgħaxija**

**Il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema** - Solennita' (abjad)

**Quddiesa**
tal-vġili, Glorja, qari proprju; Kredu, prefazju proprju (tal-Quddiesa tal-għada) [1].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** 1 Kron 15, 3-4.15-16; 16,1-2 Qiegħdu l-arka ta' Alla f'nofs it-tinda.
- **Ps** 131, 6-7.9-10.13-14 Qum, Mulej, int u l-Arka tal-qawwa tiegħek.
- **2L** 1 Kor 15, 54-57 Alla tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.
- **E** Lq 11, 27-28 Hieni l-ġuf li ġiebek.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 15 It-Tnejn • 2011 Awwissu

**Il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema - Solennita' (abjad)**
**Festa Kmandata**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [1].
Mhux permess Quddies ieħor lanqas dak ta' funeral.

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Apok 11, 19a; 12, 1-6a.10ab Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha.
- **Ps** 44, 10bc.11-12ab.16 F'lemintek is-Sultana mżejna b'deheb ta' Ofir.
- **2L** 1 Kor 15, 20-26 L-ewwel, Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu.
- **E** Lq 1, 39-56 Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: għolla ċ-ċkejknin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, wara li temmet il-ħajja tagħha fuq din l-art, ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Din il-verità tal-fidi, li rċevejna mit-tradizzjoni tal-Knisja, ġiet solennament definita mill-Papa Piju XII.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) - It-Tlugħ is-sema tal-Verġni Mqaddsa Marija, Patruna speċjali tal-Belt Vittorja u tad-Djoċesi ta' Għawdex, u titular tal-Katidral - Solennità (abjad)

# It-Tlieta • 2011 Awwissu 16

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Stiefnu tal-Ungerija -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Mħal 6, 11-24a Gidgħon jeħles lil Iżrael. Mhux jien qiegħed nibagħtek?
- **Ps** 84, 9.11-14 Il-Mulej is-sliem ixandar għall-poplu u l-ħbieb tiegħu.
- **E** Mt 19, 23-30 Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stiefnu twieled fil-Pannonja, l-Ungerija għall-ħabta tas-sena 969. Irċieva l-Magħmudija, u fis-sena 1000 sar sultan. Mas-sudditi tiegħu kien ġust u twajjeb, iħobb is-sliem; kien kollu reqqa fil-ħarsien tal-liġijiet tal-Knisja u fit-tħabrik għall-ġid tas-sudditi. Waqqaf ħafna episkopati, u kien tal-aqwa għajnuna għall-ħajja ekkleżjali. Miet fi Szekesfehervar fl-1038.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'Kara (Knisja ta' Santu Rokku) - Santu Rokku, Konfessur - Solennità (abjad)
- O.C.D. - Beata Marija Sagrario ta' San Alwiġi Gonzaga, Verġni u Martri - Tifkira (aħmar)

# 17 L-Erbgħa • 2011 Awwissu

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Imħal 9, 6-15 Għedtu: Ħa jkollna re fuqna. Iżda l-Mulej Alla tagħkom, hu s-sultan tagħkom.
- **Ps** 20, 2-7 Mulej, bil-qawwa tiegħek jifraħ is-sultan.
- **E** Mt 20, 1-16a Qiegħed tgħir għax qalbi tajba?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. - Santa Kjara ta' Montefalco, Verġni - Festa (abjad)
- O.P. - San Ġjaċint tal-Polonja, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. - Santa Beatrice de Silva, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.Carm. - Beatu Anġlu Wistin Mazzinghi, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Awwissu 18

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Imħal 11, 29-39a  Min joħroġ jilqagħni l-ewwel minn bieb dari, ikun tal-Mulej u noffrihulu b'sagrifiċċju.
- **Ps** 39, 5.7-10  Hawn jien, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **E** Mt 22, 1-14  Sejħu għall-festa 'l kull min issibu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'Kara - Santa Elena, Imperatriċi - Solennità (abjad)
- Bugibba - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- S.J. - San Alberto Hurtado Cruchaga, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.P. - Beatu Mannes, ħu San Duminku, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. - Beati John Louis Loir, Protase Bourdon u Sebastjan François, Presbiteri u Martri ta' Rochefort - Tifkira (aħmar)
- O.C.D. - Beati Ġwann Battista, Mikiel Alwiġ u Ġakbu, Presbiteri Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M.Conv. - Beati Lwiġi-Armandu Adam u Nikola Savouret, Presbiteri Martri - Tifkira (aħmar)

# 19 Il-Ġimgħa • 2011 Awwissu

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ġwann Eudes, Presbiteru -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Rut 1, 1-6,14-16.22 Nagħomi u Rut il-Mowabija waslu Betlehem.
- **Ps** 145, 5-10 Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!
- **E** Mt 22, 34-40 Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u ħobb lil għajrek bħalek innifsek.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Eudes, twieled fid-djoċesi ta' Séez, Franza, fl-1601; ordna qassis, u għamel ħafna snin jippriedka fil-parroċċi. Waqqaf Kongregazzjonijiet reliġjużi għall-formazzjoni tajba tas-saċerdoti fis-seminarji, kif ukoll għan-nisa li jkunu f'periklu spiritwali, biex jitwettqu fil-ħajja nisranija. Kellu devozzjoni tal-għaġeb lejn il-Qalb ta' Ġesù u Marija. Miet fl-1680.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sorijiet tal-Bon Pastur - San Ġwann Eudes, Presbiteru - Solennità (abjad)
- O.S.B. - Beatu Bernardu Tolomei, Abbati - Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Ludovik ta' Toloża, Isqof - Tifkira (abjad)
- O.S.A. - San Eżekjel Moreno, Isqof - Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Awwissu 20

**San Bernard, Abbati u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Rut 2, 1-3.8-11; 4, 13-17 Imbierek il-Mulej li ma ċaħħdekx minn qarib fidil illum. Kien missier Ġesse, missier David.
- **Ps** 127, 1-5 Ara, kif ikun imbierek il-bniedem li jibża' mill-Mulej.
- **E** Mt 23, 1-12 Huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tad-Dutturi jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, innu u antifona għall-Benedictus proprji. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bernard twieled fl-1090 ħdejn Dijon, Franza. Kellu trobbija tajba, u fl-1111 daħal maċ-Ċisterċensi; wara ftit żmien għażluh abbati tal-monasteru ta' Clairvaux, u bil-ħidma u bl-eżempju mexxa tassew tajjeb lir-reliġjużi fl-imħabba għall-virtujiet. Minħabba x-xiżmi li qamu fil-Knisja ġera l-Ewropa jitħabat għall-paċi u għall-għaqda. Kiteb ħafna fuq it-teoloġija u l-axxetika. Miet fl-1153.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
O.S.B. – San Bernard, Abbati – Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-I ġimgħa tas-salterju.

# 21 Il-Ħadd • 2011 Awwissu

**Il-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**

tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 22, 19-23 Inqiegħed fuq spallejh il-muftieħ tad-dar ta' David.
- **Ps** 137, 1-3.6.8 It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem.
- **2L** Rum 11, 33-36 Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih.
- **E** Mt 16, 13-20 Inti Pietru: jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

Santa Luċija - San Piju X, Papa - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2011 Awwissu 22

**Il-Verġni Mqaddsa Marija Reġina - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** 1 Tess 1, 1-5.8b-10 Dortu lejn Alla u tlaqtu l-idoli, biex taqdu lil Ibnu, li hu qajjem mill-imwiet.
- **Ps** 149, 1-6.9b Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu.
- **E** Mt 23, 13-22 Ħażin għalikom, mexxejja għomja!

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar proprji. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Marija Reġina, li weldet l-Iben ta' Alla, il-prinċep tal-paċi, li s-saltna tiegħu ma tintemm qatt, hi meqjuma mill-insara bħala Sultana tas-sema u Omm tal-ħniena.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Marsa (par. Marija Reġina) - Il-Verġni Mqaddsa Marija Reġina - Solennità (abjad)

# 23 It-Tlieta • 2011 Awwissu

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Roża minn Lima, Verġni -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tess 2, 1-8 Ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju ta' Alla, imma wkoll ħajjitna stess.
- **Ps** 138, 1-6 Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni.
- **E** Mt 23, 23-26 Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni jew tal-Qaddisin Nisa għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Roża twieldet f'Lima, il-Perù, fl-1586. Sa mid-dar rawwmet ruħha fil-qdusija, iżda, wara li daħlet terzjarja Dumnikana, imxiet wisq aktar 'il quddiem fit-triq tal-penitenza u l-kontemplazzjoni mistika. Mietet fl-24 ta' Awwissu 1617.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. - Santa Roża minn Lima, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. - San Bernard ta' Offida, Reliġjuż - Tifkira (abjad)

**San Bartilmew, Appostlu - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Apok 21, 9b-14 Fil-pedamenti hemm it-tnax-il isem tat-tnax-il Appostlu tal-Ħaruf.
- **Ps** 144, 10-13.17-18 Ħbiebek ixandru l-ġmiel ta' saltnatek.
- **E** Ġw 1, 45-51 Iżraeli li jistħoqqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa u mill-Komun tal-Appostli [B]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, innu proprju. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bartilmew twieled f'Kana; l-appostlu Filippu ħadu għand Ġesù. Jingħad li wara Tlugħ il-Mulej fis-sema, mar ixandar l-Evanġelju fl-Indja u li hemm ħa l-martirju.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Għargħur; Tarxien (San Bert) - San Bartilmew, Appostlu - Solennità (aħmar)
- Senglea - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad).

# 25 Il-Ħamis • 2011 Awwissu

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ludoviku, Re ta' Franza - Tifkira (abjad)**
***jew* San Ġużepp Calasanz, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tess 3, 7-13 Jalla l-Mulej ikattrilkom u jfawwarkom bl-imħabba għal xulxin u lejn kulħadd.
- **Ps** 89, 3-4.12-14.17 Imliena Mulej bit-tieba tiegħek.
- **E** Mt 24, 42-51 Kunu lesti.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ludoviku twieled fl-1214; ta' 22 sena sar sultan ta' Franza. Iżżewweġ u wiled ħdax, li tahom trobbija mill-aħjar. Kien mogħti għall-indiema u t-talb, u mimli mħabba għall-foqra; matul il-ħakma tiegħu ħabrek mhux biss għall-paċi fost il-popli u l-ġid temporali tas-sudditi tiegħu, iżda wkoll għall-ġid spiritwali ta' kulħadd. Mar mal-kruċjati biex jeħles il-qabar ta' Kristu, iżda miet ħdejn Kartaġni fl-1270.

San Ġużepp Calasanz, twieled fl-Aragonja fl-1557. Wara edukazzjoni skolastika mill-aħjar, sar saċerdot u qeda l-ministeru f'art twelidu. Imbagħad mar Ruma, beda jieħu ħsieb it-tfal tal-foqra biex jgħallimhom, u waqqaf għaqda reliġjuża għal dan l-iskop. Ra ħafna ma' wiċċu, u ġarrab ukoll il-gideb li kienu jaqilgħu fuqu dawk li għeru għalih. Miet f'Ruma fl-1648.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Ludovik, Re ta' Franza, patrun tat-III Ordni - Tifkira O (abjad)
- Senglea - San Bartilmew, Appostlu - Festa (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. - Beata Marija Baouardy ta' Ġesù Msallab, Verġni - Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Awwissu 26

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**

ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** 1 Tess 4, 1-8 Dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom.
- **Ps** 96, 1.2b-5-6.10-12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Mt 25, 1-13 Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!

**Liturġija tas-Sigħat**

ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. (klawsura) - Santa Tereża ta' Ġesù fin-nifda tal-qalb - Tifkira O (abjad)
- O. Carm. - Beatu Ġakbu Retouret, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.C.D. - Santa Tereża ta' Ġesù fin-nifda tal-qalb - Tifkira (abjad)
- O.S.A. - San Liberat, San Bonifazju u Sħabhom, Martri - Tifkira (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A. - Beatu Żefferino Namuncurà, Żgħażugħ - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - Beatu Junipero Serra, Presbiteru - Tifkira (abjad)

# 27 Is-Sibt • 2011 Awwissu

**Santa Monika, Armla - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tess 4, 9-11  Tgħallimtu mingħand Alla kif għandkom tħobbu lil xulxin.
- **Ps** 97, 1.7-9  Il-Mulej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja.
- **E** Mt 25, 14-30  Int kont fidil fil-ftit: idħol fl-hena ta' sidek.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tal-Qaddisin Nisa [Ċ]. Antifona għall-Benedictus proprja. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Monika twieldet f'Tagaste, l-Afrika, fis-sena 331 minn familja nisranija. F'żgħożitha żżewġet lil Patrizju, u fost l-ulied l-oħra kellha wkoll lil Wistin, li għall-konverżjoni tiegħu bkiet u talbet ħafna 'l Alla. Kienet mera ta' omm mill-aħjar, li qawwiet il-fidi tagħha bit-talb u żejnitha bil-virtujiet. Mietet f'Ostja fis-sena 387.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. - Santa Monika, armla - Festa (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-II ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Awwissu 28

**It-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Ġer 20, 7-9 Il-kelma tal-Mulej saret għalija tagħjir u tmaqdir.
- **Ps** 62, 2-6.8-9 Għalik imxennaq jien, Mulej Alla tiegħi.
- **2L** Rum 12, 1-2 Offru ġisimkom bħala vittma safja.
- **E** Mt 16, 21-27 Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. - Santu Wistin missierna, Isqof u Duttur tal-Knisja - Solennità (abjad)

# 29 It-Tnejn • 2011 Awwissu

**Il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista - Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju proprju [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġer 1, 17-19 Għidilhom kull ma ordnajtlek; la tibżax minnhom.
- **Ps** 70, 1-6.15.17 Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.
- **E** Mk 6, 17-29 Irridek issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Battista miżmum minn Erodi Antipa fil-ħabs fil-fortizza ta' Makeronte, f'dik li llum hi l-Ġordanja, f'għeluq snin is-sultan, fuq talba tat-tifla ta' Erodja, ingħata l-martirju. B'hekk il-prekursur tal-Mulej, bħal fjamma li taqbad u tixgħel, kemm f'ħajtu kif ukoll b'mewtu kien xhud tal-verità.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
O.S.J. - Il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista - Festa (aħmar)

# It-Tlieta • 2011 Awwissu 30

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** 1 Tess 5, 1-6.9-11 Ġesù Kristu miet għalina, sabiex ngħixu ħaġa waħda miegħu.
- **Ps** 26, 1.4.13-14 Nemmen li għad nara t-tieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
- **E** Lq 4, 31-37 Jiena naf min int: il-Qaddis ta' Alla!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- P.S.D.P. - Beata Jeanne Jugan, Verġni - Festa (abjad)
- O.S.B. - Beatu Alfredu Idelfonsu Schuster, Isqof - Tifkira (abjad)

# 31 L-Erbgħa • 2011 Awwissu

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Kol 1,1-8 Tħabbritilkom il-kelma tas-sewwa tal-Evanġelju bħalma qed tikber fid-dinja kollha.
- **Ps** 51, 10-11 Nitma' fit-tieba ta' Alla għal dejjem ta' dejjem.
- **E** Lq 4, 38-44 Jeħtieġli nxandar l-Evanġelju lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

# Il-Ħamis • 2011 Settembru

# 1

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Kol 1, 9-14 Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub.
- **Ps** 97, 2-6 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Lq 5, 1-11 Telqu kollox u marru warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. - Santa Tereża Margerita Redi tal-Qalb ta' Ġesù, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.Carm. - Santa Tereża Margerita Redi tal-Qalb ta' Ġesù, Verġni - Tifkira (abjad)

# 2 Il-Ġimgħa • 2011 Settembru

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Kol 1,15-20 Kollox bih u għalih kien maħluq.
- **Ps** 99, 2-5 Idħlu quddiem il-Mulej, b'għana ferrieħi.
- **E** Lq 5, 33-39 Meta jeħduhulhom lill-għarus minn magħhom, imbagħad isumu dakinhar.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Conv. - Beatu Ġanfranġisk Burtè, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Cap. - Beatu Apollinaris ta' Posat, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- F.S.C. - Beati Solomon Leclerq, Leon Mopinot, Roger Faverge, Uldaric Guillaume - Martri fir-rivoluzzjoni Franċiża - Tifkira (aħmar)

# Is-Sibt • 2011 Settembru

# 3

**San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Kol 1, 21-23 Issa sirtu ħbieb ta' Alla permezz tal-mewt ta' Ibnu biex iressaqkom quddiemu qaddisa u safja.
- **Ps** 53, 3-4.6.8 Alla hu l-għajnuna tiegħi.
- **E** Lq 6, 1-5 Dan kif qegħdin tagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta' Sibt?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum): Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tar-Rgħajja u tad-Dutturi [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, innu u antifona għall-Benedictus proprji.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Girgor il-Kbir twieled f'Ruma għall-ħabta tas-sena 540. Wara l-istudji tiegħu laħaq prefett tal-Belt. Imbagħad beda ħajja monastika, ordna djaknu, u qeda l-uffiċċju ta' legat f'Kostantinopli. Fit-3 ta' Settembru 590 għażluh Papa, u wera ruħu bħala ragħaj tassew fit-tmexxija tal-Knisja, fil-għajnuna lill-foqra, u fit-tixrid u t-twettiq tal-fidi. Kiteb ħafna fuq morali u teoloġija. Miet fit-12 ta' Marzu 604.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S.Girgor) - San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja - Solennità (abjad)
- B'Kara (Knisja tal-Vitorja) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.B. - San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Kerċem (Knisja Parrokkjali) - San Girgor il-Kbir, Papa - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tlieta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tlieta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-III ġimgħa tas-salterju.

# 4 Il-Ħadd • 2011 Settembru

**It-tlieta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tlieta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Eżek 33, 7-9 Jekk ma twiddibx lill-midneb, demmu nfittxu minn idejk.
- **Ps** 94, 1-2.6-9 Isimgħu leħen il-Mulej, u la twebbsux qalbkom.
- **2L** Rum 13, 8-10 L-imħabba hija l-milja tal-liġi.
- **E** Mt 18, 15-20 Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt 'il ħuk.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. - Sidtna Marija tal-Konsolazzjoni, Patruna tal-Familja Agostinjana - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2011 Settembru

5

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Kol 1, 24 - 2, 3 Sirt ministru tal-Knisja, biex inxandar b'mod sħiħ il-misteru moħbi sa miż-żminijiet.
- **Ps** 61, 6-7.9 F'Alla s-salvazzjoni u l-ġieħ tiegħi.
- **E** Lq 6, 6-11 Kienu moħħhom fih biex jaraw jekk ifejjaqx f'jum is-Sibt.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. - Anniversarju tal-familjari u benefatturi mejtin (vjola)
- M.C. - Beata Tereża ta' Calcutta, Verġni - Tifkira (abjad)

# 6 It-Tlieta • 2011 Settembru

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Kol 2, 6-15 Alla takom il-ħajja flimkien ma' Kristu: ħafrilna dnubietna kollha.
- **Ps** 144, 1-2.8-11 Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej.
- **E** Lq 6, 12-19 Għadda l-lejl fit-talb u għażel tnax, li semmiehom appostli.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

## L-Erbgħa • 2011 Settembru

# 7

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Kol 3, 1-11 Intom mittu ma' Kristu: mewtu ġo fikom dak kollu li hu tal-art.
- **Ps** 144, 2-3.10-13 Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej.
- **E** Lq 6, 20-26 Henjin intom il-foqra. Ħażin għalikom intom il-għonja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Valletta (San Ġwann) - Anniversarju tal-mejtin fiż-żewġ assedji ta' Malta - (vjola)
- S.J. - San Stiefnu Pongracz u San Melkjor Grodziecki, Presbiteri Ġiżwiti, Martri u San Marku Krizecanin, Kanonku ta' Strigonja, Martri - Tifkira O (aħmar)

# 8 Il-Ħamis • 2011 Settembru

**It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Madonna [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Mik 5, 1-4a Sa ma teħles dik li għandha teħles.
  *jew* Rum 8, 28-30 Lil dawk li Alla għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll.
- **Ps** 12, 6 Nifraħ b'ferħ kbir fil-Mulej.
- **E** Mt 1, 1-14.18-23 Dak li tnissel fiha hu bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmi tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Beata Verġni Marija, imwielda minnisel Abraham, mit-tribù ta' Ġuda, u mid-dar tar-re David, minnha twieled l-Iben ta' Alla li sar bniedem bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu biex jeħles lill-bnedmin mill-jasar il-qadim tad-dnub.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- L-Isla; Naxxar; Mellieħa - It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija - Solennità (abjad)
- O.S.J. - Il-Madonna ta' Filermo - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Knisja tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija "ta' Savina"); Xagħra (Knisja Parrokkjali u Bażilka) - It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija - Solennità (abjad)

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Pietru Claver, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** 1 Tim 1, 1-2.12-14 Qabel kont dagħaj, iżda sibt il-ħniena.
- **Ps** 15, 1-2a.5.7-8.11 Mulej, inti s-sehem tal-wirt tiegħi.
- **E** Lq 6, 39-42 Jista' għama jmexxi għama ieħor?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Claver, presbiteru ġiżwita, f'Cartagena ġewwa l-Kolumbja, għal aktar minn erbgħin sena, b'sagrifiċċji u mħabba kbira ħadem fost l-iskjavi, u wellidhom mill-ġdid fi Kristu bil-magħmudija. Għammed madwar tliet mitt elf ruħ.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. - San Pietru Claver, Presbiteru - Tifkira O (abjad)



**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tim 1, 15-17 Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin.
- **Ps** 112, 1-7 Ikun isem il-Mulej imbierek.
- **E** Lq 6, 43-49 Għaliex issejħuli 'Mulej, Mulej' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- San Ġiljan (Knisja tal-Kunċizzjoni) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.A. (Tarxien) - San Nikola ta' Tolentino, Presbiteru - Solennità (abjad)
- O.S.A. - San Nikola ta' Tolentino, Presbiteru - Festa (abjad)
- S.J. - Beatu Franġisk Garate, Reliġjuż - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-erbgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-erbgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-IV ġimgħa tas-salterju.

# 11 Il-Ħadd • 2011 Settembru

**L-erbgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Sir 27, 33- 28, 9 Aħfer lill-proxxmu dnubietu, u mbagħad dnubietek jinħafrulek.
- **Ps** 102,1-4.9-12 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **2L** Rum 14, 7-9 Sew jekk ngħixu, sew jekk immutu, aħna tal-Mulej.
- **E** Mt 18, 21-35 Ma ngħidlekx taħfer sa seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. (Kulleġġ San Alwiġi, B'kara) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# It-Tnejn • 2011 Settembru 12

**tal-erbgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* L-Isem ta' Marija - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tim 2, 1-8 Nitolbok li jsiru suppliki lil Alla, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw.
- **Ps** 27, 2.7-9 Imbierek il-Mulej, għax sama' leħen it-tnehid tiegħi.
- **E** Lq 7, 1-10 Anqas f'Iżrael ma sibt fidi bħal din.

*Jew jekk issir il-Quddiesa tal-Isem ta' Marija:*

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-BVM:**
- **1L** Bin Sir 24, 1-2.5-7.12-16.26-31 It-tifkira tiegħi f'kull żmien.
- **Ps** Lq 1, 46-55 Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
- **E** Lq 1, 26-38 Dix-xebba kien jisimha Marija.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
F'dan il-jum il-Knisja tiċċelebra l-imħabba kbira ta' Marija, omm Alla, lejn binha Ġesù. Hi tidher għalina bħala l-Omm tal-Feddej, u hekk għandna nsejħulha b'devozzjoni.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żabbar - Il-Verġni Mqaddsa Marija tal-Grazzja - Solennità (abjad)
- O.C.D. - Beata Marija Lopez ta' Ġesù, Verġni - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Marsalforn (Knisja ta' San Pawl) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1939) - Solennità (abjad)

# 13 It-Tlieta • 2011 Settembru

**San Ġwann Krisostmu, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** 1 Tim 3, 1-13 L-Isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih.
- **Ps** 100, 1-6 Irrid nimxi b'qalb safja.
- **E** Lq 7, 11-17 Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tar-Rgħajja jew tad-Dutturi [Ċ]. Innu fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprju. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Kriżostmu twieled f'Antjokja għall-ħabta tas-sena 349; wara edukazzjoni mill-aħjar, beda ħajja axxetika, sar saċerdot, u għamel ġid kbir bil-priedki tiegħu. Fis-sena 397 sar isqof ta' Kostantinopli u, ta' ragħaj tassew tajjeb li kien, ħadem biex il-kleru u l-poplu tiegħu jgħixu bir-reqqa kollha. Il-qorti imperjali u l-għedewwa tiegħu ma ħamluħx, u kien imġiegħel imur fl-eżilju aktar minn darba. Mifni bl-hemm u l-inkwiet, fl-14 ta' Settembru 407 miet f'Cumana, fil-Ponto. Tkellem u kiteb ħafna biex ifisser it-tagħlim kattoliku u jagħti formazzjoni tajba lill-insara. Minħabba f'hekk stħaqqlu tassew li jsejħulu l-Kriżostmu.

**L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Num 21, 4b-9 Meta xi ħadd kien jisfa' migdum, kien iħares lejh u jfiq. *jew* Fil 2, 6-11 Ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet.
- **Ps** 77, 1-2.34-38 Tinsewx l-għemejjel kbar ta' Alla.
- **E** Ġw 3, 13-17 Jinħtieġ li Bin il-bniedem ikun merfugħ.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmi tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Is-Salib Imqaddes illum jiġi miqjum bħala l-istendard tar-rebħ tal-Għid tal-Mulej, u hu sinjal li se jidher fis-sema fl-aħħar taż-żmien biex iħabbar lil kulħadd it-tieni miġja tal-Mulej.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. (Valletta); O.F.M. Cap. (Floriana); Żabbar (Knisja tas-Salib) - L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes - Solennità (aħmar)
- O.S.A. - Tifkira tat-twaqqif tal-Provinċja. Jingħad it-Te Deum wara r-responsorju tat-tieni qari tal-Uffiċċju tal-Qari.

# 15 Il-Ħamis • 2011 Settembru

**Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju; sekwenza *ad libitum*; prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Lhud 5, 7-9 Hu tgħallem xi tfisser l-ubbidjenza u sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.
- **Ps** 30, 2-6; 15-16.20 Fit-tjieba tiegħek, Mulej, salvani.
- **E** Ġw 19, 25-27 X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija meta ratu fit-tbatija l-Omm lil Binha Alla.
  *jew* Lq 2, 33-35 Sejf jinfidlek ruħek.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, antifoni proprji u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fl-Għasar, antifoni proprji u salmi mill-Komun tal-Madonna. Mill-bqija salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Marija Addolorata, f'riġlejn is-salib ta' Ġesù, marbuta b'mod l-aktar strett mal-passjoni salvifika ta' binha Ġesù, tidher bħala Eva l-ġdida, biex, kif bid-dizubbidjenza tal-ewwel mara waslet il-mewt, bl-ubbidjenza tagħha tasal il-ħajja.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- San Pawl il-Baħar - Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri - Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • 2011 Settembru 16

**Arċidjoċesi ta' Malta: San Kornelju, Papa u San Ċiprijanu, Isqof, Martri - Tifkira O (abjad)**

**Djoċesi ta' Għawdex: L-anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi - Festa (abjad)**

## ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Rgħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** 1 Tim 6, 2ċ-12 Int, bniedem ta' Alla, fittex li jkollok il-ġustizzja.
- **Ps** 48, 6-7.8-10.17-18.19-20 Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet.
- **E** Lq 8, 1-3 Kellu miegħu t-Tnax u xi nisa, li kienu jaqduhom minn ġidhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tar-Rgħajja [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Kornelju kien ordnat isqof tal-Knisja ta' Ruma fis-sena 251; ħadha kontra x-xiżmatiċi Novazjani u, bil-għajnuna ta' Ċiprijanu, seta' jsaħħaħ l-awtorità tiegħu. L-imperatur Gallo eżiljah, u miet f'Civitavecchia fis-sena 153. Il-ġisem tiegħu ttieħed f'Ruma u difnuh fiċ-ċimiterju ta' Kallistu.

Ċiprijanu twieled Kartaġni madwar is-sena 210; il-ġenituri tiegħu kienu pagani, iżda hu tgħammed, sar qassis, u mbagħad fis-sena 249 isqof ta' beltu. Fi żminijiet tiegħu mexxa l-Knisja tajjeb ħafna bl-opri u l-kitba tiegħu. Fil-persekuzzjoni ta' Valerjanu eżiljawh, u fl-14 ta' Settembru 258 tawh il-martirju.

## DJOĊESI TA' GĦAWDEX

**Quddiesa**
proprja, qari proprju, prefezju komun.

**Lezzjonarju (ara l-ġunta tal-Missal)**

- **1L** Is 63, 7-9 Tifħir lill-Mulej, għax kbira l-ħniena tiegħu.
- **Ps** 144, 1-11 Imbierek ismek Mulej għal dejjem.
- **E** Lq 1, 39-55 Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Id-Djoċesi ta' Għawdex twaqqfet mill-Papa Piju IX, illum Beatu, fis-16 ta' Settembru 1864 permezz tal-Bolla *Singulari Amore* - B'imħabba liema bħalha. Il-Għawdxin kienu ilhom sitta u sittin sena jitolbu ħalli jkollhom l-isqof tagħhom. L-aħbar ingħatat mill-Papa fil-Konċistorju tat-22 ta' Settembru, meta ħatar lill-arċipriet Mikiel-Franġisk Buttigieg bħala l-ewwel isqof ta' Għawdex u l-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Santa Marija bħala l-Katidral tad-djoċesi l-ġdida. Il-Knisja f'Għawdex tfakkar dan l-anniversarju bħala Jum ta' Radd il-Ħajr lill-Mulej għat-tjieba kbira tiegħu magħha u għall-grazzji kbar li għoġbu jxerred fuqha.

# 17 Is-Sibt • 2011 Settembru

**tal-erbgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Roberto Bellarmino, Isqof u Duttur tal Knisja - Tifkira (abjad)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

## Filgħodu

### Quddiesa
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

### Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)
- **1L** 1 Tim 6, 13-16 Żomm ruħek bla tebgħa sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu.
- **Ps** 99, 2-5 Idħlu quddiem il-Mulej b'għana ferrieħi.
- **E** Lq 8, 4-15 Iż-żerrigħat li jaqgħu f'art tajba huma dawk li jisimgħu l-Kelma u jgħożżuha, u jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ.

### Liturġija tas-Sigħat
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

### Mill-Martiroloġju Ruman
San Robertu Bellarmino twieled f'Montepulciano, it-Toscana, fl-1542. Daħal ġiżwita f'Ruma u sar saċerdot. Sar kardinal u isqof ta' Capua, u ħall ħafna kwistjonijiet li nqalgħu dak iż-żmien fil-Kongregazzjonijiet Rumani. Miet f'Ruma fl-1621.

### Ċelebrazzjonijiet oħra
- O.F.M. (Ħamrun); O.F.M. Conv. (Rabat); O.F.M. Conv. (Qawra) - San Franġisk fl-għoti tal-pjagi - Solennità (abjad)
- M'Xlokk - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. - San Albertu ta' Ġerusalemm, Isqof u Leġislatur tal-Ordni - Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - San Franġisk fl-għoti tal-pjagi - Festa (abjad)
- S.J. - San Roberto Bellarmino, Isqof u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)
- O.S.B. - Santa Ildegarda, Verġni - Tifkira (abjad)

## Filgħaxija

### Quddiesa
tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

### Liturġija tas-Sigħat
L-ewwel Għasar tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. L-I ġimgħa tas-salterju.

**Il-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Is 55, 6-9 Il-fehmiet tiegħi ma humiex fehmietkom.
- **Ps** 144, 2-3.8-9.17-18 Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu.
- **2L** Fil 1, 20-24.27a Għalija l-ħajja hi Kristu.
- **E** Mt 20, 1-16a Qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# 19 It-Tnejn • 2011 Settembru

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Ġennaru, Isqof u Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Esd 1, 1-6 Kull min hemm fostkom mill-poplu tal-Mulej, ħa jitla' Ġerusalemm u jibni.
- **Ps** 125, 1-6 Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
- **E** Lq 8, 16-18 Il-musbieħ iqiegħduh fuq l-imnara, biex kull min jidħol ġewwa jara d-dawl.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Martri jew tar-Rgħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġennaru kien isqof ta' Benevento; fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu ħa l-martirju flimkien ma' oħrajn qrib Napli, fejn l-aktar hu meqjum.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. - San Franġisk Marija minn Camporosso, Reliġjuż - Tifkira O (abjad)
- O.S.A. - San Alfons de Orozco, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**San Andrea Kim Taegon, Presbiteru, u Sħabu, Martri - Tifkira O (aħmar)**

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun ta' aktar minn martri wieħed [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fil-bidu tas-seklu 17, bil-ħidma ta' xi lajċi, il-fidi nisranija daħlet fil-Korea. Il-komunità tal-insara damet sas-sena 1836 mingħajr rgħajja u kienet immexxija u mwettqa, tista' tgħid, minn lajċi biss. Fil-bidu tas-sena 1836 daħlu bil-moħbi fil-Korea l-ewwel missjunarji, li ġew minn Franza. Minn din il-komunità nisranija, tul il-persekuzzjonijiet tas-snin 1836, 1846 u 1866, ħarġu 103 qaddis martri, l-aqwa fosthom is-saċerdot u r-ragħaj imħeġġeġ tal-erwieħ Andrija Kim Taegon; l-oħrajn kienu kważi kollha lajċi, rġiel u nisa, miżżewġin u le, xjuħ, żgħażagħ u tfal, li, wara tiġrib kbir bid-demm għażiż li xerrdu, ikkonsagraw il-bidu tal-Knisja li hi fil-Korea.

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Esd 6, 7-8.12b.14-20 Lestew il-bini tat-Tempju u għamlu l-festa tal-Għid.
- **Ps** 121, 1-5 Fraħt meta qaluli: sejrin f'dar il-Mulej!
- **E** Lq 8, 19-21 Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid hu.

# 21 L-Erbgħa • 2011 Settembru

**San Mattew, Appostlu u Evanġelista - Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Efes 4, 1-7.11-13 Alla ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud evanġelisti.
- **Ps** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Mt 9, 9-13 Ejja warajja. Dak qam u mar warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa u mill-Komun tal-Appostli [B]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Mattew twieled f'Kafarnahum, u kien wieħed mill-uffiċjali li jiġbru t-taxxi, meta Ġesù sejjaħlu. Kiteb Evanġelju bil-lhudi; jingħad li mar jippriedka fil-Lvant.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Rabat - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, Martri) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) - Solennità (abjad)

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Ħag 1, 1-8 Ibnu d-dar, u jien nitgħaxxaq biha.
- **Ps** 149, 1-6.9 Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu.
- **E** Lq 9, 7-9 Lil Ġwanni qtajtlu rasu; mela min hu dan li fuqu qiegħed nisma' dan kollu?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. - San Injazju ta' Santhia, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- Għaxaq - Beatu Vicente Scicluna Hernandez u 232 Martri Spanjoli - Tifkira (aħmar)
- S.J. - Beatu Tumas Sitjar, Presbiteru u Sħabu Martri - Tifkira (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, Martri) - San Mattew, Appostlu u Evanġelista - Festa (aħmar)

# 23 Il-Ġimgħa • 2011 Settembru

**San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Ħag 1, 15b - 2, 9 Dalwaqt, ftit ieħor biss, u nimla dan it-Tempju bil-glorja.
- **Ps** 42, 1-4 Ittama f'Alla, hu l-għajnuna u Alla tiegħi.
- **E** Lq 9, 18-22 Inti l-Messija ta' Alla. Jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Piju minn Pietrelcina, fil-Kunvent ta' San Ġovanni Rotondo fil-Puglia, serva bħala direttur spiritwali għal bosta erwieħ, wassal ħafna penitenti għar-rikonċiljazzjoni, u ħa ħsieb il-fqar u dawk fil-bżonn. Bħal-lum temm il-pellegrinaġġ tiegħu fuq din l-art maqgħud ħaġa waħda ma' Kristu Msallab.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M.Conv.; O.F.M. Cap. - San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.S.J. - San Żakkarija u Santa Elizabetta, Ġenituri ta' San Ġwann Battista - Tifkira O (abjad)
- O.F.M. (II Ordni. Monasteru S. Klara) - Santa Klara ta' Assisi 'in inventione corporis' - Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • 2011 Settembru 24

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Żakk 2, 5-9.14-15a Ġej biex ngħammar f'nofsok.
- **Ps** Ġer 31, 10-13 Il-Mulej iħarisna bħalma ragħaj iħares il-merħla tiegħu.
- **E** Lq 9, 43b-45 Bin il-bniedem għandu jkun mogħti f'idejn il-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. - Beata Columba Gabriella Sagheddu, Verġni - Tifkira (abjad)
- O.F.M. - San Paċifiku minn San Severino, Presbiteru - Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-II ġimgħa tas-salterju.

# 25 Il-Ħadd • 2011 Settembru

**Is-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**

- **1L** Eżek 18, 25-28 Jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub, isalva ruħu.
- **Ps** 24, 4-9 Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, Mulej.
- **2L** Fil 2, 1-11 (Fil 2, 1-5) Aħsbu bħal ma kien jaħseb Kristu Ġesù.
- **E** Mt 21, 28-32 Il-pubblikani jaslu qabilkom fis-Saltna ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • 2011 Settembru 26

**tas-sitta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Kosma u San Damjan, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Żakk 8, 1-8 Jiena nsalva l-poplu tiegħi mil-Lvant u mill-Punent.
- **Ps** 101, 16-21.29.22-23 Il-Mulej bena lil Sijon u deher fis-sebħ tiegħu.
- **E** Lq 9, 46-50 Min hu l-iżgħar fostkom ilkoll, dak hu l-kbir.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Martri [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Skont dokumenti antiki, il-qabar ta' San Kosma u San Damjan kien jinsab f'Cirro, is-Sirja, fejn inbniet bażilka f'ġieħhom. Minn hemm il-kult tagħhom wasal f'Ruma u xtered mal-Knisja kollha.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Luqa, Ħamrun (S. Gejtanu) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. - Beatu Aurelio ta' Vinalesa, Presbiteru, u Sħabu Martri ta' Valencia - Tifkira (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
San Lawrenz (Knisja Parrokkjali) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1897) - Solennità (abjad)

# 27 It-Tlieta • 2011 Settembru

**San Vinċenz de Paul, Presbiteru - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Żakk 8, 20-23 Kotra ta' popli jiġu jfittxu l-Mulej tal-eżerċti f'Ġerusalemm.
- **Ps** 86, 1-7 Alla hu magħna.
- **E** Lq 9, 51-56 B'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għal dawk li għamlu opri ta' ħniena [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tal-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Vinċenz de Paul twieled fil-lbiċ ta' Franza fl-1581. Wara l-istudji ordna qassis, u bagħtuh kappillan ta' parroċċa f'Pariġi. Waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Missjoni għall-formazzjoni tal-kleru u għall-għajnuna tal-foqra. Id f'id ma' Santa Ludovika de Marillac waqqaf ukoll Kongregazzjoni ta' sorijiet. Miet f'Pariġi fl-1660.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.O.C. - San Vinċenz de Paul, Presbiteru - Solennità (abjad)
- F.S.C. - Beatu Scubilion Rousseau, Reliġjuż - Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. - Beatu Innocenz ta' Berzo, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - Beati Ġużepp Calasanz u Enriku Saiz, Presbiteri u 93 Sħabhom Martri - Tifkira (aħmar)
- S.J. - Approvazzjoni u twaqqif tal-Kumpanija ta' Ġesù fl-1540 mill-Papa Pawlu III.

# L-Erbgħa • 2011 Settembru 28

**tas-sitta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Wenċeslaw, Re tal-Boemja, Martri - Tifkira (aħmar)**
***jew* San Lawrenz Ruiz u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Neħ 2, 1-8 Jekk is-sultan jidhirlu li hi ħaġa sewwa, nixtieq li jibgħatni f'art missirijieti, ħalli nerġa nibnieha.
- **Ps** 136, 1-6 Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi, jekk ma niftakarx fik Ġerusalemm.
- **E** Lq 9, 57-62 Tmur fejn tmur, jiena niġi warajk.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Vinċeslaw twieled fil-Boemja għall-ħabta tas-sena 907, u trabba ta' nisrani minn oħt missieru. Madwar is-sena 925 laħaq duka. Iltaqa' ma' ħafna twegħir fit-tmexxija tas-sudditi tiegħu u l-ħarsien tal-fidi tagħhom. Ħuh Boleslaw qarraq bih, u waqa' f'idejn in-nies ta' qattagħni, li qatluh fis-sena 935. L-insara minnufih żammewh bħala martri; hu l-patrun prinċipali tal-Boemja.

Fis-seklu 17, bejn is-snin 1633 u 1637, sittax-il martri, Lawrenz Ruiz u sħabu, għall-imħabba ta' Kristu xerrdu demmhom fil-belt ta' Nagasaki, fil-Ġappun. Dawn il-martri reliġjużi Dumnikani jew imseħbin magħhom, kienu disa' saċerdoti, żewġ reliġjużi, żewġ verġni u tliet lajċi, fosthom Lawrenz Ruiz, missier ta' familja mill-gżejjer Filippini. Dawn kollha, mhux fl-istess żmien u lanqas bl-istess mod, xerrdu l-fidi nisranija fil-gżejjer Filippini, fil-gżira ta' Formosa (Taiwan) u fil-gżejjer tal-Ġappun u hekk taw, b'mod tal-għaġeb, xhieda tal-universalità tar-reliġjon nisranija, u, bħala missjunarji mhux mirbuħa, xerrdu bil-kotra ż-żerriegħa tal-ħajja nisranija għall-ġejjieni bl-eżempju tal-mewt tagħhom.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. - San Duminku Ibanez u Sħabu Martri tal-Ġappun - Tifkira O (aħmar)
- O.S.A. - Il-Martri tal-Ġappun - Tifkira (aħmar)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Għarb (Knisja Parrokkjali u Bażilka taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Elizabetta) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) - Solennità (abjad)

**Nota:**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu I (1978)

# 29 Il-Ħamis • 2011 Settembru

**L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijel u Rafel - Festa (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Anġli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Dan 7, 9-10.13-14 Eluf ta' eluf kienu jaqduh.
  *jew* Apok 12, 7-12a Mikiel u l-anġli tiegħu tqabdu mad-Dragun.
- **Ps** 137, 1-5 Quddiem l-Anġli niżżik ħajr, Mulej.
- **E** Ġw 1, 47-51 Intom għad taraw l-anġli ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmi tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fil-jum tad-dedikazzjoni tal-bażilka ddedikata lil San Mikiel, fit-triq Salaria, ġewwa Ruma, il-Knisja tiċċelebra flimkien lit-tliet arkanġli Mikiel, Gabriel u Rafel. Dawn lejl u nhar jaqdu lill-Mulej, jikkontemplaw wiċċu u jigglorifikawh bla waqfien.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. (Birgu) - Dedikazzjoni tal-kappella - Solennità (abjad)

**Nota**
Illum jaħbat l-anniversarju tal-ordinazzjoni episkopali tal-Eċċellenza Tiegħu Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof emeritus ta' Malta.

# Il-Ġimgħa • 2011 Settembru 30

**San Ġilormu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Bar 1, 15-22 Aħna dnibna quddiem il-Mulej; ma smajniex minnu.
- **Ps** 78, 1-5.8-9 Eħlisna, Mulej, f'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek.
- **E** Lq 10, 13-16 Min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tad-Dutturi [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġilormu twieled fi Stirdone, id-Dalmazja, għall-ħabta tas-sena 340; studja u tgħammed f'Ruma. Beda ħajja axxetika, mar fil-Lvant u ordna qassis. Reġa' lura f'Ruma u l-Papa Damasu għamlu segretarju tiegħu. Hemm qabad jaqleb il-Bibbja għal-Latin, u mexxa 'l quddiem il-ħajja monastika. Imbagħad mar joqgħod f'Betlehem, u ta sehem tassew kbir biex jgħin lill-Knisja fil-ħtiġijiet tagħha.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Żebbuġ (Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1736) - Solennità (abjad)

# 1 Is-Sibt • 2011 Ottubru

**Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja - Tifkira O (abjad)**

## Filgħodu

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Bar 4, 5-12.27-29 Dak li bagħat fuqkom dan l-hemm kollu, għad jimliekom b'ferħ dejjiem.
- **Ps** 68, 33-37 Il-Mulej jisma' l-fqajrin.
- **E** Lq 10, 17-24 Ifirħu għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat (sat-Talb ta' Nofs il-Jum)**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa. Antifona proprja għall-Benedictus.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Tereża tal-Bambin Ġesù twieldet f'Alencon, Franza, fl-1873. Għadha żagħżugħa, daħlet fil-monasteru karmelitan ta' Lisieux, fejn tħarrġet bil-bosta fl-umiltà, fis-sempliċità evanġelika u fil-fiduċja f'Alla, u bil-kelma u bl-eżempju għallmet bis-sħiħ l-istess virtujiet lin-novizzi. Wara li offriet ħajjitha għas-salvazzjoni tal-erwieħ u għat-tkattir tal-Knisja, mietet fit-30 ta' Settembru 1897.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (B'kara) - Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja - Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. - Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja - Festa (abjad)

## Filgħaxija

**Quddiesa**
tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. It-III ġimgħa tas-salterju.

**Is-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 5, 1-7 L-għalqa tal-Mulej tal-eżerċti hija d-dar ta' Iżrael.
- **Ps** 79, 9.12-16.19-20 L-għalqa tal-Mulej hija d-dar ta' Iżrael.
- **2L** Fil 4, 6-9 Alla tas-sliem ikun magħkom.
- **E** Mt 21, 33-43 Il-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Mġarr - Id-Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 3 It-Tnejn • 2011 Ottubru

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Ġona 1, 1 - 2, 1.11 Ġona qam biex jaħrab minn quddiem il-Mulej.
- **Ps** Ġona 2, 2-5.8 Mulej, int tellajtli ħajti minn ġol-ħofra.
- **E** Lq 10, 25-37 Il-proxxmu tiegħi min hu?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. - San Franġisk Borja, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- O.S.B. - Beatu Kolumba Marmion, Abbati - Tifkira (abjad)

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Ġona 3, 1-10 In-nies ta' Ninwé reġgħu lura mit-triqthom il-ħażina.
- **Ps** 129, 1-4.7-8 Jekk tal-ħtijiet int tagħti każ, Mulej, min jista' jżomm sħiħ?
- **E** Lq 10, 38-42 Marta laqgħetu; Marija għażlet l-aħjar sehem.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi[Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa. Innu proprju għat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u għall-Għasar. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk twieled f'Assisi fl-1182. Wara żgħożija fiergħa, ċaħad il-ġid ta' missieru u ngħaqad bis-sħiħ ma' Alla. Ħaddan il-faqar, u għadda ħajja mfassla fuq l-Evanġelju. Xandar lil kulħadd l-imħabba ta' Alla. Lil dawk li riedu jimxu warajh tahom liġijiet mill-aħjar, li wara ġew approvati mis-Santa Sede. Waqqaf ukoll Ordni ta' sorijiet, u wkoll għaqda ta' nies li, waqt li jibqgħu jgħixu fid-dinja jgħaddu ħajja ta' ċaħda. Beda l-predikazzjoni fost l-infidili. Miet fl-1226.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. - Missierna San Franġisk ta' Assisi, Djaknu u Fundatur tat-Tliet Ordnijiet - Solennità (abjad)
- O.P.; C.I.M. - San Franġisk ta' Assisi, Djaknu - Festa (abjad)

# 5 L-Erbgħa • 2011 Ottubru

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Ġona 3,10 - 4,11 Int ġietek ħasra mis-siġra tar-riġnu, u mela jiena ma kellix tiġini ħasra minn Ninwé?
- **Ps** 85, 3-6.9-10 Il-Mulej kollu tieba u fedeltà.
- **E** Lq 11, 1-3 Mulej, għallimna nitolbu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Verġni [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Marija Fawstina Kowalska, twieldet fl-1905 minn familja kbira ta' raħħala fi Glogowiec qrib Lòdz fil-Polonja; għal xi snin għamlet ix-xogħol ta' qaddejja ta' xi familji għonja; imbagħad daħlet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Madonna tal-Ħniena. Fil-kunvent qdiet b'ħerqa kbira l-uffiċċji ta' koka u purtinara jew xogħol ieħor fil-ġnien. Għexet ħajja tassew qaddisa u Alla taha ħafna doni. Il-missjoni tagħha kienet li tħeġġeġ il-bnedmin ħalli jiftakru li Alla jħobbhom u jħenn għalihom, u għal dan inqdiet b'forom ġodda ta' devozzjoni lejn il-Ħniena ta' Alla u ħabirket biex il-ħajja spiritwali tiġġedded bl-għajnuna ta' dik id-devozzjoni. Mietet fi Karkovja fl-1938. Id-djarju spiritwali tagħha hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa opri fil-letteratura mistika.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Naxxar (Santwarju tal-Ħniena Divina) - Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni - Tifkira O (abjad)
- O.S.J. - Beatu Pietru Pattarini ta' Imola - Tifkira O (abjad)
- O.P. - Beatu Raymond ta' Capua, Presbiteru - Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. - Beatu Albertu Marvelli- Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**
Belt Vittorja (Knisja tal-Kapuċċini)
- L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) - Solennità (abjad)

# Il-Ħamis • 2011 Ottubru

# 6

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* San Bruno, Presbiteru - Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Reliġjużi jew tar-Rgħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Mal 3, 13-20a Ara jiġi l-Jum, jaqbad qisu forn.
- **Ps** 1, 1-4.6 Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Lq 11, 5-13 Itolbu, u jingħatalkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-Rgħajja jew tal-Qaddisin Irġiel għar-Reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bruno twieled f'Köln għall-ħabta tal-1035; studja f'Pariġi sar qassis, u għallem it-teoloġija; ħass ruħu miġbud għall-ħajja ta' waħdu, u waqqaf monasteru taċ-Ċertożini. Il-Papa Urbanu II sejjaħlu biex jgħinu fil-ħtiġijiet tal-Knisja. Miet fi Squillace, Kalabrija, fl-1101.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. - San Bruno, Presbiteru - Tifkira O (abjad)
- S.J. - Beatu Diegu Lwiġi di San Vitores, Presbiteru Martri - Tifkira (aħmar)

# 7 Il-Ġimgħa • 2011 Ottubru

**Il-Verġni Mqaddsa Marija tar-Rużarju - Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Ġoel 1, 13-15; 2, 1-2 Jum il-Mulej, jum ta' dlam u swied.
- **Ps** 9, 2-3.6.16.8-9 Il-Mulej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja.
- **E** Lq 11, 14-26 Jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Alla, dan ifisser li wasletilkom is-saltna ta' Alla.

*Jista' jsir dan il-qari mil-*
**Lezzjonarju tal-BVM:**
- **1L** Atti 1, 12-14 Qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' Marija, omm Ġesù.
- **Ps** Lq 1, 46-55 Hienja int, Verġni Marija, li ġibt fid-dinja lil Bin il-Missier etern.
- **E** Lq 1, 26-38 Int tnissel fil-ġuf u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira u mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni proprji u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu u antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-Talb ta' Nofs il-Jum tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
It-tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija tar-Rużarju riedha ssir il-Papa San Piju V fl-anniversarju ta' meta l-flotta tal-insara ħarġet rebbieħa fuq il-għadu f'Lepanto (1571), rebħa li l-insara dejjem kienu jafuha lil Omm Alla, li tathom il-għajnuna wara li daru lejha bit-talba tar-Rużarju. Iċ-ċelebrazzjoni ta' llum tħeġġeġ lil kulħadd għall-meditazzjoni tal-misteri ta' Kristu, f'għaqda ma' Marija, li ssieħbet b'mod speċjali mal-Iben ta' Alla fl-inkarnazzjoni, fil-ħajja pubblika, fil-passjoni u fil-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. (G'mangia) - Il-Verġni Mqaddsa Marija tar-Rużarju - Solennità (abjad)
- Balzan - Id-Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)

# 8

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral - Festa (abjad)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**
***jew* L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt - Tifkira (abjad)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Slat 8, 22-23.27-30 Ħarstek taqlagħhiex min fuq din id-dar. (p 15)
- **Ps** 83, 3-5, 10-11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti! (p16)
- **E** Lq 19, 1-10 Illum 'il din id-dar ġietha s-salvazzjoni. (p 26)

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum salmi tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Skont it-tradizzjoni, meta n-Normanni ħadu lil Malta mill-Għarab, ħasbu għall-bini tal-katidral l-antik tal-Imdina, u għanuh b'ħafna renti. Il-katidral qadim ġarrab ħsarat kbar fit-terrimoti tal-1693, u minfloku nbena ieħor ikbar u isbaħ, ikkonsagrat fit-8 ta' Ottubru 1702.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Mdina (Katidral) - L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni - Solennità (abjad)
- O.S.J. - San Ugo, konfessur - Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Ġoel 4, 12-21 Ressqu l-minġel, għax laħaq il-ħsad!
- **Ps** 96, 1-2.5-6.11-12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Lq 11, 27-28 Hieni l-ġuf li ġiebek. Aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Belt Vittorja (Kappella tal-Oratorju Don Bosco) - L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1989) - Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena A. Ir-IV ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • 2011 Ottubru 9

**It-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena - (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud - Sena A**
- **1L** Is 25, 6-10a Jagħmel il-Mulej mejda b'ikel fin, u jixxotta d-dmugħ minn fuq kull wiċċ.
- **Ps** 22, 1-6 Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj.
- **2L** Fil 4, 12-14.19-20 Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini.
- **E** Mt 22, 1-14 (Mt 22, 1-10) Sejħu għall-festa lil kull min issibu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena A.  Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# 10 It-Tnejn • 2011 Ottubru

**tat-tmienja u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**

- **1L** Rum 1,1-7 Bi Kristu aħna rċevejna l-grazzja tal-appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha.
- **Ps** 97, 1-4 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Lq 11, 29-32 Ebda sinjal ma jingħata lil dan in-nisel ħlief is-sinjal ta' Ġona.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Safi - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.A. - San Tumas ta' Villanova, Isqof - Festa (abjad)
- O.S.B. - Santa Ġustina, Verġni u Martri - Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. - San Danjel u Sħabu, Martri - Tifkira (aħmar)

# It-Tlieta • 2011 Ottubru 11

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**tat-tmienja u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral - Festa (abjad)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud tas-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali Sena I (Vol II)**
- **1L** Rum 1, 16-25 Il-bnedmin għad li lil Alla għarfuh, ma tawhx ġieħ ta' Alla li hu.
- **Ps** 18, 2-5 Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla.
- **E** Lq 11, 37-41 Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S. Girgor) - Dedikazzjoni tal-knisja - Solennità (abjad)
- O.S.A. - Beatu Elija tas-Sukkors Nieves, Presbiteru u Martri - Tifkira (aħmar)
- O.F.M. - Beatu Ġwanni XXIII, Papa - Tifkira (abjad)